# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ **IL-GHAQDA** SETT.-DIĊEMBRU
**TAL-KITTIEBA TAL-MALTI** 1963

ROYAL UNIVERSITY MELITENSIS MAIN LIBRARY

# *IL-PAPA*

*IL-PAPA hu l-Kap ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa u bħala hekk jimxu warajh u jqisuh bħala missierhom il-miljuni ta' Kattoliċi mxerrdin mad-dinja kollha. Imma l-lum il-personalità tal-Papa tinfirex fuq il-ġnus kollha u hi miżmuma bħala rahan ta' fejda u ta' ftehim fost il-bnedmin. Il-kelma tal-Papa tinstama' tidwi mhux anqas minn ta' l-aqwa mexxejja tad-dinja, imma l-kelma tiegħu hi kelma ta' ħniena, ta' mogħdrija u ta' ħbiberija, kelma li tgħallem in-nies ta' kull nazzjon jimxu bħal aħwa bejniethom, tfakkar id-dmirijiet ta' min jaħkem, tistieden għal ħidma sinċiera liċ-ċittadini u twissi 'l kulħadd biex iwettaq xogħlu u għamilu skond ma jridu l-ħaqq u s-sewwa.*

*Billi l-Kap tal-Knisja ma għandux pretensjonijiet materjali u lanqas ma jfittex li jqejjes il-qawwa ta' saltnatu ma' dik ta' potenzi oħra, in-Nazzjonijiet tad-dinja, Insara u m'humiex, igħoddu l-kelma tiegħu bħala kelma għaqlija, imqanqla biss mill-ħniena, mill-ħaqq u mixxewqa għall-ġid u l-paċi. Għalkemm ħafna Gvernijiet għal raġunijiet politiċi jagħmlu ta' bil ruħhom li ma jimpurtahomx milli jgħid il-Papa, jekk wieħed jifli sewwa t-treġija tagħhom isib li ħafna mittajjeb li jagħmlu jkun imnebbah mill-kelma jew mill-fehma tal-Papa.*

*Għalhekk il-kelma tal-Papa għandha influwenza kbira fil-kanċellerij tad-dinja u l-fehma tiegħu titqies bir-reqqa kollha mill-Ministerji ta' kull nazzjon. Il-lum il-popli qegħdin jintebħu li mhux l-armi u l-gwerer igħollu n-nazzjon u jġibuh 'il quddiem, iżda l-għaqal, il-ħidma siewja taċ-ċittadini, il-liġijiet soċjali u l-progress fit-tagħlim jerfgħu poplu u jgħolluh 'il fuq fost il-għaqda tal-bnedmin. Biex iseħħ dan ma jinħteġux dittaturi jew demagogi jħambqu u jheddu, iżda bnedmin ġusti u ta' rieda tajba li jagħtu pariri ta' riżq u sliem, li jgħidu kliem li jmiss il-qalb u jxerrdu tagħlim li jidħol fil-moħħ bħalma jagħmel il-Kap tal-Knisja ta' Kristu.*

*Għal għoxrin seklu s-Suċċessuri ta' San Pietru dejjem mexxew il-merħla tagħhom bil-għaqal, dejjem għallmu dak li hu sewwa u dejjem żammew it-Twemmin bla mittiefes, dejjem ressqu l-fidili lejn it-*

*triq tal-ġenna. Matul dawn is-sekli kollha l-Knisja ltaqgħet ma' tehd-did, tfixkil, għawġ u qerda, iżda hi qatt ma mejlet rasha quddiem il-ħażen u l-Kap tagħha qatt ma qabel ma' l-imgħawweġ. Ġrajja bħal dik tal-Knisja, li seħħet fil-medda ta' għoxrin seklu, ġrajja ta' rebħiet, ta' qima, ta' għożża u ta' tjieba, tixhed l-Id ta' l-Imgħallem Divin li jmexxiha mis-Sema.*

*Il-Knisja bħala Omm Ħanina dejjem fittxet li tlaqqa' l-ħajja tal-fidili mal-ħtiġijiet taż-żminijiet, iżda bla ma qatt messet il-qofol tat-tagħlim u tat-twemmin tagħha, għax il-Knisja trid li wliedha ma jib-qgħux miġburin bejniethom qishom f'dawra tal-ħadid, imma tixtieq-hom joħorġu u jitħalltu mal-popli ħalli bil-għamil u bil-kelma jxerrdu fosthom it-tagħlim veru u jiġbduhom għal ħdan il-Vigarju ta' Kristu.*

*Din kienet il-fehma tal-Papa Ġwanni XXIII meta sejjaħ il-Kon-ċilju Ekumeniku Vatikan u din kienet il-ħidma tiegħu, ħidma li f'erba' snin qisha b'miraklu, ġibdet lejh l-ammirazzjoni, il-qima u l-ħbibe-rija ta' Kapijiet u tal-kotra, tal-għolja u taż-żgħar, bnedmin ta' kull ġens, Insara u m'humiex. Id-dinja kollha kienet tgħożż il-Papa Ġwanni u aħna l-Maltin għandna motiv nibqgħu niftakruh għax fost il-Papiet kollha hu kien l-ewwel wieħed li kellimna bl-ilsien tagħna l-Malti fl-1960 fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl, u jixraq li fil-Furjana, fejn il-Maltin kienu miġburin meta semgħuh jitkellem bil-Malti, għallinqas tissemma triq jew pjazza għall-Papa Ġwanni XXIII.*

*Is-sejħa ta' Papa Ġwanni tant instemgħet u tant dwiet fid-dinja u tant wieġbu għaliha l-ġnus, li nisslet bħal xejra għal ftehim li dehret bħal dawl jiddi fost id-dlamijiet ta' għira u mibegħda li jaħkmu d-dinja tal-lum. Papa Ġwanni, barra li mexxa bis-sedqa l-Knisja ta' Kristu, ħadem ukoll għall-ġid tal-bnedmin u għal ftehim bejniethom;* non solum ad Christi sponsae incrementum, sed etiam ad universae hominum consortionis utilitatem. *Għalhekk meta Ġwanni għalaq għajnejh u laħaq f'loku Pawlu VI, dan ma setax jonqos li jwiegħed bil-ħrara ta' qalbu kollha li jissokta l-ħidma tal-mibki Papa ta' qablu.*

*Il-Papa Pawlu għandu għerf, għaqal u ħila u fuq kollox ħeġġa biex imexxi d-dgħajsa ta' Pietru lejn il-port tal-barka u s-sliem kif kien qiegħed imexxiha Ġwanni. Il-Konċilju Vatikan li baqa' sejjer fl-istħarriġ tiegħu taħt it-tmexxija tal-Papa l-ġdid, jinkiteb fl-istorja tal-Knisja bħala ġrajja ewlenija għax, bil-għajnuna t'Alla, inissel tiġdid ta' ħrara fost l-Insara u jqajjem tqanqila biex jingħaqdu flimkien u jinfirex it-Twemmin waħdieni fost il-ġnus tad-dinja.*

# EPIGRAMMI

*Ta'* John Sciberras

### KOLLEZZJONISTA

N.N. għandu manija għall-kollezzjoni
u jġemma' bolol, friefet, u ġurati...
'Mma l-ikbar waħda li qatt kellu s'issa,
u għadha mhix mitmuma, hi tan-namrati!

### ARTI MODERNA

Biex jagħmel ponta rqiqa t-tifel qabad
fuq karta jħażżeż li, b'kumbinazzjoni,
raha d-*drawing master,* li malajr ħadhielu
u t'ha premju sabiħ fl-Esibizzjoni!

### EPITAFF GHAL XHIH

Hawn hu midfun l-akbar eroj tad-dinja
li għalkemm kellu flejjes kemm irid
għażel li jgħix ta' fqir biex il-werrieta
ikunu jistgħu jgħixu bla taħbit!

### DE LESSEPS U NASSER

L-imsejken De Lesseps dam tnax-il sena
jaħdem mingħajr serħan b'ħafna taħbit
biex fetaħ il-Kanal li, meta deherlu,
Nasser f'jum wieħed reġa' għalaq mill-ġdid.

### LIL SIR ANTHONY EDEN
**(Meta laħaq Prim Ministru)**

Mal-kumplament tad-dinja aħna rridu
ningħaqdu biex f'dal-jum nifirħu miegħek,
forsi ma tafx kif, bi tpattija, għad tbiddel
lil dil-gżira tax-xemx fil-kunjom tiegħek!

### IL-GRAN MASTRU LASCARIS

Bena kastelli, djar, u sptar mill-aqwa,
u għamel ġid lil Malta kif imiss,
iżda t-tifkira waħdanija tiegħu
hi wiċċ ikrah biss.

# L-ASSEDJU L-KBIR

## KOMMEMORAZZJONI TAR-REBĦA GLORJUŻA

## TAS-7 TA' SETTEMBRU, 1565*

*Ta'* GODFREY ZARB ADAMI

Maltin, Ħuti Sengleani,

Ġrajja epika, ġrajja erojka, ġrajja li għaġġbet lid-dinja, ġrajja li għallmet lid-dinja. Mhux il-leħen dgħajjef tiegħi jixraq biex ifakkarha, iżda l-vuċi armonjuża tal-Poeta li f'versi ta' qawwa liema bħalha, imma msebbħa b'melodiji l-aktar ħelwin, tkanta dak l-għemil qalbieni li meta jtemm il-ħajja ta' min jagħmlu jgħollih fejn l-anġli biex hemm ikun inkurunat bil-glorja tar-rebħa.

Jekk hu minnu kliem l-għorrief li l-istorja ttenni ruħha u li minnha jitgħallmu l-ġnus, fit-taqbida tal-Malti mat-Tork naraw mhux biss ittenni ruħha l-ġrajja ta' David u Gulija, jew dik ta' Maratona u tat-Termopili, imma nsibuha mniżżla wkoll fil-paġni ta' l-istorja ħalli minnha jitgħallmu l-bnedmin kif għandhom jirbħu t-twegħir li l-għadu tas-sewwa jressaq quddiemhom u jagħrfu kif id-dgħajjef meta jitma f'Alla u jissaħħaħ b'rieda qawwija jegħleb lill-kburi li jorbot fuqu nnifsu.

Meta nifthu l-ktieb ta' l-istorja u mmorru lura xi 400 sena, insibu li f'dak iż-żmien fl-Ewropa kien hemm taħwid kbir minħabba għadd ta' raġunijiet: l-għira tas-Slaten ta' Franza, Franġisku I u ibnu Neriku II għall-Imperatur, Karlu V, Re ta' Spanja li sfat f'kemm-il gwerra, daqqa toħroġ rebbieħa naħa, u daqqa oħra; it-theddida tal-Mislem li wara li rebaħ il-Persja, il-Palestina u s-Sirja, bil-bandiera tan-nofs qamar tper-per f'idejn it-Tork, beda riesaq lejn l-Ewropa. Fl-1533 jaħbat għal Vjenna; fl-1546 iġiegħel lil Venezja tagħmel paċi miegħu u bħalha ftit wara jkollha tagħmel hekk ukoll Franza, anzi din tipprova titħabbeb miegħu sabiex tħajru joħodha aktar bil-qawwa kontra Karlu V.

It-taħwid politiku bejn is-slaten Insara, li dgħajjifhom kontra l-għadu komuni, issokta kiber meta Martin Luteru fired mill-Papat bosta nazzjonijiet ta' l-Ewropa u qanqal ħafna ġlied fost l-aħwa; u biex Satana joħroġ rebbieħ aktar, inqeda bil-ġibdiet ħżiena ta' Neriku VIII ta' l-Ingilterra ħalli dik l-art, li sa dak iż-żmien kienet magħrufa bħala "id-Dota tal-Madonna", tinfired hi wkoll mill-Knisja Kattolika u tibda xxerred demm il-martri.

Kien żmien ikreh; żmien ta' waħx u biża'; żmien li ġieb miegħu xiżmi fil-qasam reliġjuż u taħwid u taqlib kbir fil-kamp politiku u soċjali. Imma kien ukoll żmien ta' fejda, għaliex demm il-martri saqqa

---

*Diskors li nqara l-Isla fil-Jum tas-7 ta' Settembru fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja.

ż-żerriegħa ta' Loyola u l-Konċilju ta' Trentu ħabbar minn Ruma rebbiegħa ġdida għall-Knisja ta' Kristu; u Malta, iċ-ċkejkna Malta tagħna, uriet lid-dinja ta' dak iż-żmien kif kien messhom imxew is-Slaten u l-kbarat,

U jekk minn Ruma ħarġet u nstemgħet tidwi ma' kullimkien issejħa għall-għaqda spiritwali, minn Malta leħħ dawl qawwi ta' għaqda wtieqa kontra l-għadu Mislem għaliex f'Malta ngħaqdu n-nazzjonijiet—rappreżentanti tagħhom il-Kavalieri ta' seba' lingwi differenti—biex jivvendikaw it-telfa ta' Rodi u jhejju t-triq għal Lepanto—li fissret ittmiem tat-tehdida Musulmana.

Seba' snin qabel ma ġew Malta, il-Kavalieri ta' San Ġwann tilfu Rodi li minnha telqu bl-unuri tal-gwerra. Fl-1530 Karlu V, għat-talba tal-Papa Klement VII, tahom Malta, u, għalkemm kienu nies bla dar, huma laqgħu dak ir-rigal forsi kontra qalbhom billi l-Gżira tagħna kienet żgħira, fqira, miftuħa għall-għadu u priża tal-kursari ta' Barbarija li sikwit kienu jinżlu jagħmlu ħerba fiha. Għalkemm il-Kavalieri kienu nies li ħalfu ġlieda ma taqtax kontra l-Mislem u kienu wkoll gwerriera mħarrġa f'kull xorta ta' taqbid, ħtieġet ir-rieda soda ta' L'Isle Adam biex iżżommhom Malta għax minnha hu ried jagħmel bejta ġdida mnejn l-isqra tiegħu joħorġu jittajru għal fuq l-għadu biex ipattu għat-telfa ta' Rodi. Ħadem L'Isle Adam għal dan il-għan u ħadmu l-Gran Mastri ta' warajh, imma kellu jkun La Valette li ftit tas-snin wara jagħmel minn Malta tarka soda li tilqa' bil-qawwa l-attakki tannofs qamar li ried ixejjinha ħalli ma tkunlux ta' tfixkil fl-avanz tiegħu lejn il-Punent.

Hu minnu li l-Kavalieri kienu klieb ħarxa tal-baħar u tigri feroċi fuq l-art. Hu minnu li La Valette mhux biss kien raġel ta' l-azzar li ħa l-magħmudija tad-demm fuq is-swar ta' Rodi, li għaraf xi tfisser ilqrusa tal-jasar meta waqa' f'idejn il-kursar Tork, li bħala Kap taxxwieni ta' l-Ordni għadda snin jeħodha mal-ħalel tal-baħar u jissara mal-baħrin tal-għadu, imma hu tassew ukoll li hu kien Ġeneral imħarreġ u għaqli li minkejja kull twegħir—l-aktar billi l-fortizza ta' Malta ftit kienet laħqet issaħħet—xejn ma kien jaqtagħlu qalbu għaliex kien jorbot fuq il-ħniena t'Alla u l-ħarsien t'Ommna Marija.

Imma, meta s-*Sultana*, ix-xini ta' l-istess Sulejmani twasslet fil-port tagħna, mogħnija kif kienet għan-nisa tal-Harem, La Valette għaraf li kien wasal il-waqt tal-prova, li ma kienx hemm żmien x'jintilef għaliex it-Tork kien ser jagħdab bl-ikreh u ma jdumx ma joħodha kontra Malta u jixħet il-qawwiet tiegħu kbar kontra tagħha. Għalhekk hu bagħat l-ispiji tiegħu fl-istess Kostantinopli biex jitkixxfu u jżommuh imgħarraf b'dak li kien qiegħed jithejja. Induna wkoll li kellu ta' bilfors jorbot fuq il-Maltin u beda jħarreġ aħjar in-nies tad-Dejma. Bilflus li kellu u bil-għajnuna li seta' jikseb issokta jsaħħaħ id-difiża tal-Gżira; isewwi s-swar, iġib qmuħ u jaħżinhom, jittallab kull xorta ta' munizzjon u għajnuna ta' nies. U fl-aħħarnett sejjaħ Malta n-nies

kollha ta' l-Ordni biex ihejju rwieħhom għat-taqbida fatali.

Sewwa kien għamel La Valette u wera l-għaqal u d-deheṅ tiegħu meta beda jħarreġ il-Maltin għat-taqbid għax x'setgħu jagħmlu l-ħames mija u tnejn u disgħin ruħ ta' l-Ordni, l-elfejn suldat Spanjol jew Taljan li kellhom magħhom u l-ħames mitt irsiera meħlusa kontra l-erbgħin elf suldat Tork, fosthom Spaħi u Ġannizzari, taħt it-tmexxija ta' Pjalì, Dragut, Mustafa, Kandalissa u oħrajn bħalhom nies tal-biża', li ma kienx għas-sitt elef Malti li ħarġu jissieltu mal-għadu bil-forzi tagħhom kollha u b'kull arma li jsibu f'idejhom, iduru bil-midruba u jiġbru l-mejtin sabiex Malta tibqa' ta' Kristu, fidila lejn it-tagħlim ta' Pawlu?

Għal kważi erba' xhur Malta nbidlet f'infern ta' nirien u dħaħen ħerġin mill-bokok tal-kanuni, mill-borom taż-żift jagħli, u miċ-ċrieki jaqbdu mixħutin fuq l-għedewwa huma u jixxabbtu mas-swar; ta' ħsejjes ta' sparar ta' kanuni u azzarini, ta' mazez, katapulti u mini jesplodu; ta' ċekċik ta' xwabel, sjuf, ximitarri, mnanar u lanez; ta' ġlied sider ma' sider, ta' ġlied minn fuq iż-żwiemel; ta' għajat u twerżiq, ta' tnehid u krib, ta' nigħi u tiżhir, ta' dagħa u ċapċip; ta' demm imċarċar, ta' iġsma midruba u mejta; ta' nies għarqana, ta' nies għajjiena, ta' nies feroċi, ta' nies qalila, ta' nies faħxija, ta' nies twajba—imma kollox kien imgħotti minn sħaba ta' trab u duħħan li jifgawk, u kollox kien imgħargħar f'intiena ħierġa mill-iġsma tal-ħajjin u mill-iġsma tal-mejtin.

Kien it-18 ta' Mejju meta fuq ix-xefaq il-baħar kaħlani li jgħannaq lil artna dehret il-flotta formidabbli tal-Mislem—mija u ħamsin xini u aktar taħt l-Ammirall Pjali—li ġiebet magħha armata ta' erbgħin elf suldat, ġellieda l-aktar ħarxa, nies fanatiċi armati sa snienhom, taħt il-Ġeneral Mustafa. Din kienet armata li tkexkex għax kienet kinset minn quddiemha lil kull min kien ittanta jeqfilha, għax kienet magħmula minn suldati ġellieda u kuraġġużi li kienu jitqabdu bl-aqwa armi ta' dak iż-żmien u kienu mmexxija mill-aħjar Ġenerali. Ma damux ma niżlu l-art, is-suldati Torok, u jinfirxu bħal ġrati ma' kullimkien wara xi taqbida ħafifa man-nies tagħna li bdew ifittxu jidħlu fl-ibliet. Jumejn wara, La Valette ġabar in-nies tiegħu kollha—ilkoll flimkien, jaħasra, kienu jlaħħqu biss tmint elef u ħames mitt ruħ. Fil-beraħ saritilhom Quddiesa u kellimhom Fra Robertu minn Evoli; ilkoll xerrdu d-dmugħ u ħalfu bi Kristu f'sidirhom li lil Kristu ma jiċħduhx u li jmutu Għalih. Ma kenitx le biss il-ħila ta' dawn il-ftit nies li kisbet ir-rebħa, imma kienet fuq kollox l-għajnuna tas-Sema, kien il-ħarsien ta' dik is-sbejħa xebba Lhudija, Omm t'Alla u tagħna l-bnedmin, li lilha l-Maltin dejjem jitolbu u fiha jittamaw.

Jien nieqes mill-ħila li nġib quddiem għajnejkom x'għadda mill-imsejkna Malta tagħna; ħalluni, għalhekk, ninqeda bi kliem il-Poeta Nazzjonali—dak il-qassis ta' Kristu li m'ilux tar fi ħdan il-Mulej, u li

ħadd bħalu ma wera dak li jgħaddi minn qalb il-Malti meta Kristu jkun imhedded;

Għidli, ja xemx, fil-mixja ta' kull sena,
Li tkejjel biha l-ġrajja tal-bnedmin,
Qatt rajt ħaġa isbaħ minn Sant'Jiermu tagħna?
Qatt rajt iljuni eħrex mill-Maltin?

Għax huma raw jitkissru waħda, waħda
L-imrammi ta' l-iswar taħt in-nirien,
Iżda ħilithom ma nkisritx u l-għadu
Hemm sabhom jistennewh fuq is-sisien;

U l-aħħar wieħed li ġo qalbu dieħla
Hass ix-xafra qattiela u sfar, u miel,
Għajjat ismek, ja Malta, u lil min qatlu
urieh in-naħa l-oħra 'l San Mikiel;

U għadha tidwi dik l-għajta mqaddsa
Kull meta l-baħar mill-grigal milqut
igerbeb bħal egħdewwa l-ħalel kiefra
Tal-kbir Sant'Jiermu fuq l-imġarrba xtut.

Xi swew l-iġsma ta' dawk il-qalbenija
Li l-Mislem ħajjen sammar fuq l-għuwied
U b'theddida 'l-oħrajn bagħ'thom mal-mewġa
B'ħalfa li f'Malta ma jibqax ulied?

Għemil imdemmem ma jbażżax iljuni.
Għal dik il-ħalfa wieġbet oħra: n-nar
Leħħ minn Sant'Anġlu u San Mikiel, u dehru
Anġli ta' wens in-nisa fuq l-iswar.

Mewġ wara mewġ, bil-ħila ta' l-inkejja,
Bil-għatx tar-rebħa, bix-xwabel mislutin,
Taħt ħakma tajba, sfieq, imħeġġa, annuna
Resqu, tennew u telltu l-Misilmin.

L-ajru mimli nirien, dħaħen, u biża',
Hares imgħaġġeb fuq il-wied tad-demm:
Ġriet karba ma' l-Ewropa; is-slaten kollha
Harsu miblugħa, jistennew il-hemm:

U donnha mkeffna x-xemx telgħet u niżlet
Bosta drabi u kuljum sabet il-ġlied
Aktar aħrax minn qabel, għad li mfarrad
U mħarbat kuljum iżjed il-ġellied.

U int kont taf, o Malta ċkejkna u ħelwa,
Li fil-miżien li jiżen il-ġrajjiet
Kien hemm fil-keffa l-waħda l-qalb ta' wliedek,
U fl-oħra l-kotra tal-għadu u l-kefrijiet!

Iżda jekk għas-sejħa ta' La Valette wieġbu l-Maltin u l-Għawdxin minn kull naħa tal-Gżejjer tagħhom, ħadd minnhom ma ħalef aktar bil-qalb min-nies ta' l-Isla li ma jħallux lill-għadu jirfes fuq art belthom jekk qabel ma jkunux tilfu demmhom kollu u mietu jitqabdu. U l-ħalfa li għamlu żammewha. Mhux ta' xejn dik il-belt ħelwa kollha ħdura, dik il-ġnejna grazzjuża għal qalb La Sengle li kien taha ismu, saret wara l-Assedju magħrufa bħala "Città Invitta" jew "Belt Qatt Mirbuħa". Għaliex jekk qalbenin kienu l-Maltin kollha ta' matul dawk l-erba' xhur tal-biża', jekk l-ebda Malti, minkejja l-wegħdiet ħajjarin tal-għadu, ma sar Ġuda u għażel il-ħelu tal-Mislem għall-morr tan-Nisrani, żgur ħadd ma sebaq fit-taqbid lil dawk li bħal iljuni feroċi ddefendew lil San Mikiel u baqgħu jixtħu lura u jeqirdu mewġa wara l-oħra tal-għadu sakemm qatgħulu qalbu, tant li għaġġbu mhux biss lid-dinja imma saħansitra lil ħuthom il-Maltin. U dan huma għamluh minkejja li s-swar kienu għadhom dgħajfa għax mhux lesti u li kel-lhom joħorġu lix-xjuħ, in-nisa u t-tfal biex igħinu fit-thejjija ta' l-irpar, tal-palizzati u tal-paravisati, kif ukoll biex igħinu fit-taqbid minn fuq l-iswar u jieħdu ħsieb il-midruba u l-mejta. Il-qlubija li wrew is-Sengleani wettqitha Sidtna Marija, Patruna speċjali tagħhom, għax riedet li r-rebħa aħħarija tinkiseb lejlet nhar twelidha u li t-tempju li kellu jinbena l-Isla dedikat lil Marija Bambina jkun tassew "*monumentum insignis victoriae*".

Qatt daqs il-lum ma ħassejtha toħroġ tbaqbaq minn qalbi t-tislima ta' "Maltin u Ħuti Sengleani"; qatt daqs dal-ħin ma ħassejtni hekk kburi li kelli x-xorti nara d-dawl tal-ħajja, sew temporali kemm spiritwali, f'din il-belt ħelwa li dejjem tittama f'Ommna Marija u li magħha dejjem isserraħ qalbha. U mhux ta' xejn, għax il-Madonna qatt ma naqsitna; le, mhux biss fl-Assedju l-Kbir tatna l-għajnuna tagħha biex missirijietna jiksbu dik il-vittorja glorjuża, imma drabi oħra wkoll kif tixhed il-purċissjoni b'wegħda li ta' kull sena ssir bil-vara inkurunata ta' Marija Bambina u kif tixhed l-istatwa ta' rħam abjad, li aħna n-nies ta' l-Isla ta' qabel l-aħħar gwerra, konna nsibu bl-isem tal-Madonna tan-Nofs li l-antenati tagħna waqqfu meta fil-pes-ta ta' l-1813 in-nies ta' l-Isla ma tniġġsux b'dik il-marda kiefra; ftakru meta nkisbet ir-rebħa tal-Maltin kontra l-qawwiet tal-kbir Napuljun li ried ikasbar il-jeddijiet tal-Knisja tagħna; ġibu quddiem għajnejkom il-ġrajjiet ta' l-aħħar Gwerra Dinjija—kif laqtu lil Malta—u ftakru b'mod speċjali fit-8 ta' Settembru tas-sena 1942, meta, waqt li Marija Bambina kienet għaddejja mit-triqat tal-belt tagħna, imġarrfa għal darb'oħra, imma għal darb'oħra le mirbuħa, ġriet bħal leħħa ta' berqa

l-aħbar li l-Italja kienet ċediet, li Malta kienet tista' terġa' tibda tieħu n-nifs. Qatt, forsi, daqs dak in-nhar ma ġelben ma' ħaddejna dmugħ ta' akbar ferħ; qatt forsi ma kantajna b'aktar ħerqa, qatt forsi daqs dak il-mument ma ħarġet aktar imħeġġa l-għanja li biha konna, fi kliem Dun Karm, sellimna għall-ewwel darba liċ-ċkejkna tarbija tagħna meta kienet inkurunata Reġina ta' qalbna; u qatt forsi daqs dak il-waqt ma wrejna fil-beraħ x'naħsbu f'qalbna għal dik it-Tfajla, ħelwa, sabiħa, ħanina u raddejnielha ħajr għax ħabbitna, ħarsitna u rebbħitna.

Ma gidibx Voltaire meta qal: "*Rien n'est plus connu que le Siege de Malte*", għax tassew kienu bosta dawk li kitbu u tkellmu fuq l-Assedju l-Kbir ta' Malta. Imma dawn, jaħasra, faħħru ħafna—u għamlu sewwa—l-għamil qalbieni tal-Kavallieri u tal-mexxej kbir tagħhom, imma ftit li xejn semmew—u għamlu ħażin ħafna—sehem missirijietna. Nuqqas ta' ħaqq li l-istorja għandha tivvendika: għalhekk forsi hu meħtieġ li ta' kull sena nfakkru dik il-ġrajja glorjuża sabiex ngħallmu 'l uliedna x'għamlu l-Maltin ta' l-imgħoddi ħalli Malta tibqa' ħielsa miexja fit-triq li wrieha Pawlu.

Jien nerġa' nistaqsikom; x'setgħu jagħmlu l-Kavalieri waħedhom kontra t-Torok li ma kenitx għall-għajnuna kbira tal-Maltin? Iżda qatt le taħsbu li l-Maltin taw ħajjithom għal wiċċ il-Kavalieri: dawk kienu nies imqita, awtokrati aristokratiċi mkabbrin bihom infushom li sakemm damu hawn fostna qatt ma riedu l-Maltin magħhom. Le, missirijietna ċarċru demmhom sabiex Malta ma taqax taħt in-nofs Qamar, sabiex Arthom tibqa' Nisranija u ħielsa—hekk dejjem għamlu. Mela

O ħalli nbusu dak it-trab imqaddes
Magħġun bid-demm ta' qlub li ħabbew sħiħ;
B'demmek, ja Malta, li għal dejjem rifed
Il-jedd ta' Kristu u ta' l-Ewropa l-ġieh.

U int ja xemx, fil-mixja ta' kull sena
Li tkejjel biha l-ġrajja tal-bnedmin,
Xandar lill-ġnus taż-żewġ qasmiet tad-dinja
Li qatt rebħa ma rajt isbaħ minn din.

M'għandhiex, forsi, tagħlima serja għalina, il-Maltin tal-lum, l-imġiba ta' missirijietna? L-istess bħalma fi żmien l-Assedju l-Kbir l-Ewropa tal-lum tinsab dgħajfa quddiem theddida l-aktar faħxija għax l-Ewropej huma mifrudin minn interessi differenti: imma l-istess bħalma fl-imgħoddi diġà qiegħda tinħass sewwa l-ħtieġa tal-għaqda, u minn Ruma diġà qiegħda terġa' tinstema' l-għajta qaddisa ta' għaqda bejn l-Insara kollha taħt it-tmexxija tal-Vigarju ta' Kristu. Meta nġibu dan quddiem għajnejna, meta niftakru fil-pożizzjoni ġijografika ta' Malta, it-tradizzjonijiet tagħna, il-ġrajjiet li ġarrabna, min kienu u min huma l-Maltin, umilment aħna nistaqsu jekk lil Malta hix ser terġa' tmissha x-xorti li tkun il-kwartier ġenerali ta' l-Ewropa magħquda, l-istess bħalma l-Provvidenza Divina riedet tinqeda biha

400 sena ilu biex turi kif kellhom jimxu n-nazzjonijiet ħalli jeħilsu mill-jasar li kien qiegħed jhedddidhom. Jekk dan nixtequh u rriduh jiġri, fuq il-passi ta' min għandna nimxu, jekk mhux fuq dawk ta' missirijietna li għaxu u mietu ta' rġiel Insara?

Għalhekk, qabel ma ntemm dawn l-erba' kelmiet, ħalluni fuq iz-zuntier ta' dan it-tempju manjifiku, li minkejja l-ħsarat kbar li ġarrab minn id il-għadu, reġa' tela' aktar sabiħ minn qabel, u quddiem din l-istatwa, figura ta' Malta trijonfanti, li f'riġlejha intom għadkom kif qegħidtu l-kliel tar-rand bħala għelm ta' qima lill-qalbenin Maltin, iva, ħalluni nerġa' nsellem, f'isimkom u f'ismi, lill-eroj kollha li għamlu sehemhom biex Malta tibqa' Maltija, u nitlob lil Sidtna Marija Bambina tidħol għalina ma' Binha Ġesù ħalli bħalma żammna dejjem, jibqa' jżommna fidili lejn id-Dawl tas-Sewwa.

VIVA MALTA NISRANIJA U HIELSA!

---

## EPITHALAMION

*Ta'* ĠUŻE' ABELA

Fi żwieġ oħti CARRIE ma' ĠUŻI GALEA
fil-Knisja ta' San Ġużepp, West Brunswick.

Oħorġu lkoll, ja żgħażagħ,
Bil-libsa bajdanija,
Bil-faxxa ħamranija,
U iżfnu lkoll flimkien.

Il-lum sejrin jintrabtu
Żewġ qlub mill-Art Maltija
F'għaqda sħiħa u qawwija
Li ma jħollhiex iż-żmien.

Ejjew, tfajliet żinżilli,
U x'ħin tiżfnu ferħana
Mill-kannestri kotrana
Ferrxu ward u pepprin.

Għax Kristu l-lum se jseddaq
U jbierek din il-ġrajja
Biex tibqa' dejjem ħajja
F'daż-żewġt iqlub Maltin.

# L-HENA BISS FIL-POEŻIJA

*Ta'* Guże' Cardona

Lill-Poeta A... wara li smajtu jikkommenta fuq xi poeżija tiegħu.

Tfajla rżina
X'int tistenna
Fl-isbaħ żmien tal-poeżija?
Jekk jien qrajt xewqatek sewwa
Qiegħda tnin
B'xenqiet moħbija;
Qiegħda tgħix mitlufa f'ħolma
Kollha bews, ħlewwiet il-ġenna,
Fejn in-niket qatt ma jirfes...
Kollox tieba... kollox benna...
Oh kemm għad iddum tistenna
Din is-saltna bla tithenna...
Ibqa' ittama,
Tfajla ħelwa,
Fiż-żmien sbejjaħ taż-żgħożija...
Iżda meta tikber bħali
U ssib baħħ fuq l-art madwarek:
Jinsewk ħbiebek,
Jidbiel ġmielek
L-ilwien igħibu minn ta' nwarek
U bil-lift jittektek xagħrek!
Meta fl-aħħar taqta' jiesek;
Ħajt il-kenn ma ssibx minn niesek...
Tiddisprax u tfarrakx rasek...
Ħaddem rasek,
Mara għaqlija,
Mhux tard wisq jekk tieħu għalija...
Int qist l-hena barranija,
Jien tgħallimt l'hi ġewwinija,
Tfawwar biss mill-poeżija!

# LIL SAN ĠUŻEPP

*Ta'* Joe Mejlak

Kont fqajjar Ġużeppi — iżd'umli u ħanin,
U ġejt magħżul Inti — b'Missier il-Bambin.

F'ħanut ċkejken, fqajjar — kont taħdem bla serħ
U b'Martek ma' ġenbek — Int kont tħoss kull ferħ

U b'Ibnek igħinek. — Min jaf Int x'kont tħoss
X'ħin Lilu Marija — ma' qalbha Hi tross?

X'ħassejt o Ġużeppi — x'ħin 'l Ibnek tliftuh
Tlaqt Inti u Marija — imnikkta tfittxuH.

Stagħġibtu x'ħin Lilu — rajtuH ma jridx jaf,
U jwieġbek bil-ħlewwa — "Inti ma kontx taf

Li waslet is-siegħa — li ngħallem lin-nies,
Ngħallimhom iħobbu — 'l Missieri bla qies!"

O Mqaddes Ġużeppi — ħarisna f'kull ħin,
Int itlob għalina — liċ-ċkejken Bambin

Sabiex lilna jbiegħ'd — mill-kruha tad-dnub
U mill-bnedmin kollha — ikun Hu maħbub.

---

## HIDMIET TA' MEMBRI AKKADEMIĊI.

**Il-Kav. Albert Cassola, Membru Akkademiku tal-"Għaqda" dan l-aħħar xandar fuq it-television serje ta' lezzjonijiet fuq it-tagħlim ta' l-ilsien Malti. Is-Sur Cassola, li hu surmast kompetenti, fisser bil-għaqal bis-sengħa u bil-ħeffa s-sisien tat-tagħlim ta' ilsienna tant li x-xandiriet tiegħu kienu mhux biss mil-qugħin bil-gost u bi profitt, imma wkoll imfaħħrin ħafna minn kull min rahom u semagħhom.**

---

**Mill-Kanada waslilna "folder", dwar ix-xandir li qiegħed isamma' il-membru korrispondent, is-Sur Ġorġ Bonavia, mill-Canadian Broadcasting Corporation. Is-Sur Bonavia jxandar kull ġimgħa s-suġġett "International Rendezvous" li jittratta dwar ċittadinanza, immigrazzjoni, informazzjoni fuq kummerċ, istruzzjoni, xogħol u servizzi soċjali, isemmi wkoll informazzjonijiet etniċi u tagħrif ieħor fuq ir-razez li stabbilew ruħhom fil-Kanada bl-użi u l-kostumi tagħhom, daqq u żfin, letteratura u arti; ilaqqa' wkoll "interviews" ma' persunaġġi Kanadiżi u barranin. Milli jidher dawn ix-xandiriet ta' Bonavia jingħoġbu wisq u saru popolari fost is-semmiegħa ta' l-Amerika ta' Fuq.**

# L-GĦASFUR TAL-BEJT

*Ta'* BRO. HENRY, F.S.C.

Fil-beraħ tas-sema,
Fuq l-ogħla siġriet,
Jittajjar ferrieħi,
Fl-irħula, fl-ibliet.

Fi djarna jħobb igħammar,
Ħabib tal-bnedmin;
U magħna jrid jaqsam,
Il-ġranet ħelwin.

U meta l-jum sbejjaħ,
Dlonk jibda jitwal,
Araħ jibni l-bejta,
Il-għaxqa tat-tfal.

Iħabrek u jgħanni,
B'imħabba tal-ġenn;
Fil-għodu jiġġerra,
Fl-għaxija għall-kenn.

Le, jaħseb għall-għada,
Ferħan b'dak li jsib;
Igħix hieni fil-ħidma,
Għax igħix bla tħassib.

Fix-xitwa jitgeddes,
Fis-sajf dlonk itir;
Ma jafx x'inhu dwejjaq,
U lanqas tgergir.

Irodd malli jisbaħ,
Il-għanja tal-ġieh;
U kif ix-xemx tinżel,
Fis igħanni qatigħ.

Inħobbok, inħobbok,
Għasfur minn tal-bejt;
Jien minnek nitgħallem,
Jien bħalek għannejt.

# MILL-KTIEB TAL-HAJJA

*Ta'* G.Ż.A.

MALLI nitwieldu nibdew immutu.

Hu x'inhu x-xogħol tar-romanzier, bla ebda dubju hu għandu jipprova jpinġi l-bnedmin kif jarahom fid-dawl ta' dak li għadda minnu jew ta' dak li ġarrab matul ħajtu.

Tkun midjun ma' min jagħtik u tieħu.

Orqod il-lejl kollu u l-għada ssib it-taħbila maħlula; għaddi l-lejl titħasseb u l-għada ma ssibx tarfha.

Min irid ikun ħieles, imma qabel nett ma jfittex li jitgħallem, ikun irid ħaġa li qatt ma kienet u lanqas qatt ma tista' tkun.

Jekk il-ħbiberija hi għolja, l-imħabba hi l-quċċata.

Ma kontx inħobbok daqshekk li ma kontx inħobb il-ġieħ aktar.

Xi wħud bħall-qniepen tal-kampnar—isejħu n-nies għall-knisja, imma huma ma jmorrux.

Ħafna bħall-pinnur tal-kampnar, iduru mar-riħ—ir-riħ li jkun jaqbel lilhom. Oħrajn jaraw minn fejn ikun jonfoħ ir-riħ u jonfħu miegħu.

L-istess bħalma t-tadam isir f'daqqa, hekk ukoll l-inkwiet: jiġi għall-għarrieda, u jibqa' jtenni sakemm jaqtagħlek nifsek.

Il-ħawħ filli iebes ġandra u filli jsir—u jrid jinqata' minnufih għax malajr jitħassar; hekk ukoll ix-xorti tajba; trid taħtafha meta tmissek, għax malajr taħrablek u ma tarahiex iżjed.

Agħmel dak li għandek tagħmel il-lum, biex l-għada tkun tista' tagħmel dak li jmissek tagħmel għada.

L-opportunisti u l-medjokri huma tewmin.

Xi drabi meta jfaħħruk u jżiegħlu bik ikunu qegħdin jinsolentawk.

Meta tkun fil-bżonn tagħraf min hu tassew ħabib; min igħinek bla tlaqliq hu ħabib għal darbtejn.

# TAGHNIQA VOJTA

*Ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

SITT xhur m'huma xejn u huma ħafna. Għal min il-ħajja ma tkiddux żejjed, għal min kull fejn ikun jintelaq bil-għama mal-kurrent, jieħdu fejn jieħdu, għal min il-ħsieb bħal għasfur li meta jrid jiftaħlu l-bieba u jtajru 'l barra, sitt xhur m'huma xejn, igħaddu bħal ħolma. Imma min hu tal-ħsieb, min iħoss ruħu marbut avolja bla kelma u bla kitba, jew min joqgħod igħabbar f'moħħu t-tajjeb u l-ħażin ta' kull għemil—għal dan sitt xhur huma dinja, u jafu jkunulu infern ta' ħajja, baħar ta' dwejjaq. Bħalma ġralu l-ħabib tiegħi Lorry, li kont sirt nafu l-Ingilterra wara l-Gwerra.

Ma nafx kif, konna sibna ruħna taħt saqaf wieħed, żewġ studenti Maltin qalb ħafna oħrajn ta' kull ġens u ta' kull din. Sibna rwieħna f'daqsxejn ta' raħal ċkejken fejn kulħadd jaf lil xulxin, fejn l-aħbar li ġie wiċċ ġdid tiġri bħal berqa u tqanqal mewġa ta' stedin u baħar ta' mistoqsijiet sa ma jitfaċċa wiċċ ieħor, u dak li jkun jintesa, u bħal jibda jingħadd man-nies tal-post, ma' tal-*grocer* li huwa wkoll il-*postmaster,* ma' l-iskarpan li filgħaxija, darbtejn fil-ġimgħa, jiftaħ ibigħ iċ-*chips,* mat-tabib li jaf lil kulħadd u ra nofs ir-raħal jitwieled—u ma' dawk kollha, irġiel u nisa, li jmorru sal-*pub* biex jixorbu u jilagħbu u jitkellmu.

Kienet ix-xitwa meta mar joqgħod hemm Lorry. L-arja fgata tal-belt kbira kienet dejqitu, u bit-taħbit kien sab kamra f'dik id-dar kbira fil-kampanja Ingliża, seba' mili 'l barra mill-belt, f'raħal żgħir u kwiet imdawwar bil-ħdura tal-għelieqi u tas-siġar, mill-għoljiet u l-widien, u milħuq mit-traffiku.

Jien kont mort hemm wara, u malajr sirna ħbieb sewwa. F'erba' kelmiet fissirli l-ħajja li kellha ssirli rutina għal bosta ġimgħat. Minn żaqqek ma tibqax nieqes, imma qisek qiegħed tgħix f'kunvent. Iċċempel il-qanpiena għall-*breakfast,* għat-tè, u għall-ikla ta' nofs in-nhar jew ta' filgħaxija; iċċempel u kulħadd irid jinżel mill-kamra u jdur mal-mejda sakemm iġibulu l-ikel. U l-ikel?! F'Malta wieħed kien igħid li f'dar ommu dejjem patata u laħam—issa hemmhekk kuljum patata *mash*—dixx daqshiex—u xi ħaġ'oħra, ħaxix mgħolli u soppa jew laħam. Il-Ġimgħa ħut—aktarx minħabba fina t-tnejn għax mill-oħrajn ħadd ma kien Nisrani bħalna. Filgħaxija t-triqat baħħ, dlam kullim-kien u biex tara *film* trid tmur sal-belt, seba' mili 'l bogħod. Biss għall-istudju maħluq dan il-post, u għall-mixi tajjeb, imma mhux għal-issa—l-aħjar żmien ikun fl-aħħar tar-rebbiegħa jew fis-sajf!

Ma domtx ma ntbaht li Lorry kien għadu marbut wisq ma' Malta. Billi ried jagħti l-eżami kien jistudja ħafna għax ma riedx jeħel u jerġa' lura b'dan il-għajb lejn pajjiżu. Xi minndaqqiet kliemu kien jaqa' fuq ħutu u fuq il-ħbieb li ħalla warajh, l-iktar it-tfajliet. 'Igħidu

li l-għajnejn huma t-twieqi tal-qalb, u mill-kisra t'għajnejh kont tinduna li Lorry ħalla qalbu Malta, x'imkien ieħor 'il bogħod miċ-ċpar u mis-sema griż t'hemm fuq, li donnu beda jdejqu u jberrdu għalkollox. Niftakar, darba ħa ittra minn Malta. Kienet ittra li fiha ħabib jafda qalbu ma' ħabib ieħor—u għal Lorry dil-ittra kienet bħal raxxa xemx li tħoll iċ-ċpar ta' filgħodu kmieni. Għax qraha għal darba darbtejn, u għal ħin wieħed, waqt li qed jaqra, kont tistħajlu li qed jintrefa' u jinġarr fuq il-ġwienaħ tal-ħsieb... u jsib ruħu mill-ġdid Malta, ma' ħbiebu u t-tfajliet li soltu kien joħroġ magħhom, u jmur passiġġati, u jpoġġi l-kafè jew it-*talkies*... Mhux għax fejn kien ma kienx hemm tfajliet ukoll! X'ilu, kien qalli Lorry innifsu, li kellhom *dance* fis-sala l-kbira tad-dar, lejlet l-ewwel tas-sena? Kemm kienu stiednu tfajliet, ta' kull ġens u ta' kull żmien—Taljani, Pollakki, Ingliżi, Spanjoli, Awstrijaċi, Tedeski u Svizzeri—tfajliet biċċa qed jistudjaw, oħrajn jinsabu hemm bogħod minn pajjiżhom għax sabu rwieħhom bla dar wara l-Gwerra u marru l-Ingilterra man-nies biex jaqilgħu x'jieklu u fl-istess ħin jitgħallmu l-Ingliż tajjeb... Dak in-nhar kulħadd kien nesa d-dwejjaq tal-ħajja, u kollha kemm huma kienu żifnu u xorbu u ferħu u ntelqu b'ruħhom u b'ġisimhom għall-għors ta' l-aħħar tas-sena, qabel tibda sena oħra ġdida. Lorry mar, xorob tnejn malli daħal, u x-xorb bħal ġagħlu joħroġ ftit minn qoxortu. U kien daħak u żifen ma' l-oħrajn, u għal ħafna drabi sakemm għaddiet iż-żifna ta' nofs il-lejl kellu miegħu tfajla sabiħa Svizzera li l-ħlewwa ta' leħenha baqgħet tidwi f'widnejh, wara li telqu, il-lejl kollu u għal ħafna ljieli wara... Imma dik kienet ġiet hemm għal ġimgħa biss, għand xi ħbieb tagħha, u kienet telqet, u qatt iktar ma raha... Issa għaddew erba' ġimgħat, u kien insieha bħalma nesa oħrajn qabilha.

B'danakollu, fil-bogħod ta' dak ir-raħal fl-Ingilterra, kien hemm wiċċ wieħed li qatt ma seta' jinsieh. Darba fil, f'dik il-ħemda ta' kamartu, kien jistħajlu jarah ħdejh dak il-wiċċ li kien ifakkru f'biċċa minn ħajtu li kienet għoddha telfitlu l-mistrieħ ta' qalbu... U f'ħinijiet bħal dawk id-dell tiegħu kien jitħallat ma' tagħha f'tagħniqa vojta ta' xewqa bla temma... Mhux dejjem, taf, għax ix-xogħol kien jedhih; imma kull tant, meta jħoss il-ħajja vojta, bla skop... u l-qalb battala u muġugħa, la għandha 'l min tħobb u, biex ngħid hekk, lanqas lil min tobgħod!... Imbagħad kien jerġa' jiftakar fiha, meta sar jafha San Pawl il-Baħar, it-tħarbit tal-gwerra li ġiet wara, il-ħajja ġewwa x-xelter li ġebithom flimkien mill-ġdid, l-imħabba ta' bejniethom li baqgħet siekta u qatt ma tfissret f'dak iż-żmien ta' qtigħ il-qalb, biex wara daħal ħaddieħor li f'daqqa waħda dawrilha rasha bit-tagħmmix ta' uniformi, bil-ħajra tax-xaba' fost dak l-għaks kollu, bi lbiesi jlellxu fost dik l-għera u dak in-nuqqas... il-firda twila, is-skiet biered meta għaddiet il-burraxka u hi reġgħet dehret ħelwa miegħu bħalma dari, waqt li hu issa tkabbar u ma riedx jaf u kien jidher hieni ma' ħbieb ġodda, ma' tfajliet oħra. Ħbieb ta' l-isem, għax minnhom ilkoll ħadd

ma tfaċċa dak in-nhar li telaq minn Malta filwaqt li hi, l-ewwel imħabba, sabha hemm, fejn id-Dwana, u b'ħarsitha mill-bogħod bħal urietu li għadha u tibqa' sħiħa miegħu, imur fejn imur...

Dak ir-raħal u dik id-dar Ingliża kbira daqs ħabs kemm iddum titgħaxxaq bihom? Fl-aħħar jibdew idejquk! U dik il-ħajja kwieta! Filgħodu l-qanpiena u tinżel għal-*breakfast* bis-serqa għax sar il-ħin, u ġirja għall-karrozza... imbagħad ġurnata xogħol u lura filgħaxija... issib lil kulħadd fis-sala ħdejn iċ-ċumnija, għas-sħana... kulħadd jaqra xi gazzetta jew *magazine;* ħadd ma jitniffes. Daqqa jidħol wieħed u jibqa' sejjer fuq il-mejda jara hemmx ittri għalih; jekk hemm jitbissem, jiftaħha u jpoġġi jaqraha... jekk m'hemmx jiġbed nifs 'il ġewwa, jaqbad ġurnal u jpoġġi jaqra fuq pultruna.

Għall-ewwel tieħu gost tisma' fuq did-dar... u jekk tqalleb il-kotba ssir taf iktar fuqha—kif darba, daqs sitt mitt sena ilu, wieħed baruni, qalbieni fost il-qalbiena, għall-imħabba t'Alla quddiem seba' xhieda u bil-kunsens ta' wliedu, ħalla r-raba' fejn il-lum hemm mibnija dik id-dar, lill-patrijiet tal-kunvent tal-qrib. Ftit 'il bogħod kienet saret taqtigħa kbira fi żmien il-gwerra ċivili bejn il-partitarji ta' York u ta' Lancaster, u sid id-dar kien miet jiġġieled spalla ma' spalla mad-Duka ta' York. Darb'oħra kien hemm sid li bena sptar fejn il-patrijiet kienu jduru bil-morda u jgħinu lill-foqra. Il-lum fadal biss il-ħitan tiegħu nofshom immermra u mġarrfa u, fejn qabel kienu jkabbru u jxettlu l-ħxejjex għad-duwa tal-fejqan, il-lum inkesa bil-ħaxix ħażin u jistkennu fih il-friefet il-lejl. Baruni ieħor kien beda jħallas minn butu biex issir tiġrija taż-żwiemel darba fis-sena... u t-tiġrija għadha ssir sal-lum, mitejn sena wara. Ismu jinsab imfakkar fid-*Dyneley Arms,* il-*pub* li hemm f'tarf in-nizla, fejn il-ġerrejja sal-lum għad għandhom id-dritt li wara t-tiġrija jieħdu pinta birra b'xejn minn hemm...

Imma kos, kif inhu magħġun il-bniedem? Dak li l-lum minn għalih ma jgħaddix mingħajru, għada jsib li qisu qatt ma kien. Ġrajja tnessi oħra, u wiċċ ikeċċi ieħor, waqt li par għajnejn jinfdu u jieħdu post oħrajn f'qalb dak li jkun. Ma kontx ili ġimagħtejn nara lil Lorry li ma sibtx dik il-Pollakka li kienet tistudja għal tabiba kienet bdiet tisraqlu l-mistrieħ ta' qalbu. Tfajla samra, wiċċha tond, għajnejha leġġi; u qsajra. Kellha kelma tajba ma' kulħadd u tmidd idejha biex tgħin meta nkunu nieħdu l-kafè, wara l-ikel. Ilsienha sejjer itaqtaq il-ħin kollu; taf lil kulħadd, u minn tagħna kemm trid. Hux dak l-Irlandiż għandu bżonn jittajpja ittra? Malajr silfitu l-makna tagħha. Jew l-ieħor, it-Taljan, xeba' mill-ikel Ingliż? Malajr qaltlu fejn jista' jiekol ikel la Taljana, f'restaurant il-belt. Wieħed ieħor sab il-buttuni tal-qmis imkissrin kollha meta ġew mil-*laundry*—semgħet b'dan waqt it-tè u offriet li twaħħalhomlu ġodda hi, għax ma ħamlitx li tarah jitlef *dance* wara li kien miftiehem mal-ħbieb u qata' l-biljett u kollox.

Ma kellhiex kwiet f'ġisimha. Ġo kamritha tkanta, tpassi min-naħa għal oħra għal xejn b'xejn, u tingħaraf mill-bogħod mit-tektika taż-

żarbun. Issa tagħmel telefon u ddum għomor titkellem; waqt l-ikel leħenha jinstama' minn tarf il-kamra għal ieħor—fi ftit kliem, b'mod jew ieħor tinħass li jkun hemm hi. U kif sab ruħu b'dak il-baħħ f'qalbu, Lorry inġibed lejha bis-sħiħ, u hi min-naħa tagħha ma baqgħetx lura. U ħarġu flimkien kemm-il darba: daqqa *picnic*, oħra marrù jaraw il-*ballet*, jew il-ftuħ tal-wirja tal-pittura moderna, jew jisimgħu xi żewġ konċerti ta' mużika, u x'naf jien. Imma aktar ma jafha u aktar iħoss li ma jgħaddix mingħajrha, aktar beda jagħraf li dik ma tgħoddx għal miegħu, għax bħalma toħroġ miegħu toħroġ ma' ħaddieħor, u għaliha l-ħajja xort'oħra milli kien jaħsibha hu. Għaliha l-ħajja li tgħix għall-mument, li tgawdi meta, kif u fejn issib tgawdi, u ħallik mill-għada, għax għada m'għandu x'jaqsam xejn mal-lum, u dak tal-bieraħ għadda u mar, u ma jorbtokx mal-lum jew m'għada! Għalfejn tħabbel rasek bl-imħabba li tobormok bil-qawwa tagħha, u tintrabat biex terfa' l-piż ta' familja? Biex tiġi gwerra oħra, kif tiġi kull tant żmien, u tħarbatlek kulma tibni, u tisraqlek lil kull min tgħożż, bħalma tilfet hi lil niesha kollha meta t-Tedeski ibbum-bardjawlha darha...! La ħaslet ma metitx magħhom hi wkoll, jaqbel li tgħix għaliha nfisha biss, u ssoff il-ftit għasel li taf tagħti l-ħajja; u mill-bqija d-dinja tibda biha u tispiċċa fiha—ma tobgħod lil ħadd, tfarraġ jew titfarraġ skond kif jinzerta, u m'hemmx għalfejn tibki jew tħalli min jibki warajk...

Ma domtx ma tlaqt minn hemm jien. Tgħidx kemm ħassejt għal Lorry meta għafasna id xulxin qabel irkibt il-ferrovija għal Londra... Stajt nobsor mniex għadda. Wara sirt naf li dik il-Pollakka damet sitt xhur oħra qabel ma telqet darba għal dejjem minn dak il-post u għabet għal kollox mill-ħajja ta' Lorry. Tassew sitt xhur m'huma xejn u huma ħafna. Ma tridx tkun flok Lorry. Ngħid għalija, għamilt żmien naħseb fih, u għadni nġibu quddiem għajnejja fil-kwiet ta' dik id-dar kbira mitlufa f'nofs il-firxa ta' wita miksija bil-ħdura, b'qalbu mtertqa fil-ljieli koroh ta' bla rqad, fil-ħinijiet ta' taqlib ir-ruħ, fin-nofs dawl ta' kif kien jinsab u kif seta' sab ruħu li kieku ssokta ma' min darba ħabb ġewwa Malta, qabel ma ġietu f'moħħu li jmur hemm, fejn kellu jibqa' jħoss il-ħruq u l-kedd tax-xenqa barra minn pajjiżu.

---

## MILL-KRONAKA TAGĦNA

### P. Ġ. MEILAK S.J. GĦALAQ 60 SENA ĠIŻWITA

**Nifirħu lill-Membru Akkademiku, Patri Ġużeppi Meilak, S.J. li għalaq sittin sena fil-Kumpanija ta' Ġesù. Sittin sena ta' ħidma fil-qasam tal-Mulej, ta' ġabra qalb il-kotba, ta' riżq għall-ilsien Malti.**

**Jalla Ġesù Hanin iżomm idejh fuqu u jisilfu għomor twil u jseddaq bil-barka Tiegħu lil dan id-Dekan tal-"Għaqda".**

# META L-MARA TIBQA' TMIERI

## KUMMIEDJA B'ATT WIEHED

*Ta'* A. CREMONA

**PERSUNAĠĠI**

ĠAN FELIĊ, *żewġ*
KAROLINA
SOFIE, *binthom*
ĠAMRI, *ġennien fid-dar ta' Ġan Feliċ*
SAVER, *neguzjant*
ĠOĠO, *ibnu*
ĠERVAŻJU, *nutar*
ALDO, *żagħżugħ bin*
IL-BARUNI CIANTAR
DOVINA, *oħt Ġan Feliċ*
TESSIE, *seftura fid-dar ta' Ġan Feliċ.*

F'MALTA, IL-LUM

*Salott fid-dar ta' Ġan Feliċ, tavolin tal-kawba fin-nofs b'xi kotba tal-moda fuqu. F'nofsu vażun iffjurat b'bukett fjuri ħiereġ minn fommu. Sofà miksi lewn aħmar mal-ħajt faċċata u żewġ pultruni miksijin ukoll lewn aħmar, waħda f'kull ġenb. Tieqa fil-ħajt tal-faċċata bil-purtieri trasparenti li minnhom jidher il-beraħ li jagħti għal ġnien bis-siġar. Mal-lemin bieb bil-purtieri ħomor.*

*SOFIE u DOVINA deħlin fis-salott mill-bieb tal-lemin.*

**Dovina:** M'hix hawn il-mamà?

**Sofie:** Ħarġet, zi.

**Dovina:** Ilha?

**Sofie:** Ilha xi siegħa... Kellha tmur għand is-Sur Saver, il-prokuratur ta' sid il-Villa ta' Ħal Balzan.

**Dovina:** Għadu mħajjar il-papà li jixtriha?

**Sofie:** Il-papà iva, l-iktar minħabba l-ġnien u s-siġar tal-larinġ u frott li fih; imma l-mamà, milli jidher, mhux ħlief tħassarlu... mhux ħlief jitlewmu fuq hekk minn fil-għodu sa

fil-għaxija... kieku taf... l-iktar fuq il-mejda. Dik il-mamà mbagħad ma terħilux waħda... dejjem tmerih... jekk hu jgħid iswed, hi tgħidlu abjad.

**Dovina:** Dik il-villa nafha, ma fihiex xi tmaqdar; qiegħda f'tarf ir-raħal, mhux bogħod mid-dar tiegħi ta' Ħal Lija. Kemm huwa sewwa li fis-sajf inkunu qrib xulxin.

**Sofie:** Jien biex ingħidlek, zi, ma xtaqtx li nitbiegħdu mill-belt. Hawn il-belt dejjem tgħaddiha... ħbiebi kollha l-belt... wisq ftit li ssibhom imorru fil-kampanja fis-sajf, ħlief forsi f'xi post ta' xatt il-baħar.

**Dovina:** U issa kif baqgħu?

**Sofie:** Xejn, il-mamà qatgħetha li l-papà m'għandux jixtriha, u dal-għodu stess, wara tlewwima mal-papà aħna u nieħdu t-tè, libset u ħarġet b'dagħdigħa kbira u marret għand il-prokuratur ta' sid il-villa biex tħassar il-ftehim kollu li l-papà kien għamel miegħu.

**Dovina:** U x'inhi r-raġuni?

**Sofie:** Il-mamà tistaqsihiex x'inhi r-raġuni. Dak li jdoqqilha f'rasha ma jneħħihulha ħadd... Hekk, hekk... m'hemmx raġuni.

**Dovina:** Imma xi raġuni jrid ikun hemm.

**Sofie:** Ir-raġuni sewwa ma tistax tkun tafha. Daqqa tgħid għax il-prezz tagħha għoli; daqqa għax Ħal Balzan huwa raħal monotonu, m'hemmx ħbieb li tafhom, u l-mamà trid tedha ma' familji ħbieb tagħna l-belt. Imma jiena naħseb li hija mħajra ġġiegħel lill-papà jixtri xi dar San Pawl il-Baħar, qrib id-dar tas-Sur Saver, neguzjant ix-xatt.

**Dovina:** Is-Sur Saver, neguzjant ix-xatt?

**Sofie:** Bil-maħżen ix-xatt, għandu ibnu fin-negozju miegħu... darba ġie jkellem lill-papà fuq xi kummissjoni... ġie flimkien ma' ibnu... jien kont id-dar u sejħitli l-mamà biex nagħmel konoxxenza tagħhom.

**Dovina:** San Pawl il-Baħar kieku aħjar, hux tassew Sof?... Xi tgħid?

**Sofie:** Jien għalija, zi, bħalissa ma jogħġobni mkien, imkien ma jogħġobni ħlief hawn il-belt... *talkie*... ħbieb... kunċerti...

**Dovina:** Kulħadd fejn jiġbdu, m'għandniex xi ngħidu... Il-papà jħobb il-ġonna... u għalhekk il-villa bil-ġnien jippreferiha... il-mamà togħġobha iżjed dar fejn il-baħar u s-sinjurina Sofie tħobb toqgħod il-Belt għax għandha wkoll x'jiġbidha. Qiegħda ngħid sewwa, Sof?

**Sofie** *(Titbissem u tbaxxi rasha).*

**Dovina:** Tbaxxi rasek xejn. Qiegħda ngħid sewwa?... Ilhom isefsfuli f'widnejja li hemm xi kalamita fin-nofs.

**Sofie:** Zi, se ngħid lilek biss... imma lill-mamà tgħidilha xejn... għax taf int... dik mhux bħall-papà... dejjem tmur kontra x-xewqa tal-papà u tiegħi. Ma nistax nuriha li nixtieq xi ħaġa li ma tkunx trid tħajjarni għal xi ħaġ'oħra. Xahar ilu, f'tieġ li sar l-*Hotel Phoenicia*, sirt naf lil ċertu żagħżugħ student ta' l-Università għal kors ta' spiżjar, joqgħod il-Belt, għalkemm kultant niesu jmorru f'dar tagħhom fil-kampanja. Bħalissa l-papà tiegħu msiefer u qiegħed jistennieh ġej mis-safar u qalli li għandu jtarraflu xi ħaġa u jkellem lill-papà tiegħi... Kieku taf kemm, jaħasra, iħobbni, u jien ukoll zi, kemm għandi grazzja miegħu. Ma tgħaddix ġurnata li ma jiġix jistennieni fil-kantuniera tad-dar biex noħorġu flimkien.

**Dovina:** U l-papà ma jaf b'xejn?

**Sofie:** Il-papà, milli jidher, sama' b'xi ħaġa... u mhux ħlief igħidli b'nofs daħka: "Eh! Sofie, Sofie... Nixtieq naf għalfejn f'xi s-sitta ħadtha bi drawwa li toħroġ ta' kuljum". Jien inwieġbu: "Fejn tridni mmur... is-soltu... niltaqa' mal-ħbieb tiegħi, il-Barrakka". "Iva eh!" igħidli hu. "Il-Barrakka. Qis li ma ddumx ma tiġi... u flok il-Barrakka tmur ma' xi ħbieb oħra".

**Dovina:** U l-mamà?

**Sofie:** X'waħda din, jekk tkun taf! Ġlieda miegħi u oħra wisq akbar mal-papà! Għax biex ingħidlek is-sinjura mamà għandha f'rasha lil xi ħaddieħor.

**Dovina:** Lil ħaddieħor? U lil min?

**Sofie:** Lil bin is-Sur Saver, dak in-neguzjant li semmejtlek.

**Dovina:** U kif taf?

**Sofie:** Għax ġimgħa ilu, meta l-papà u l-mamà, wara ċ-ċena daħlu fil-kamra tar-rqad, smajt lill-mamà titlewwem mal-papà għax ma qabilx mal-proposta li għamlitlu biex ilaqqgħuni ma' bin is-Sur Saver u jgħarrsuni miegħu. Jien smajthom minn wara l-bieb tal-kamra. Kienu l-ħdax ta' bil-lejl.

**Dovina:** U l-papà għandu pjaċir b'dan li qiegħda tkellem?

**Sofie:** Naħseb li għandu. Aldo għandu jitlob lill-papà tiegħu biex jiġi jkellem lill-papà tiegħi... *(pawsa)*. Iskot. Qiegħda nisma' l-qanpiena ta' l-antiporta... Dieħla l-mamà... Zi, mur oqgħod fuq dik il-pultruna u jien fuq l-oħra u ndawru d-diskors. *(Sofie taqbad il-"Ladies Pictorial" minn fuq it-tavolin, toqgħod fuq pultruna u tqalleb il-ktieb).*

**Dovina** *(Toħroġ ix-xogħol tas-suf mill-borża u taqbad taħdem bil-labar tal-għadam).* Il-papà għadu fil-ġnien?

**Sofie:** Naħseb.

*Karolina tidħol u ddawwar wiċċha lejn Sofie, bla ma tintebah b'Dovina, li tibqa' b'rasha baxxa taħdem ix-xogħol tas-suf. Wiċċha mbergħen u nifisha maqtugħ.*

**Karolina:** Il-papà mhux hawn?

**Sofie:** Ħallejtu fil-ġnien mal-ġennien.

**Karolina:** X'inhu jagħmel?

**Sofie:** Ma nafx. *(Terfa' rasha min fuq il-ktieb).* Ma, hawn iz-zija Dovin.

**Karolina:** Iz-zija Dovin? *(Iddawwar wiċċha).* X'għandna Dovin? Skużani, ma ndunajtx bik. Għax biex ingħidlek bħalissa, bis-saħna li għandi fuqi m'iniex qiegħda nara ħlief ċpar quddiemi.

**Dovina:** Xi ġralek, Karolin?

**Karolina:** Il-kuntrarju kollu ma' wiċċi jiġi. Dak li ngħid jien hawn ġew ma jgħodd xejn; kulħadd jagħmel ta' rasu, ibda minn ħuk, żewġi, u spiċċa fl-anqas qaddej jew qaddejja ta' ġewwa did-dar.

**Dovina:** Kulħadd b'xi difett fid-dinja, Karolin. Aħna n-nisa, imbagħad, xi minndaqqiet nippretendu li r-raġel għandu dejjem joqgħod għall-kapriċċi tagħna biss u xejn ma nqisu li nikkuntentawh f'xi kapriċċi jew gostijiet tiegħu. Biex inżommu l-paċi jeħtieġ wieħed jagħder u jissabbar b'xulxin. Bħalek kont jien għall-ewwel meta kelli 'l żewġi ħaj, imma fl-aħħar kelli ndaħħalha f'rasi li għall-paċi tad-dar u għall-ġid ta' saħħitna t-tnejn, fejn nistgħu, nikkuntentaw lil xulxin.

**Karolina:** Żewġek kien qaddis. Ma kienx jagħmel ħaġa mingħajr il-pjaċir tiegħek.

**Dovina:** Kemm sejra żball, Karolin; kemm kelli nieħu paċenzja b'xi kapriċċi li kellu... kapriċċi ta' żmien ġuvinturitu li ma riedx jaqtagħhom, fhimtni inti, u dam ma qatagħhom, u li kieku ma kienx is-sabar u l-għaqal tiegħi kien jibqa' biex jirrovina ġidu u d-dar... Eh! Karolin, kemm kont nibqa' nieqsa minn xi kapriċċi tiegħi, ta' mara li kont, dak iż-żmien, tgħoddnix bħal-lum, kont għadni fl-aħjar tiegħi, iva... l-iktar f'ilbiesi, biex ma ntihx il-lala li jaħli flusu fil-logħob, u f'xi ħwejjeġ oħra, ma noqgħod insemmi xejn... Imbagħad ngħiduha kif inhi, ħija Ġan Feliċ, x'kapriċċi għandu li bihom qiegħed jonqos mir-rispett lejk jew li bihom qiegħed igħarraq ġidu u ma jilħaqx mal-bżon-

nijiet tad-dar?... ħlief li hu medhi wara s-siġar, il-fjuri u t-trobbija ta' l-annimali?...

**Karolina:** Xejn, xejn... taħseb int... Għadni kif ġejja minn għand il-prokuratur ta' sid il-villa f'Ħal Balzan li s-sur ħuk tħajjar jixtri għax fiha ġnien sabiħ u mimli bis-siġar tal-frott u bil-fjuri... Sa jberbaq kapital ta' 6,000 lira, danakollu għax iħobb il-ġnien, bħallikieku l-ġnien li għandna hawnhekk ma kienx biżżejjed biex jedha bih. Anqas li konna sa narmaw xi ħanut għall-bejgħ tal-frott u tal-fjuri... Imma dan kollu għall-ġenn ta' rasu... għax dan mhux ħlief ġenn, ġenn u ġenn.

**Dovina:** Ngħid jien aħjar kapriċċi bħal dawn inkella ħaġ'oħra. Dan hu d-delizzju tiegħu... kapriċċi oħra m'għandux. Igawdi l-villa hu u inti, u għada jew pitgħada t-tifla. M'humiex flus mormija.

**Karolina:** Tgħid int. Kien hemm fejn kapital bħal dak jimpjegah f'xi ħaġa li tirrendi aħjar. Imma Dovin, din il-ħaġa lilek ma toqorsokx, imma lili toqrosni. Bħalissa ħadt tbaqbiqa mal-prokuratur tas-sid u oħra neħodha miegħu. Mort biex inħassar il-ftehim li għamel ħuk mal-prokuratur. Dan kontra l-ordni ta' żewġi ma jrid iħassar xejn. Insib li żewġi tah l-aħħar kelma, li sar diġà l-konvenju, għalkemm jiffirma l-kuntratt tax-xiri. Imma dan il-kuntratt ma jsirx u ma jsirx.

**Dovina:** Wara kollox din haġa tista' tissewwa bil-kelma t-tajba... *(Tiġbor ix-xogħol tas-suf u titfgħu fil-borża. Tqum minn fuq il-pultruna u tieħu b'idejn Karolina).* Bil-kelma t-tajba, ngħid jien, kollox jista' jissewwa... Intant, jiena sejra; ġejt biex inkellem lil ħija fuq dik il-prokura li ħallejtlu ta' ħwejġi. Nispera li nerġa' narak... u jkun kollox sewwa. Sa mmur nara nsibx lil Ġan Karl fil-ġnien qabel ma tinqalagħlu xi żjara... Nerġa' narak...

**Sofie:** Jiena sejra maz-zija...

**Karolina:** Int, jekk jogħġbok, oqgħod hawn għax irrid inkellmek.

**Dovina** *(Hija u ħierġa):* Saħħa, Sof.

**Sofie:** (Naraw x'inqala'!) Saħħa, zi.

**Karolina:** Isma' 'l hawn, sinjurina.

**Sofie:** Hawn jien, ma.

**Karolina:** Halli dak il-ktieb tal-moda fuq il-mejda u ismagħni.

**Sofie** *(Tpoġġi l-ktieb fuq it-tavolin):* Hawn jien, ma.

**Karolina:** Naf li int hawn, imma naħseb li moħħok huwa wisq 'il bogħod minn hawn. Erfa' rasek u ħares lejja. Jew daż-

żmien bil-kemm għandek il-ħila tħares lejja? Tiskarta l-ħarsa tiegħi... Donnok tistħi tħares lejja.

**Sofie:** Ma nistax nifhmek, ma.

**Karolina:** Mela ħalli nfiehmek jien aħjar. *(Tbiddel it-ton)*. L-ewwel-nett x'inhi din tiegħek li ta' kuljum toħroġ għal xi l-ħamsa u ma tiġix qabel it-tmienja ta' filgħaxija bl-iskuża li sejra tiltaqa' ma' ħbiebek tal-kulleġġ?

**Sofie:** Jien hawnhekk ma naf lil ħadd, ma, ħlief lil ħbiebi tal-kulleġġ, u, issa li aħna fil-vaganzi tas-sajf, id-daqsxejn ta' mogħdija taż-żmien tiegħi, wara l-istudju, hija li niltaqa' ma' sħabi u mmur sal-Barrakka ta' Fuq jew xi dawra...

**Karolina:** Dawra ma' ħbiebek... Għidli s-sewwa u la taħbili xejn... Jiena sirt naf sewwa min huma dawn il-ħbieb tiegħek li qiegħda tagħmel magħhom dik is-sabiħa dawra sal-Qaliet ta' San Ġiljan!... Xejn la tiħmar u taħbi wiċċek... *(Sofie tiħmar u tbaxxi rasha)*. Għidli min hu dak il-ġuvni li qed tiltaqa' miegħu kuljum wara nofs in-nhar fil-kantuniera tat-triq u tibqa' sejra miegħu, u tiġi miegħu lura sal-bieb tad-dar malli jidlam. Għidli min hu?

**Sofie:** Dak?

**Karolina:** Iva dak... dak il-ġuvni li qiegħed jiġi jistenniek fil-kantuniera... dak il-ġuvni li qiegħed jisfrattak...

**Sofie:** Dak kien jiġi l-iskola ta' St. Joseph meta konna tfal... oħtu ħabiba tiegħi... jiġi għalija biex jeħodni fejn oħtu li tkun tistennieni Għar id-Dud ma' sħabha... Toqgħod tas-Sliema.

**Karolina:** Xejn la tħarrifli biex taħbili dawn l-iskartati tiegħek... Ara x'jiena ngħidlek. Hu min hu dak il-ġuvni, ma rridekx tiltaqa' iżjed miegħu, u minn hawn ma toħroġx ħlief miegħi.

**Sofie** *(Iżżomm il-biki)*: Le, mamà, tkunx hekk qalbek iebsa miegħi. Dak ġuvni li ili nafu mindu kont ċkejkna... Kont ili ma narah. Hu stess ġie fuqi fit-tieġ tal-kuġina.. Marie Louise... le, mamà, kieku taf kemm iħobbni...

**Karolina:** Ma jimpurtanix. Għadek tifla ta' sbatax-il sena... M'iniex se nħallik tiġġerra mil-lum ma' ġuvni li jiena m'għandix pjaċir li jidħol ġewwa dari. Meta jasal il-waqt jiena naf ma' min għandek tintrabat... ħadd m'hu se jidħol ġewwa dari ħlief dak li għandi pjaċir bih jien...

**Sofie** *(Tinfexx tibki)*: Imma jiena lilu nħobb... lilu rrid... lilu rrid. *(Issabbat saqajha)*.

**Karolina:** La toqgħod issabbat saqajk xejn... la toqgħod tnewwaħli xejn. Għidtlek li ma rridekx tiltaqa' miegħu... u xejn iżjed.

**Sofie:** Il-papà... il-papà... *(fost il-biki)* il-papà...

**Karolina:** X'inhu l-papà?... Dak ukoll forsi għandu xi sehem f'din it-tabxa... Kellu l-ħila l-papà, bla ma jurini xejn (bħallikieku ma jiena xejn) jindaħal f'din il-konfoffa?

**Sofie:** Le, imma hu... irrid ngħid, il-papà tiegħu, issa la jiġi missafar, għandu jkellem lill-papà.

**Karolina:** M'hix affari tal-papà. Dik affari tiegħi, u ta' ħadd iżjed.

**Sofie** *(Toħroġ tibki)*: Imma jien lilu nħobb... lilu nħobb...

**Karolina:** Mur, mur, u la tiġix quddiemi qabel ma trattab dik ir-ras iebsa li għandek.

*Jidħol Ġamri, il-ġardinar.*

**Ġamri:** Xi ġralha s-sinjurina, dal-biki kollu, miskina?!

**Karolina:** Dik minnha tibki fuq xejn. Hadd ma jista' jagħmlilha osservazzjoni... jiftħilha għajnejha... *(Tibdel it-ton)*. X'inqalagħlek mill-ġdid, Ġamri?

**Ġamri:** Kont sejjer mawra sal-ġnien ta' Sant'Anton inġib xi xtieli tas-siġar tal-lumi lis-Sur Ġan Feliċ.

**Karolina:** Għalfejn dawn is-siġar kollha, mhux biżżejjed għandna siġar?... Il-ġnien għoddu fgah bis-siġar; ma ħalliex rokna fejn niżirgħu ftit fjuri. Fejn se jħawwilhom?

**Ġamri:** F'dik il-qatgħa ta' wara l-vaska tal-ħut.

**Karolina:** Hemmhekk irridu għall-fjuri.

**Ġamri:** Għall-fjuri, sinjura, se nħalli roqgħa oħra, iżjed xemxija.

**Karolina:** L-ewwelnett jien irridek tħawwilli dak il-basal ta' l-iris u tal-kukku... banda tiżra' wkoll it-temperożi u band'oħra l-vjoli.

**Ġamri:** Fejn, sinjura?

**Karolina:** Fil-ġenb ta' wara l-vaska u l-basal ma' l-inħawi tal-ġiebja.

**Ġamri:** Il-fjuri kont se niżragħhom mal-mogħdija ma' tul is-siġar tal-larinġ fejn tilħaqhom ix-xemx u l-basal mal-mogħdija tal-ġenb l-ieħor.

**Karolina:** Imma jiena rridek tagħmel kif għidtlek, u lili toqgħodx tiddettali. U neħilsuha. Kollox tagħmlu l-maqlub ta' dak li rrid jien.

**Ġamri:** Fejn tridni niżra' ma jgħoddx għall-fjuri. Maġenb il-ġiebja ma jarax wisq xemx.

**Karolina:** Mhux hekk qaluli.

**Ġamri:** Min, sinjura?

**Karolina:** Min? Min? Min jifhem daqshekk.

**Ġamri:** Mela, skużi, sinjura, għidlu lil dan li hu, jiġi jiżragħlek u jħawwillek hu. Jien wara kollox għandi nimxi fuq dak li jgħidli s-Sur Ġan Felić.

**Karolina:** U jiena ma jiena xejn. Hawn ġew ma ngħodd xejn... il-kelma tiegħi ma tiswa xejn?

**Ġamri:** Mhux ma tiswiex. Tiswa fuq li tiswa meta dak li tgħid u tordna huwa xieraq.

**Karolina:** Xi trid tgħid biha din l-espressjoni li ħriġtli biha: "Meta **dak li tgħid u tordna huwa xieraq"?** Ma nagħmlux li sa tibda turina snienek u tisserdkilna int ukoll? Il-kelma tie-għi, jekk jogħġbok, tiswa daqs tas-Sur Ġan Felić.

**Ġamri:** Mela l-aħjar ħaġa, sinjura, taqsmu l-ġnien fi tnejn; nofsu għalik u n-nofs l-ieħor għas-sinjur. Lilu niżragħlu u nħaw-willu b'mod li jixtieq hu, u lilek fil-biċċa tiegħek kif tix-tieq int, imqar jekk tridni nħawwillek ix-xtieli rashom 'l isfel.

**Karolina:** Jekk int jidhirlek li sa toqgħod tgħaddini biż-żmien aħjar titlaq u tmur issib fejn taħdem ta' ġennien band'oħra. Nies bħalek m'għandniex x'irriduhom.

**Ġamri:** Aħjar għidtli int, sinjura, milli għidtlek jien; għax biex ingħidlek ili mxabba' minn din id-dar... u ma tlaqtx s'issa rispett tas-sinjur.

**Karolina:** U għandek il-ħila tgħidu?

**Ġamri:** Iva, sinjura, iva... u ili nistennieh dan il-waqt.

**Karolina:** X'waqt hu?

**Ġamri:** Li tibagħtuni... irrid ingħid li tgħidli "itlaq minn hawn..." Madankollu, wara kollox, is-sinjur irid jibgħatni, mhux int. Imma jien dan l-inkwiet m'għandix bżonnu. Wieħed irid hekk, l-oħra trid hekk; wieħed igħid abjad; l-oħra tgħid iswed. Sewwa sew fuqi għandi l-imfietaħ tal-bieb tal-ġnien... nista' nikkunsinnahom lilek.

**Karolina:** Kif?... Sejjer titlaq?

**Ġamri:** Iva, sinjura... int stess għidtli: "Aħjar titlaq u tmur issib taħdem band'oħra; nies bħalek m'għandniex x'irriduhom".

**Karolina:** Imma jien ma rridekx titlaq... irridek...

**Ġamri:** Imma jien sinjura ma jistax ikun nibqa' magħkom...

**Ġan Felić** *(Jidħol. Igħid lil Ġamri):* Kif, għadek hawn? X'inqala'?

**Karolina:** Ma nqala' xejn, ħlief li dan irid jagħmel ta' rasu... irid jiżra' u jħawwel fejn irid hu.

**Ġamri:** Sinjur, f'kelma waħda s-sinjura ma tridnix inħawwel ix-

xtieli tas-siġar tal-frott li sa nġiblek fejn konna ftehemna, għax hemm tridu għall-fjuri... u tridni nħawwel il-basal tal-fjuri fi bnadi fejn ma jarawx xemx. Emminni, sinjur, jien ma nafx fejn nibda nagħti rasi. Inti tordnali mod u hi tordnali ħaġ'oħra. Kollox bil-maqlub, u kollox bl-imgħawweġ. Hi stess qaltli biex nitlaq, u jiena sa nitlaq.

**Ġan Feliċ:** U inti ma titlaqx.

**Ġamri:** Le, nitlaq, sinjur, nitlaq.

**Ġan Feliċ:** Ara, Ġamr, isma' minni. Issa lis-sinjura nfehemha jien. Int mur fejn għidtlek.

**Ġamri:** Le, nitlaq, sinjur.

**Ġan Feliċ:** Ara, Ġamr... Naħseb li ma ftehmtux... Jien issa nfehemha kollox. Tinsiex tgħaddili l-villa biex tara jekk dawk is-siġar għandhomx bżonn ta' xi żabra.

**Ġamri:** Ma nitlaqx rispett tiegħek... Jiena sejjer inġiblek ix-xtieli, imma lili tintriganix, la biex inħawwillek u lanqas biex nizragħlek. Issiblek ġennien is-sinjura... Jiena sejjer.

**Ġan Feliċ:** Mur, mur, Ġamr. U tħabbilx rasek. Jiena issa lis-sinjura nfehemha jien. Imbagħad niftiehmu jiena u int.

**Ġamri:** Ma nitlaqx għal wiċċek... *(Joħroġ).*
*(Pawsa).*

**Karolina** *(imbergħna)*: X'ridt tgħid biha "lis-sinjura nfehemha jien?" Inti xi ħsibtni, xi ħmara li tlift il-boxxla ta' rasi? Li meta Ġamri tiegħek igħidli bl-ordnijiet sbieħ li tagħtih jiena ma nkunx fhimtu?

**Ġan Feliċ:** Karolin, agħmilli pjaċir, fil-ġnien indaħal mill-inqas li tista' għax jekk tifhem ħafna fi ħwejjeġ oħra tad-dar, fil-ġnien ma tifhimx, l-iktar fiż-żrigħ u fit-taħwil ta' xtieli...

**Karolina:** Ma nifhimx... ma nifhimx... pretesti, skużi biex dejjem tagħmel ta' rasek. Ibda biex ma kellekx għalfejn tgħid lil Ġamri biex igħaddi fil-ġnien tal-villa għaż-żabra tas-siġar. Int taf li dik il-villa m'għandix pjaċir li tixtriha. Jien, biex tkun taf, mort għand il-prokuratur u għidtlu biex iħassar kollox.

**Ġan Feliċ:** X'iħassar?

**Karolina:** Iħassar il-bejgħ.

**Ġan Feliċ:** U x'qallek?

**Karolina:** Qalli li ma jistax... li sar diġà ftehim bil-miktub.

**Ġan Feliċ:** Xejn iżjed?!

**Karolina:** Li wara kollox l-ordni tat-tħassir tal-bejgħ għandu jin-

għata minn għandek... u sfaċċat li hu kellu l-wiċċ u l-ardir għidli li lili... lili... lili, xejn inqas lili... ma jafnix.

**Ġan Feliċ:** Naħseb li ma jafekx... Kif tridu jafek?

**Karolina:** Kif tridu jafni eh? Ma jafx li jiena s-sinjura mara tiegħek.

**Ġan Feliċ:** Agħmel li jaf li inti marti. B'hekk jidhirlek li għandu jħassar il-bejgħ?

**Karolina:** Għaliex le?

**Ġan Feliċ:** Għax bħala marti l-liġi ma tagħtikx dan il-jedd... il-jedd li tmur tħassar dak li ftiehem bil-miktub ir-raġel tiegħek. Il-ftehim tax-xiri għamiltu jien, u jien biss għandi l-jedd li nħassru. Il-liġi, lilek, lanqas tagħtik li tixtri jew tbigħ ħwejġek bla kunsens tiegħi, aħseb u ara kemm tagħtik li tħassar il-ftehim tax-xiri ta' dar magħmul minn għandi.

**Karolina:** Allura, kif tgħid int, il-kelma tiegħi ma tgħodd xejn...

**Ġan Feliċ:** Jiddispjaċini ngħidlek li xejn...

**Karolina:** Din il-ħaġa rrid naraha... għax hekk ma jistax ikun li nkomplu f'dil-ħajja jien u int... Ix-xiri tal-villa għandi jkolli pjaċir bih jien ukoll.

**Ġan Feliċ:** Sa ċertu pont ma rridx nċaħħdek minn dan id-dritt.

**Karolina:** Mela la għandi d-dritt, il-villa ma tixtrihiex. Jien ma rridx ngħaddi sajf ġewwa Ħal Balzan.

**Ġan Feliċ:** La ma jogħġbokx, tiġix... oqgħod waħdek; nieħu miegħi lit-tifla. Dik ma tgħidx le. M'għandhiex għallinqas id-drawwiet u l-kapriċċi li għandek int.

**Karolina:** Lit-tifla eh?! Tieħu miegħek lit-tifla?... Fuq it-tifla għad irrid inkellmek; madankollu, diġà kellimtek xi ħaġa, u għad irrid nerġa' nkellmek... Wara kollox it-tifla tiġi miegħi.

**Ġan Feliċ:** Fejn?

**Karolina:** Fejn neħodha jien. Jien diġà ftehimt mas-Sur Saver; il-lum kellu jiġi jġibli l-prezz tad-dar ta' San Pawl il-Baħar, in-naħa tax-Xemxija... waħda minn dawk id-djar il-ġodda ta' fuq il-blat tal-Mistra.

**Ġan Feliċ:** Inti dejjem lesta biex tmur kontra l-volontà tiegħi...

**Karolina:** Sewwa sew kif tagħmel int... Ma tridx tħallat dik id-dar mal-villa li mort ħlomt biha, hux?

**Ġan Feliċ:** Jien ma rrid inħallat xejn. Dik id-dar ta' fuq il-blat tal-Mistra ixtriha int, minn flusek... lili ddaħħalni f'xejn, u jien immur noqgħod Ħal Balzan, u hekk, forsi, inkun nista' ngħix bi kwieti... Madankollu, biex tixtriha, jekk jogħġbok, irrid ikollok il-kunsens tiegħi. Mingħajr il-kun-

sens tar-raġel il-firma tiegħek ma tgħodd xejn... għax ir-raġel huwa l-kmand tad-dar, u ifhimha din.

Karolina: Ma rrid nifhem xejn. Bħalma għamilt int, nagħmel jien. Daqskemm tikkmanda int, nikkmanda jien ġewwa din id-dar. Il-lum għandu jiġi s-Sur Saver mat-tifel tiegħu... dak bniedem...

Ġan Feliċ: Jien mas-Sur Saver m'għandi x'naqsam xejn. Meta bagħat dik il-qoffa lariṅġ u dik l-ixkora patata lilek bagħatha... x'negozju għandek miegħu ma nafx. Naf li mindu ltqajna miegħu l-*West End*, San Pawl il-Baħar fil-għaxija bit-tifel tiegħu, dawwarlek, dawra rasek li lanqas bqajt tinteressa ruħek mill-affarijiet tagħna tad-dar... is-Sur Saver tiela' u s-Sur Saver nieżel... Ġoġò tiela' u Ġoġò nieżel. Ma nagħmlux mod li tħajjart tlaqqa' lil Ġoġò ibnu ma Sofie?... Ilek treddinli fuqu. Jien tfal tan-neguzjanti tax-xatt ma rridx nitħallat magħhom.

Karolina: Tifel ta' neguzjant ix-xatt! Bħallikieku mhux bin-negozju ta' missierek li għandek ir-renta u li biha qiegħed tgħix ta' sinjur.

Ġan Feliċ: Missieri, jekk jogħġbok, kien aġent tal-vapuri, esportatur tal-patata u viċi-konslu tal-...

Karolina: Aġent tal-vapuri u neguzjant ix-xatt għalija drapp wieħed. Il-qligħ igħodd. Il-lum is-Sur Saver proprjetarju ta' djar; għandu negozju li jħalli qligħ daqs ta' baruni. Għandu tifel uniku li għallmu l-iskola biex imexxi n-negozju... Xi trid iżjed? Għal bintek mhux ġej xi markiż. Imbagħad din l-iskola kollha. Ajma kemm qegħdin jaqilgħu flus il-profes-sjonisti! L-iktar it-tobba; kollha tarahom isifrulek... imorru qalb is-suwed. Hu gost tara lil bintek sejra l-Malajja. Lanqas taraha iżjed b'għajnejk!

Ġan Feliċ: Dan kollu ħolm tiegħek. It-tifla ħadd għadu ma talabha minn dawn ix-xorta ta' nies. Naqtgħuha. Jien San Pawl il-Baħar ma rridx nixtri djar. Lis-Sur Saver la ssemmihulix iżjed u xejn la toqgħod timlieli rasi b'ibnu. Meta jasal iż-żmien naf jien ma' min għandi nlaqqa' lil binti.

Karolina: Ma' min tlaqqagħha? Ma' xi wieħed minn dawk iż-żinżilli li għandna jduru mas-saqajn... moħħ ir-riħ... kol-lhom *picnics*, żfin u kunċerti u laqgħat ma' ħafna xebbiet sfrattati... ma' xi wieħed minn dawk iż-żgħażagħ li għal sold jonqoshom tnejn... u li biex ipejpu sigarett jitolbu xi xelin lill-papà... bil-kotba kollha li jġorru taħt ab-thom?... Jien ili narak imxengel lejn il-kapriċċi ta' bintek. Imma tiġi fi kliemi... jekk inti tkompli mal-kapriċċi

taghha, lil bintek ghad taraha ma' wiċċek, u jkollok tbigħ il-villa biex tmantniha. Ara x'qiegħed ngħidlek!

**Ġan Feliċ:** Fuq Sofie aħjar ma nitkellmu xejn iżjed. Il-villa nixtriha u diġà ftehimt mal-prokuratur. Qiegħed nistenna lis-sid jiġi mis-safar. Nittama li ftit tal-ġranet oħra nagħmlu l-kuntratt tax-xiri. Għalhekk m'għandek għalfejn tibqa' ssus warajja xejn biex nixtri d-dar li biha webblek is-Sur Saver.

**Karolina:** Is-Sur Saver għandu jiġi jkellmek.

**Ġan Feliċ:** Fuq hekk m'għandu għalfejn ikellimni xejn.

**Karolina:** Fuq hekk u fuq ħaġ'oħra.

**Ġan Feliċ:** U x'inhi dil-ħaġ'oħra?

**Karolina:** Inti taf. Għidtlek fuqhiex... Lil Sofie ttellifilhiex xortiha

**Ġan Feliċ:** Jaħasra, Karolin, tkunx rasek iebsa. Tiġinix b'dan il-fellus li deffist jew deffsulek f'rasek. Dejjem moħħok biex tmur kontra x-xewqat ta' żewġek u ta' bintek, Jien għidtlek; jekk trid tixtri d-dar f'San Pawl il-Baħar, ixtriha, mur oqgħod fiha inti u lili tfittixnix iżjed, ħallini ngħix bi kwieti.

**Karolina:** Inħallik tgħix bi kwietek... tħalli lil bintek tagħmel kappriċċiha... Inti u bintek ġewwa din id-dar... waħedkom... u jien, hemmhekk waħdi... qisni m'għandix raġel... Imma dan ma jkun qatt. Tiegħi tgħaddi. *(Toħroġ b'saħna kbira).*

**Ġan Feliċ:** X'mara din u x'mara din!

**Tessie** *(Tidħol b'ittra f'idejha):* Sinjur, hawn din l-ittra waslet issa. Hawn ukoll in-nutar, is-Sur Ġervażju. Jixtieq ikellmek.

**Ġan Feliċ:** Għidlu jidħol. *(Tessie toħroġ). (Ġan Feliċ, huwa u jaqra l-ittra):* Ittra mill-prokuratur ta' sid id-dar. Wasal il-Baruni Ciantar mis-safar. Ħabat tajjeb.

**Ġervażju:** *(Jidħol)* Ġejt nittawwallek għax kelli għalfejn nagħmel kuntratt għand wieħed li wella l-ħanut hawn isfel f'tarf din it-triq. U hekk Sur Ġan Feliċ, xi tgħidli mill-ġdid?

**Ġan Feliċ:** Mill-ġdid m'għandi xi ngħidlek xejn, ħlief li waslitli ittra issa issa minn għand il-prokuratur ta' sid id-dar fejn qalli li l-Baruni Ciantar wasal minn vjaġġ li għamel. Smajt li mar mawra sa Katanja jkellem xi speċjalista—miskin ibati bil-qtigħ tan-nifs, kif kien qalli l-prokuratur tiegħu. Għarrafni li l-Baruni biħsiebu jasalli wasla d-dar u jittratta miegħi wkoll fuq xi ħaġ'oħra importanti, barra mix-xiri tad-dar. Ħa Manjifk. Aqra l-ittra.

**Ġervażju:** *(Wara li jkun qara l-ittra)*. Milli jidher għandu premura kbira li jarak.

**Ġan Feliċ:** X'nagħmlu, Manjifk? Ma jidhirlekx li jaqbel tkun hawnhekk inti wkoll?

**Ġervażju:** Naħseb li jaqbel.

**Ġan Feliċ:** Biss dik l-imbierka ta' marti... dik... dik... dik is-salib tiegħi... Marti li dejjem tmieri... li dejjem tridha tgħaddi tagħha. Jekk ngħid sa nagħmel hekk, għax jaqbel hekk, araha tmerini biex ma nagħmilx hekk, imma l-maqlub ta' dak li ngħid jien... Nibża' li tagħmilli xi waħda quddiem li l-Baruni Ciantar wasal minn vjaġġ li għamel. Smajt tad-dar ta' Ħal Balzan, saret xitan... tgħidx x'ma ħolqitx biex ma tħallinix nixtriha... bilfors riedet li tgħaddi tagħha...

**Ġervażju:** X'inhi mela l-fehma tagħha? Għaliex hija kontra dan ix-xiri?

**Ġan Feliċ:** Għaliex, qalet, li s-somma tax-xiri hija għalja... u flok il-villa ta' Ħal Balzan tridni nixtri dar San Pawl il-Baħar. Hemm fin-nofs dak in-neguzjant tas-Sur Saver bil-maħżen ix-xatt u ibnu li milli jidher ħajruh għal binti.

**Ġervażju:** U inti, milli jidher, m'intix tal-parir li flok id-dar tal-Baruni Ciantar tixtri dik li tixtieq martek... u lanqas li tlaqqa' lil bintek ma' bin is-Sur Saver.

**Ġan Feliċ:** Xejn li xejn. U, milli jidher, lanqas binti m'hi sejra tit-ħajjar tiżżewweġ lil bin is-Sur Saver. Binti l-lum, taf inti, għandha ideat li xejn ma jaqblu ma' dawk ta' bin neguzjant imdorri x-xatt. Mix-xeħta, binti tefgħet għajnejha fuq xi żagħżugħ li qiegħed jistudja l-Università.

**Ġervażju:** Jekk martek, ibda biex, għandha t-temperament ta' dawk in-nisa li dejjem iħobbu jmorru kontra x-xewqat ta' żwieġhom, jiġifieri għandha d-drawwa ta' l-ispirtu tal-kontradizzjoni, l-aħjar mezz li turiha li reġa' bdielek fuq ix-xiri tal-villa tal-baruni.

**Ġan Feliċ:** U mbagħad? Jidhirlek, Manjifk, li sejra tbiddel hekk minnufih il-fehma tagħha? Naħseb, Manjifk, li ma tantx tibdilha malajr, għax meta twaħħal ħaġa f'rasha qajla lill-mara tiegħi tneħħihielha.

**Ġervażju:** Ara x-xejra li tieħu u kif teħodha. Naħseb li n-natura tagħha, ta' mara li għandha d-drawwa tmur kontra x-xewqa ta' ħaddieħor, iġġagħlha tmur kontra l-ħsieb ġdid li tkun urejt li għamilt... u tinfexx biex iġġagħlek tixtri l-villa li inti wara kollox trid tassew tixtri. Hemmhekk

aqbadha fil-kelma u hi ssib ruħha maqbuda f'nassa li minnha ma tistax toħroġ.

**Ġan Feliċ:** Nittanta nimxi fuq il-parir tiegħek, u nara x'joħroġ. Jekk nara li ma rnexxejtx indawwar il-pruwa u mmexxi fuq ir-rotta ta' qabel.

**Ġervażju:** Naħseb li toħroġ minnha ħarir.

**Ġan Feliċ:** Jalla r-riżq.

**Ġervażju:** Nerġa' narak.

**Ġan Feliċ:** Erġa' għaddi, Manjifk. Naħseb li l-baruni jkun hawnhekk minn hawn u ftit ieħor.

**Ġervażju:...** Għandi daqsxejn ta' qadja sa għand l-avukat Bezzina u nerġa' niġi...

**Ġan Feliċ:** Tantx tiddawwar, Manjifk, ħalli dak li għandna nirfnu inbigħuh.

**Ġervażju:** Saħħa.

**Ġan Feliċ:** Saħħa.

**Tessie:** *(Tidħol u tgħid bil-mod)*. Sinjur. Hawn ċertu sinjur ma' żagħżugħ. Qalli li hu s-Sur Saver... jixtieq ikellmek.

**Ġan Feliċ:** Ġej.

**Tessie:** Daħħaltu fl-istudju.

**Ġan Feliċ:** Is-sinjura fejn hi?

**Tessie:** Issa għadha kif ratni. Għidtilha bih, u niżlet tiġri biex milli jidher tmur tilqagħhom hi qabel ma tasal int.

**Ġan Feliċ:** Tajjeb. *(Joħroġ)*.

**Tessie:** *(Issejjaħ)*. Sinjurina, sinjurina Sofie...! Sinjurina Sofie...!

**Sofie:** *(Wara ftit tidħol imgħaġġla)*. Hawn jien, Tess... Kont qiegħda fil-kamra l-oħra nissamma' wara l-bieb.

**Tessie:** Għandi din l-ittra għalik. Kien hawn Aldo. Stennieni hawn barra jiena u ħierġa għax-xiri u qalli nagħtihielek malajr. Qalli li l-lejla ma jarakx. Ferħan, ferħan, issokta jgħidli li l-pap§ tiegħu wasal mis-safar u li jispera li jarak mument ieħor.

**Sofie:** X'qallek iżjed?

**Tessie:** Xejn... qalli: Inti tihielha l-ittra... fiha għidtilha kollox..

*(Jissokta)*

# L-ISKOLA TAL-GVERN F'RAHAL NOFS SEKLU ILU

## Meta s-Sur Ġużè Porsella Flores Kien Igħallem Ħal Qormi

*Ta'* GUŻE' GALEA

ROYAL UNIVERSITY MELITENSIS MAIN LIBRARY



Is-Sur Ġużè Porsella Flores

Fl-ewwel għadd ta' "Il-Malti" ta' din is-sena, qrajt l-aħbar tal-mewt tal-Membru Akkademiku tal-Għaqda, is-Sur **ĠUŻEPPI PORSELLA FLORES** u minn moħħi għaddew tifkiriet ta' żgħoriti meta dak il-Membru Akkademiku kien igħallem fl-iskola tal-Gvern ta' Ħal Qormi.

Fil-bidu tas-seklu s-Sur Ġużeppi Porsella Flores mill-Birgu, fejn twieled, mar igħallem Ħal Qormi. Dak iż-żmien dawk li jgħallmu fl-iskejjel tal-Gvern kienu jissejħu *Assistant Teachers*, iżda lis-Sur Ġużi kien joqgħodlu wkoll dak l-isem għax minn qalbu kien jassisti l-iskulari tiegħu mhux biss biex jitgħallmu, iżda wkoll biex isiru rġiel ta' karattru. Ħafna mill-iskulari tiegħu l-lum saru rġiel imlaħħqin tajjeb fix-xogħol, fin-negozju, fil-professjoni; min baqa' jgħix fir-raħal, oħrajn xterdu ma' Malta u Għawdex u xi wħud siefru, imma kollha għadhom jiftakru lis-Sur Porsella, għax hekk kienu jsejħulu, u kollha għadhom jixxennqu għal dawk is-snin li għaddew miegħu, ħielsa minn kull ħsieb, fil-hena tat-tfulija, fil-għożża ta' nieshom u taħt għajnejn l-Assistenti tagħhom, meta kull jum kellu l-ġrajja ferriħija tiegħu u kull ġrajja kienet rahan ta' avventuri akbar u isbaħ fiż-żmien ta' wara.

Is-Sur Porsella kien raġel ta' qalbu tajba, jaf imur ma' kulħadd, kalm u dħuli fl-imġiba tiegħu u fuq kollox, kellu sabar kbir, sabar mat-tfal u sabar mal-kbar. Hu kellu kelma tajba għal kulħadd u kien dejjem minn ta' quddiem biex igħid kelma għall-ġid, biex ilaqqa' għaqdiet, iqajjem ħidmiet u jċaqlaq il-ħajja bla ħajr u monotona tan-nies tar-raħal medhijin fil-kummerċ u n-negozju.

Fi żmien is-Sur Porsella f'Ħal Qormi kien hemm żewġ skejjel: waħda għall-bniet, f'dar kbira fejn il-lum tinsab l-iskola tas-Sorijiet Agostinjani, l-oħra għas-subien, f'dar kbira wkoll li fl-antik kienet l-Armerija tal-Kavalieri u l-lum hi użata bħala Għassa tal-Pulizija. Fiż-żewġ skejjel ma kienx hemm aktar minn tliet mija, subien u

bniet, minn ħamsa sa tnax-il sena. Kien hemm il-klassi għaż-żgħar ta' ħames snin, tan-nuna, waħda għas-subien u l-oħra għall-bniet, imma t-tnejn fl-iskola tal-bniet. Imbagħad kien hemm sitt klassijiet għall-kbar f'kull skola.

Il-klassijiet, imsejħin uffiċjalment *standards*, kienu jgħoddu mill-ewwel sas-sitta, xi drabi kien ukoll hemm is-seba' *standard*, iżda t-tfal u l-ġenituri tagħhom kienu jagħżluhom mhux bħala l-*Ewwel Standard* jew it-*Tieni Standard*, iżda bħala l-klassi tas-"*sold*", tas-"*sold u nofs*", tat-"*tliet karlinijiet*" tal-"*erba' soldi*", tas-"*sixpence*" u tax-"*xelin*" skond kemm kien jiswa l-ktieb prinċipali li naqraw fuqu. Hekk, meta omm kienet tiftaħar mal-ġara li "t-tifel tagħha kien tala' minn *tat-tliet karlinijiet* għal ta' l-*erba' soldi* imma kien se jiswielha spiża", kienet trid tfisser li t-tifel tagħha kien avanza mit-*tielet* għar-*raba' standard* u kien jeħtiġilha tixtrilu l-ewwel ktieb tal-qari bl-Ingliż "*Chambers's Fluent Readers*" li jiswa erba' soldi! Fl-ewwel tliet snin kellna l-"*Kotba tal-Qari Malti*" stampati fl-Istamperija tal-Gvern, vers bil-Malti u vers bl-Ingliż; fir-raba' sena konna nibdew qari bl-Ingliż fil-"*Chambers's Fluent Readers*" u fil-ħames sena konna nagħtuha għat-Taljan fil-kotba "*Letture Educative ed Istruttive*" ta' Alessandro Avoli.

It-tfal kienu mqassmin fi tliet għaqdiet jew "*houses*" ta' żewġ klassijiet kull waħda. L-ewwel waħda, taż-żgħar ta' l-ewwel u tat-tieni *standard; it-tieni "house"*, tal-mezzani, kienet tiġbor it-tfal tat-tielet u tar-raba' *standard;* it-tielet "*house*", tal-kbar, kienet tħaddan it-tfal tal-ħames u tas-sitt *standard*. It-tfal tal-"*houses*" jew għaqdiet kienu jingħarfu mil-lewn tal-kukkarda, li kienu jilbsu fuq ix-xellug ta' sidirhom. Il-kukkarda safra taż-żgħar, il-ħadra tal-mezzani u l-ħamra tal-kbar.

L-iskulari kellhom bħal uniformi li skond ir-regola għas-subien kienet ġakketta tad-drapp isfar aktarx khaki, bil-kukkarda fuq ix-xellug in-naħa ta' fuq, għonq tal-*Caoutchouc* u ingravata ħamra, qalziet tas-serge iswed jilħaq sa l-irkobba u żarbun jew għallinqas, qorq. Il-bniet kienu jilbsu bluża bajda bil-frill madwar għonqhom u bil-kukkarda bħal tas-subien fuq sidirhom. Imma ftit wisq kienu dawk it-tfal li jmorru l-iskola libsin skond ir-regola; u mhux kul-ħadd kellu l-ingravata u l-għonq, ħafna kellhom il-ġakketta mqat-tgħa jew b'xi roqgħa daqs pala tal-bajtar, jew mimlija bi tbajja' tal-inka; il-qalziet spiss b'roqgħa wara, aktarx kien jilħaq xi erbat iswaba' 'l isfel mill-irkobba; ftit wisq kienu t-tfal li jxiddu ż-żarbun, ħafna kienu jmorru bil-qorq u xi wħud minħabba l-faqar, kienu jilbsu qorqa waħda, għax par qorq kienu jaqsmuh bejn żewġt itfal u hekk jissodisfaw ir-regola li ma kenitx tħalli t-tfal imorru l-iskola ħafjin! Kull tifel jew tifla kellhom barżakka tad-drapp oħxon bħal *khaki* mdendla minn fuq spallithom ix-xellugija għal fuq ġenbhom tal-lemin u fiha kienu jġorru kotba, jew lavanji, pitazzi, lapsijiet u

pinen, xi biċċa ħobż bil-ġobon jew xi żewġ galletti mkebbin f'biċċa karta safra tat-tqartis u, skond l-istaġun, xi kagħka tal-għasel għall-ħabta tal-Milied jew xi qassata għall-Għid. U ma' kollox, boċċi, żibeġ, żgagar u minn xi daqqiet gremxul, żrinġijiet u wrieżaq skond iż-żmien !

Filgħodu qabel jidħlu t-tfal kienu jinġabru quddiem l-iskola, jilagħbu jew jagħtu fastidju lix-xemx għaddejja, igħajtu, jaqbżu, jittellqu, jiġġieldu u xi drabi jagħtu bl-idejn jew bil-barżakki, u allura kien joħroġ is-Surmast Sciberras, jaqbadhom minn widnejhom, idaħħalhom ġewwa u jdoqqilhom xi daqqtejn bir-riga fuq il-pała ta' idhom.

Fit-tmienja s-Surmast kien joħroġ fil-bieb ta' l-iskola jċempel il-qanpiena; nofs it-tfal kienu jidħlu jiġru ħallata ballata bilkemm ma jaqilbux lis-Surmast, in-nofs l-ieħor kienu jdumu jitnikkru sakemm is-Surmast isejħilhom u jurihom ir-riga! Xi tnejn kienu jiżolqulu u jiskartaw l-iskola! Fil-klassi kien hemm bankijiet twal, f'kull wieħed joqogħdu ħamest itfal, bit-tavla quddiem biex jiktbu fuqha. Quddiem il-bankijiet kien hemm bradella b'siġġu u mejda fuqha għall-Assistent.

Ħdejn il-bradella kien ikun hemm il-"*blackboard*" fuq il-kavallett wieqaf fuq tliet saqajn. Fiż-żewġ saqajn ta' quddiem kien hemm ringiela toqob waħda fuq l-oħra, fejn jidħlu żewġt ifilsa jew mazzarelli li jżommu fuqhom il-"*blackboard*" 'l isfel jew 'il fuq skond fejn ikunu mdaħħlin fit-toqob, t'isfel jew fuq. Ma' sieq waħda kienet tkun imdendla sponża biex l-Assistent iħassar il-kitba bil-ġibs minn fuq il-"*blackboard*". Kien ikun hemm ukoll stikka biex hu juri biha l-kitba fuq il-"*blackboard*". Fuq il-mejda l-Assistent kien iżomm ir-riga u kaxxetta bil-ġibs li t-tfal dejjem għajnejhom fuqha biex idabbru xi biċċa ġibs minnha. Kultant xi sabi mqareb kien jorbot mas-sieq ta' wara tal-kavallett biċċa spaga u meta jiġbidha, "*black*-board", kavallett u stikka kienu jistabtu ma' l-art u jagħmlu ħoss kbir! Mal-ħajt wara s-siġġu ta' l-Assistent kien hemm imdendel kwadru tal-Madonna bi xkaffa żgħira taħtu, u mal-ħitan l-oħra kien hemm mappi jew stampi ta' annimali, boskijiet jew fabbriki u minieri, kollha mċarrtin jew imtebbgħin bil-linka.

Meta jidħlu fil-klassi u jsibu posthom, it-tfal kienu jgħidu l-*Ave Maria* ma' l-Assistent, iroddu s-salib, imbagħad joqogħdu bil-qiegħda u jibdew it-tagħlim. L-ewwel xogħol kienet l-aritmetka jew is-somom. It-tfal kienu juru lill-Assistent il-pitazzi bis-somom li kienu ħadmu d-dar u hu jimmarka bl-aħmar l-iżbalji li jsib u jagħti xi ħasla jew xi daqqtejn bir-riga, lil dawk li ma jkunux ħadmu fid-dar. Imbagħad l-Assistent jibda jfisser ir-regoli tal-għadd, tat-tnaqqis, taqsim, tiżdid, u jaħdem xempji fuq kull regola.

Fil-għaxra t-tfal kienu joħorġu għall-mistrieħ fil-bitħa jew fit-

triq, u wara li jieklu bukkun, kienu jagħmlu d-*drill*. Darba għallmuna poeżija bl-Ingliż biex inkantawha mal-qbiż tad-*drill:*

*Children go*
*To and fro*
*In a merry*
*Pretty row.*

Id-*drill* kien isir fit-triq quddiem l-iskola, imma lit-tfal il-kbar ġie li ħaduhom il-wied fejn kien hemm wesgħa kbira miksija bis-siment.

Wara d-*drill* konna nerġgħu għall-klassi u nibdew il-qari u t-traduzzjoni. Is-Sur Porsella kien iraqqaq wisq fil-qari u kien fitt ħafna għall-pronunzja. Ġie li dam kwarta jfissrilna kif inlissnu l-kelmiet Ingliżi *thorough, trough, enough* u kien iġagħlna ntennuhom għal bosta drabi tant li fl-aħħar ma kienx jinstama' ħlief *uff, uff!*

In-nofs ta' nhar ta' filgħodu konna nispiċċawh bis-Sur Porsella jirrakkonta l-ħrejjef ta' Ġaħan, jew il-ħrejjef folkloristiċi ta' Patri Magri jew ġrajja mill-istorja ta' Malta, skond il-klassi. Is-Sur Ġużè kellu ħabta kbira biex jirrakkonta u kien iżommna l-ħin kollu msaħ-ħrin u mgħaxxqin bl-istejjer tiegħu.

Ma' l-ewwel tokk ta' nofs in-nhar is-Surmast Sciberras kien iċempel il-qanpiena, l-Assistenti jgħidu l-*Angelus* mal-klassi tagħhom u ma' l-"*Amen*" kulħadd jitlaq jiġri kemm jiflaħ lejn il-bieb ta' barra. Kultant xi tifel kien jolqot xi Assistent u jaqla' tbeżbiża, jew xi żewġt itfal kienu jaħbtu ma' xulxin u jaqgħu t-tnejn fl-art u jxerrdu pitazzi u kotba ma' kullimkien.

Malli joħorġu mill-iskola jew qabel jidħlu, dawk l-ixxurtjati fost it-tfal li jkollhom xi sold fil-but, kienu jidħlu f'ħanut ċkejken tal-ħelu u jagħtuha għall-ħala! Kienu jixtru xi biċċa ċikkulata ta' tliet ħabbiet, xi biċċa penit ta' sitt ħabbiet, jew boċċi taż-żambur ħabba l-waħda! Dak iż-żmien kollox kien irħis: lavanja għat-tfal tan-nuna biex jiktbu fuqha kienet tiswa sold u nofs, imma l-lapsi-jiet tal-lavanja kienu tlieta, sitt ħabbiet; pitazz kien jiswa sitt ħab-biet, jekk tieħu tlieta tonfoq sold u tliet ħabbiet; tokka sitt ħabbiet u erba' pennini sold; xiber bastun irqiq tas-suldati, jew xikel ta' siġġu kienu jgħoddu bħala riga.

Wara nofs in-nhar it-tfal kienu jidħlu fil-klassi fis-sagħtejn u jitgħallmu dittatura, kalligrafija, duttrina, ġeografija u fl-aħħar żewġ klassijiet, Taljan. Is-Sur Porsella kien iħobb wisq igħallem il-ġeogra-fija, kien jinqala' ħafna biex jitkellem dwar bliet, nies, drawwiet, industrji u kummerċ, u aħna konna nisimgħuh bi pjaċir kbir ifisser kif iħaffru għall-faħam, għall-ħadid u minerali oħra, kif jikkoltivaw il-qmuħ fil-Kanada, kif irabbu n-ngħaġ fl-Awstralja u kif imorru għall-kaċċa ta' l-annimali fl-Affrika. Biex nifhmu aħjar is-Sur Ġużè

kien iġibilna stampi u oġġetti bħal suf, qoton, qamħ u xgħir u ħwejjeġ oħra biex jispjegalna fuqhom.

Nhar ta' Sibt l-iskola kienet tiftaħ mit-tmienja sal-għaxra biss u f'dawk is-sagħtejn ftit kien isir tagħlim. Konna mmorru fl-uffiċċju tas-Sur Franġisku Sciberras, is-Surmast, u nisselfu ktieb tal-"Mogħdija taż-Żmien" biex naqrawh matul il-ġimgħa, filwaqt li l-Assistenti kienu jinġabru flimkien u jgħaddu ż-żmien jirrakkontaw il-ġrajja ta' matul il-ġimgħa u jgħidu xi ħlieqa. Dawk l-Assistenti kienu qabda rġiel mill-aħjar, ma kellhomx il-għerf ta' Salamun, iżda kellhom il-għaqal ta' Mosè. Kull wieħed kellu xejra għalih: is-Sur Nettu Depasquale kien ċajtier, is-Sur Ġużeppi Galdes kien ta' ftit kliem, is-Sur Ġorġ Portelli kien iħobb idaħħak, is-Sur Pawl Mifsud Ellul kien iżommha ta' kbir, is-Sur Pin Borg kien mistħi, is-Sur Pawl Aquilina kien iħobb il-banda, is-Sur Ġann Tewma kien jiddiletta bil-palk u s-Sur Saver Mizzi kien jobrom il-mustaċċi bħall-Kajżer. Kollha kellhom qalbhom tajba u kollha kienu ġenwini f'għamilhom u fi ħsibijiethom, magħhom iżżid lis-Sur Ġużè Porsella, li kellu qalbu taddeheb.

Il-ħajja fl-iskola kienet timxi bla taqlib u bla tibdil kbir u tmur ma' l-istaġun. Nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar, meta l-qniepen tal-knisja jfakkru l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, is-Surmast Sciberras kien iċempel dik l-imbierka qanpiena tiegħu u l-Assistenti jieqfu mit-tagħlim iqajmu t-tfau bil-wieqfa qanpiena tiegħu p wara lis-seba' duluri ta' Marija, u Kredu.

Fl-ewwel ta' Novembru kienu jeħduna nisimgħu Quddiesa għall-Erwieħ tal-Purgatorju. Aħna t-tfal konna nixilgħu xemgħa ta' disa' ħabbiet fuq il-qabar ta' nannietna li dak iż-żmien kienu għadhom jindifnu fil-knisja. Imbagħad matul ix-xahar ta' Novembru u għall-bidu ta' Diċembru, it-tfal arahom jixtru l-pasturi tat-tafal, tliet ħabbiet il-wieħed, u jiġbru l-kagazza mill-widien għall-presepju, li kienu jarmaw għall-Milied. Is-Sur Porsella, li kien iħobb it-tradizzjoni, kien dlonk iħeġġeġ it-tfal biex jaħsbu għall-presepju u jagħtihom pariri dwar il-grotta tal-Bambin u fejn iqiegħdu l-mitħna tarriħ, il-pasturi u l-baqra, il-ħmara ġewwa l-għar u ngħaġ u għasafar fuq il-blat. Imbagħad qrib il-festa tal-Kunċizzjoni hu kien ifakkarhom jiżirgħu l-qamħ u jsaqquh u jżommuh fid-dlam biex jikber abjad u sabiħ. Wara l-Milied kienu jaslu ġranet ta' xita u bard u allura t-tfal kienu jmorru l-iskola mkebbin f'xi biċċa inċirata, milfufin f'xi xkora jew mgħottijin tnejn tnejn bil-kabozza tannannu, u meta jagħmel is-silġ, arahom iwaddbuh lil xulxin u kultant jolqtu lil xi mara sejra l-forn bil-għaġna jew xi riġel għaddej għal xogħlu.

Għall-Karnival it-tfal kienu jagħmlu l-mustaċċi bil-faħam jew iġemmdu wiċċhom jew jiżbgħu ħaddejhom bil-linka ħamra, u s-Sur Porsella kien ikompli magħna billi jpinġilna l-barbetti u jlibbisna xi

kappell ta' mara fejn ma jarahx is-Surmast! Imbagħad fil-ġranet tar-Randan fil-mistrieħ tal-għaxra, dak ir-raġel eżemplari ma kien jieħu xejn ħlief tazza ilma biex ifakkarna fis-sawm. Wara nofs in-nhar kien ukoll igħaddi ftit taż-żmien ifissrilna l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu u jbikkina meta jsemmi t-tbatijiet li Hu ġarrab għalina. Nhar Ħamis ix-Xirka, wara nofs in-nhar, is-Surmast ma' l-Assistenti tiegħu, kien jieħu t-tfal għas-seba' żjajjar tal-knejjes; hu kien iqassad ir-Rużarju u l-Assistenti kienu jaraw li t-tfal iġibu rwieħhom sewwa.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira t-tfal kienu jilbsu ta' Lhud u s-Sur Porsella, li kien wieħed minn dawk li jqassmu l-purċissjoni, kien isibilhom il-post fejn jimxu u jwissihom kif għandhom joqogħdu. Il-jum ta' wara, Sibt il-Għid, ħafna minna l-iskulari konna niltaqgħu mas-Sur Ġużè fil-knisja għall-Quddiesa ta' l-Irxoxt u qabel il-Glorja konna noħorġu flimkien u mmorru fil-misraħ ta' San Franġisk mnejn kienu jitilqu bil-vara ta' Kristu Rxuxtat u jieħduh b'ġirja waħda sal-knisja, u kulħadd jiġri u jgħajjat wara l-vara. Imbagħad kienu joħorġu wieħed idoqq il-fifra u l-ieħor it-tanbur u jmorru jduru mar-raħal jagħtu l-aħbar tal-Qawmien u ċorma tfal jaqbżu jogħlew madwarhom. Xi wħud mit-tfal kienu jitħajru għal xi figolla, imma s-Sur Ġużè kien iwissihom biex ma jonfqux flus fiċ-ċippitatu ħalli ma jidrawx il-vizzju tal-logħob. Dak iż-żmien għall-Għid, kif ukoll għall-Milied, kienu joħorġu rġiel bit-tilari mimlijin figolli jew kagħak tal-għasel, imma flok ma jbigħuhom, kienu jħajru n-nies kbar u żgħar, biex idawru ċ-ċippitatu għalihom: żewġ dawriet tliet ħabbiet, ħames dawriet sitt ħabbiet. Dak is-Sur Ġużè kien dejjem ħsiebu biex iwissina u jiftħilna għajnejna; ma kienx iridna nixxabbtu fuq il-fus ta' wara tal-karozzin jew naqbżu fuq it-tram hu u miexi, għax nistgħu nweġġgħu jew inkorru sewwa.

Malli jgħaddi l-Għid konna nibdew naħsbu għall-festa ta' San Ġorġ. Dak iż-żmien il-festa tal-Qaddis tar-raħal kienet issir f'nharu, it-tlieta u għoxrin ta' April. Minn xi ħmistax qabel, ħafna tfal wara l-iskola flok li jmorru d-dar kienu jissieħbu ma' l-irġiel tar-raħal li jħaffru t-toroq għall-arbli u jarmaw pilastri u pedistalli, u jġorru statwi ta' anġli u qaddisin u papiet u jqiegħdu t-tankijiet għad-dawl ta' aċitilena. Is-Sur Porsella, li kien sar wieħed mill-perċimes tal-festa, kien jara li t-tfal iġorru xi ħaġa ħafifa u ma jkorrux. Fil-jiem tat-Tridu, qabel il-festa, qajla kien isir tagħlim fl-iskola għax it-tfal ikun ħsiebhom fil-priedki u l-mużika ġewwa l-knisja u l-mixegħla tal-faċċata tal-knisja u tat-toroq u l-imsieraħ, u s-Sur Porsella l-ħin kollu jirrakkonta l-ħajja ta' San Ġorġ.

Wara l-festa ta' San Ġorġ kien jidħol Mejju, ix-xahar tal-Madonna. Is-Sur Porsella kien daħħal id-drawwa sabiħa li wieħed mit-tfal tal-klassi, kuljum kien iġib warda għall-Madonna u hekk fuq l-ixkaffa ta' taħt ix-xbieha ta' Marija, fil-vażett, kuljum kien ikun hemm bukkett fjuri friski. Wara nofs in-nhar is-Surmast Sciberras

kien italla' t-tfal kollha fis-sala l-kbira biex igħidu r-Rużarju quddiem inkwatru tal-Madonna.

Iż-żmien jimxi u x-xhur jinbarmu wieħad wara l-ieħor. Igħaddi Mejju, jasal Ġunju bil-ħġejjeġ ta' San Ġwann u l-Imnarja. It-tfal jibdew minn kmieni jaħsbu biex ikollhom x'jaħarqu. Is-subien ta' kull triq, wara l-iskola kienu jmorru l-wied jaqtgħu x-xewk u l-għollieq, jorbtuhom qatet u jkaxkruhom lejn it-triq tagħhom b'ħafna ċajt u żufjett. Waqt li jkunu jkarkru bil-ġirja dak il-għaram ta' xewk, l-imqarbin tfal ġie li laqtu u qalbu xi kenur bil-borma fuqu li jkun ħdejn xi għatba biex ir-riħ ikebbes in-nar, u allura toħroġ il-mara tad-dar tgħajjat u tiġri wara t-tfal bl-imrewħa f'idha !

Għall-ħabta ta' San Ġwann kien ikollna l-festa ta' *Corpus Domini* u s-Surmast kien jeħodna nimxu fil-purċissjoni tas-Sagrament Imqaddes. Kien fina dehra sabiħa; l-ewwel jimxu l-bniet lebsin l-abjad, imbagħad is-subien bil-ġakketta u l-għonq nodfa u bil-kukkarda, u s-Sur Porsella jterraq 'il quddiem u lura biex iżommna mexjin erbgħa erbgħa bla ma nitħabblu. Ftit wara tasal l-Imnarja; xi wħud mit-tfal ta' l-iskola kienu jmorru ma' nieshom il-Buskett għall-wirja tal-biedja, imma l-biċċa l-kbira kienu jinġabru fi dħul ir-raħal jistennew il-bdiewa deħlin ixejru l-bandieri li jirbħu fil-wirja jew il-palijiet tal-bhejjem li jieħdu l-ewwel fit-tiġrija. Imma l-Imnarja kienet tgħaddi bħal leħħa ta' berqa u warajha kienu jaslu l-jiem ta' nofs ta' nhar skola, imma dawk il-jiem ftit kienu jġibu ferħ magħhom għax magħhom kienu joqorbu l-eżamijiet u t-taqtigħ ta' qalb l-iskulari.

Għall-eżami kien jiġi s-Sur Vinċenz Busuttil, raġel fuq ruħu, dejjem mgħaġġel, lit-tfal kien iġibilhom soġġezzjoni b'dik id-daqna tiegħu tferfer ma' kull kelma li jgħid. Kien jikteb fuq il-*"blackboard"* xi żewġ somom u jġagħlna naħdmuhom fuq il-karti ta' l-eżami. Malli l-eżaminatur idawwar wiċċu, is-Sur Porsella kien jagħmlilna bil-ħeffa sinjal b'idu biex jurina kellniex innaqqsu jew inżidu jew niddividu jew nimmoltiplikaw. Imbagħad is-Sur Busuttil kien isejħilna wieħed wieħed u jġagħlna naqraw paragrafu u naqilbuh għall-Malti. Dan kien l-eżami kollu u aktarx kien igħaddi kulħadd.

Din kienet il-ħajja ta' kuljum fl-iskola ta' Ħal Qormi ħamsin sena ilu; kienet sensiela ta' jiem u staġuni għaddejjin bil-lajma u bla ma jaqtgħu wara xulxin. Għall-kbar kienu bħal qoffa tielgħa u oħra nieżla, imma għalina t-tfal kull jum kellu l-praspar ġodda.

Kultant kienet tinqala' xi okkażjoni li toħroġna mill-klassi u allura aħna konna nżommuha bħala ġrajja mill-aqwa fil-kalendarju ta' l-iskola għaliex kienet ukoll tiffrankalna l-lezzjonijiet, bħal meta f'April ta' l-1909 kien ġie Malta r-Re Dwardu VII mar-Reġina u t-tfal ta' l-iskola ta' Ħal Qormi tellgħuhom Santa Venera ħdejn it-Turretta biex jaraw is-Suvrani għaddejjin huma u sejrin minn Sant'Anton għall-Belt. Is-Sur Porsella għal dak in-nhar kien għallimna nkantaw,

jew aħjar ngħajtu: *"Hurrah! Hurrah for England. Hurrah for England's King!"* u, għax tgħid, donnu r-Re Dwardu nduna bl-entużjażmu li kellu s-Sur Ġużè għax ħares lejh u daħaklu.

Fl-1911 kienet qabdet imxija tal-kolera u waħda marida mir-raħal ma reditx tmur Lazzarett; ħadd ma seta' jfiehem lir-raġel tagħha biex jibgħatha għall-kura u kellhom iġibu nofs riġiment pulizija biex jieħdu lill-marida bilfors. Lilna t-tfal ta' l-iskola ħaduna naraw dak il-għadd kbir ta' nies tal-ħaqq, biex, kif qalilna s-Sur Ġużè, ifehmuna li bis-sewwa jew bid-dnewwa kulħadd ikollu jmejjel rasu għal dak li trid il-liġi.

Nhar id-29 ta' Diċembru 1908, l-aħħar ġurnata ta' l-iskola qabel il-vaganzi tal-Milied, meta dħalna l-iskola filgħodu, l-Assistenti, flok ma marru fil-klassijiet, baqgħu fl-uffiċċju tas-Surmast jitkellmu flimkien u damu ħafna jgedwdu bejniethom u jmejlu rashom u jxejru idejhom. Dik il-għodwa ma kellniex lezzjonijiet u qabel ħriġna s-Sur Ġużè daħal fil-klassi b'wiċċu mqarras u b'rasu immejla, u qalilna: "Il-bieraħ sar terremot f'Messina li qered eluf ta' nies". Imbagħad hu qagħad ifissrilna x'inhu terremot u jgħidilna fejn kienet Messina. Aħbar ħażina oħra li switilna nofs ta' nhar skola, kienet dik tal-għarqa tat-*"Titanic"*. Is-Sur Porsella dam ħafna jitkellem fuq dak il-vapur tal-għaġeb li għereq fl-ewwel vjaġġ tiegħu meta ħabat ma' *iceberg* u miegħu ntilfu għadd kbir ta' passiġġieri.

Il-jum ta' wara l-festa ta' San Ġorġ, l-24 ta' April ta' l-1913, ma kellniex skola għax ħaduna l-Furjana għat-tqarbina tat-tfal, waħda mill-funzjonijiet l-aktar importanti fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li dik is-sena kien iltaqa' f'Malta.. Kienet dehra tal-għaġeb, dawk l-eluf ta' tfal kollha ġwejdin u ferħanin, jisimgħu bil-ġabra l-Quddiesa fil-misraħ ta' quddiem il-knisja tal-Furjana. Wara li tqarbinna u sqewna l-kafè, is-Sur Porsella, lilna tal-klassi tiegħu, ħadna nbusu id wieħed mill-Isqfijiet li kien hemm ħdejn il-knisja jitgħaxxqu b'dik id-dehra li tixhed is-sentiment reliġjuż Malti.

Is-Sur Porsella ntafa' b'ruħu u b'ġismu fil-ħajja tar-raħal u sar qisu Qormi. Ftit wara li mar igħallem hemm iżżewweġ ma' Miss Marija Roża Buhagiar, hi wkoll Assistenta ta' l-iskola fir-raħal, u t-tnejn għammru f'dar fil-pjazza ta' San Franġisk u rabbew il-familja hemm. Lis-Sur Ġużè għoġbitu l-ħajja fil-belt ta' Pinto tant li ħajjar lil ħutu, il-Kanonku Dun Ġwann u l-Kanonku Dun Manwel, biex imorru huma wkoll igħixu hemm u t-tliet Porsellijiet ma damux ma qabdu r-riedni f'idejhom.

Dun Ġwann laħaq Kappillan tas-Sorijiet Agostinjani, bnielhom kappella sabiħa ħafna u fetħilhom kulleġġ għat-tfajliet. Il-kappella tas-sorijiet bit-tħabrik ta' Dun Ġwann saret il-knisja tas-sinjuri tar-raħal, u l-kulleġġ ħa isem ma' Malta kollha bħala waħda mill-aħjar skejjel għall-edukazzjoni tat-tfajliet puliti.

Dun Manwel fetaħ oratorju għat-tfal tar-raħal u hu kien l-ewwel

wieħed li beda jiġborhom, jeħodhom xi dawra, jorganizzalhom *sports* u jħarriġhom għall-palk.

Is-Sur Ġużè kont issibu mdaħħal f'kull ċaqliqa li tiġri fir-raħal; bit-tħabrik tiegħu rajna għall-ewwel darba ċ-ċinematografu f'Ħal Qormi: remissa kbira, ħdejn l-iskola tal-bniet, bit-twavel mimdudin fuq kantuni biex joqogħdu n-nies fuqhom, liżar imdendel mal-ħajt u, biex min jidħol ma jgħidx li ħallas sold għal xejn, kien hemm ukoll gramofon bi tromba daqs lenbija, u kulħadd joħroġ mistagħġeb u miblugħ għax jaraw ix-xbihat jiġru fuq il-liżar u jisimgħu kant ħiereġ mill-"makna tad-daqq".

Għall-Milied, is-Sur Porsella kien jiftiehem ma' xi żewġt iħbieb tiegħu ħabrieka bħalu, jikkapparraw xi remissa u jarmaw presepju bil-kif: pasturi jiċċaqalqu, iġmla jimxu, baqar u ħmir iqanqlu rashom, imtieħen iduru u ilma jċarċar. Dħul sold biss, tfal sitt ħabbiet! Kulħadd isemmi l-presepju tas-Sur Porsella; il-kbar jitgħaxxqu bih, it-tfal jitbellhu wara dak l-imbierek presepju.

Dak iż-żmien wieħed ftit kien isib fiex jedha f'Ħal Qormi. Tneħħi l-festi ta' San Ġorġ u ta' San Massmu, il-purċissjonijiet u kultant xi tiġrija fil-Marsa, qajla wieħed kien isib fiex igħaddi siegħa żmien u jiddeverti. Tassew li kien hemm tliet każini: il-każin "Tal-Qalba", dak "Tal-Werqa" u l-ieħor "Taz-Zokk", imma dawn bil-piki ta' bejniethom ma kinux jiġbdu lil kulħadd; għalhekk is-Sur Porsella ġabar xi ftit irġiel ta' l-iskola u fetħu "Kamra tal-Qari" fejn it-tabib, l-avukat, in-nutar, l-ispiżjar, is-surmast u xi erba' Assistenti, kif ukoll il-Kappillan, xi ftit qassisin u xi erba' benestanti kienu jiltaqgħu filgħaxija u jqattgħu sagħtejn jitkellmu fuq il-Gwerra tat-Transvaal jew iħambqu fuq l-aħħar diskorsi ta' Mizzi u Savona.

Is-Sur Ġużè kien jaf li hemm żgħażagħ iħobbu l-mużika, iżda ma kinux iridu jidħlu fil-piki tal-każini tal-baned, għalhekk hu għaqqadhom f'xirka u fetħilhom każin ta' l-orkestra. Imbagħad lil dawk iż-żgħażagħ mużiċisti ħajjarhom biex fil-ljieli tad-dawl ta' qamar, joħorġu jduru u jdoqqu mar-raħal, u n-nies li kienu jitnikkru għall-frisk fuq il-bankini jew fuq is-setaħ, kienu jieħdu gost kbir b'dik il-ħlewwa ta' daqq fil-ħemda ta' bil-lejl.

Biex dik l-orkestra ma jkun jonqosha xejn, is-Sur Porsella kien sab tnejn min-nies jafu jdoqqu ċ-ċirimella u daħħalhom fiha; imbagħad fil-lejl tal-Milied, dawk it-tnejn kienu joħorġu jdoqqu ż-żaqq imseħbin ma' oħrajn idoqqu t-tanbur u ż-żavżavun, b'ċorma tfal bil-fanali jiġru warajhom, u kienu jduru t-toroq kollha u jwennsu lin-nies li jkunu sejrin il-knisja għall-Quddiesa ta' nofs il-lejl, filwaqt li x-xita traxxax u l-bard ilanġas. It-tifel li jagħmel il-priedka fuq il-Bambin fil-Quddiesa ta' nofs il-lejl, kien dejjem ikun wieħed mill-iskulari, aktarx fil-klassi tas-Sur Porsella, li kien joqgħod taħt il-pulptu biex jagħmel kuraġġ lit-tifel-predikatur.

Meta riedu jdaħħlu l-*Boy Scouts* f'Ħal Qormi, talbu lis-Sur Por-

sella biex jindaħal hu ħalli jiġbor it-tfal u dak l-imbierek ta' Assistent ta' l-iskola li kont issibu f'kull fettuqa, seħħlu jgħaqqad truppa tfal li kienet mill-aħjar fil-Moviment ta' Baden Powell. Konna mmorru għad-*drill* fil-wesgħa tas-siment, il-Wied, u konna wkoll ngħaddu nofs ta' nhari fil-wilġa tal-Marsa fejn konna nittellqu, naqbżu u nsajru wkoll, bis-Sur Ġużè dejjem magħna qisu l-Anġlu Kustodju. Kultant konna nimmarċjaw fir-raħal, b'wieħed minn dawk taċ-ċirimella jimxi quddiem u warajh dawk tal-*bugles* u t-tnabar, u ommijietna u missirijietna fil-bieb jarawna għaddejjin u jintefħu bina!

Is-Sur Porsella ma kienx bniedem medhi biss bil-ħwejjeġ tar-raħal u mitluf wara x-xirkiet u x-xejriet li jitnisslu hemm. Hu kien bniedem intellettwali, iħobb it-tagħlim u jixxiegħel fil-qari; kien ħabib tas-Sur Ġużè Muscat Azzopardi, tas-Sur Tonin Muscat Fenech u tas-Sur Rikard Mifsud Bonnici, tliet kittieba mill-aħjar, l-ewwel tnejn joqogħdu Ħal Qormi, u ma setax ma jiddakkarx minnhom. Hu kien l-ewwel wieħed li fl-1918 ħareġ ġurnal f'Ħal Qormi: *"The School Journal"*, u naħseb li kien fost l-ewlenin mgħallmin ta' l-iskola li għaraf il-fejda u s-siwi tal-qari bħala mezz ta' tagħlim. Għall-interess tiegħu fil-qasam letterarju kien magħżul minn ta' l-ewwel, bħala Membru Akkademiku tal-"Għaqda tal-Kittieba".

Issa s-Sur Ġużeppi Porsella ħalliena imma ismu lilna, li konna skulari tiegħu, jibqa' jfakkarna f'dawk is-snin ferħanin ta' żgħoritna u f'dak iż-żmien ta' barka u sliem meta konna nifirħu b'kollox, meta ma konniex nafu x'inhu qerq u mibegħda, meta d-dinja kienet ħanina magħna, meta l-ħajja kienet twegħedna kull hena u ġid, meta konna ġenwini f'għamilna u ħsiebna. *O tempora! O mores!* Kemm nixtieq nerġa' nserraħ fostkom 'l moħħi u 'l qalbi għajjenin u mikdudin bis-snin u ipokresija tal-bnedmin.

# IZ-ZGHOZIJA

### *Ta'* Charles Casha

KEMM-IL DARBA, matulek ja ħajjet il-bniedem, feġġet quddiem ħbub għajnejna ż-żgħożija tagħna. Rajna u ftakarna fiż-żmien sabiħ li issa tar u mar u l-lum nitkellmu fuqu. Niftakru f'żgħożitna— ma nistgħux ninsewha...

Għax iż-żgħożija hija bħal ġnien: ġnien mimli ward u fjuri li l-fwieħa tagħhom tifga l-imnifsejn ta' min joqrob lejhom. Ma jkunx għadu l-bniedem daħal f'żgħożitu meta jkun diġà beda jħoss ġewwa fih dik il-hena li toħroġ mill-ward ta' żgħożitu. Imbagħad huwa jidħol fi ġnien żgħożitu u qalbu tfur bil-hena, hekk kif jara mifrux quddiemu dak il-ġmiel bla tarf. Huwa jħares madwaru u bla ma jinduna joħorġu minn fommu l-kelmiet "Kemm hu sabiħ ġnien żgħożiti!" Hekk iħossu ferħan, li jinsa li xi darba għad irid iħalli dak il-ġnien

sabiħ biex qatt ma jerġa' jidħol fih. Ix-xewqa kbira li jkollu li jibqa' hemm ġew tkun hekk qawwija li tnessih dan.

Biss kemm-il darba fil-ġnien taż-żgħożija, flok il-ward li jfewwaħ u jfawwar il-qlub bil-hena, insibu miżrugħ ix-xewk! Dan ix-xewk li jniggeż il-ġisem u jġarraf il-qlub! Imsejkna huma dawk li f'żgħożithom isibu biss tbatija u dieqa. Għaliex dawn għalihom, iż-żgħożija, ma tkunx dak il-ġnien bil-ward imma x-xagħri mudlam li t-tifkira tiegħu tnissel f'qalbhom dieqa u mibegħda.

F'żgħożitna niltaqgħu ma' ħafna ħwejjeġ sbieħ, fosthom l-imħabba. Dan huwa ż-żmien meta f'qalb iż-żgħażagħ tibda tinħass għall-ewwel darba l-ġibda għal xulxin. F'dan iż-żmien iż-żgħażagħ jidhru fl-aqwa tagħhom; it-tfajla tidher sabiħa u wieqfa, il-ġuvni f'saħħtu u fuq tiegħu. Kemm hi sbejħa l-ewwel imħabba! Kemm iħossu ferħan il-ġuvni meta jkun għadu fl-ewwel imħabba tiegħu! Kemm pjanijiet iħejji għall-ġejjieni! Hekk ukoll it-tfajla tkun f'ġenna ta' l-art meta tara lill-maħbub tagħha għaddej mit-triq fejn toqgħod hi. Huwa minnu li l-imħabba hija sabiħa. Hija warda li tikber fil-ġnien ta' żgħożitna tha, imma x-xewka li għamlet ferita f'qalbhom żagħżugħa.

Imma mhux darba u tnejn ġara li l-imħabba tibdel il-forma tagħha ta' warda u tiġi f'żgħożitna bħala xewka li teqred l-hena tagħna ħesrem. Kemm drabi smajna b'żgħażagħ li ntilfu fil-ġnien ta' mħabbithom u nxteħtu f'baħar ta' niket. Imsejkna żgħażagħ, l-imħabba għalihom, ma kenitx dik il-warda li tifga l-imnifsejn bi fwiħitha imma x-xewka li għamlet ferita f'qalbhom żagħżugħa.

Imma ż-żgħożija hija qawwija! U għax hija qawwija tagħti l-qawwa. Iż-żagħżugħ iħossha dik il-qawwa li tagħtih żgħożitu. Arah għaddej fi triq kollu qawwa, wieqaf u dritt. Ġewwa fih dik il-qawwa tgħidlu "Int żagħżugħ, qawwi, u ħadd ma jista' għalik". U għax iż-żagħżugħ huwa qawwi kulħadd ifittxu, kulħadd iridu! Il-kbar iħarsu lejh bħala kolonna fil-bini tal-progress u l-ġejjieni tal-pajjiż. Huma jagħmlu minn kollox biex minnu jagħmlu ċittadin tajjeb fil-karattru, ċittadin ħabrieki. Din il-qawwa fiż-żgħożija tgħaddi minn fuq kulħadd. Tiġi fuqna u aħna nistgħu nużawha tajjeb jew ħażin.

Kemm żgħażagħ jużaw qawwet żgħożithom fil-ħażen. L-għama tagħhom inessihom id-dmir tagħhom u jagħlqilhom widnejhom għal dak li hu tajjeb u meħtieġ għall-ġejjieni tagħhom. Ħasra, tassew ħasra, li tara żgħażagħ fl-aqwa tagħhom jaħlu d-don ta' żgħożithom fi ħwejjeġ ta' dannu għalihom infushom.

U hekk bħal kull ħaġ'oħra f'din id-dinja jasal ukoll it-tmiem ta' żgħożitna. Hija tgħaddi u tintemm. Iżda le tintesa! Iż-żgħożija ma tintesiex! Ma tistax tintesa! Għax kif jista' wieħed jinsa żmien żgħożitu? Ebda bniedem li għadda żgħożitu ma jinsa l-fwieħa tal-ward jew ix-xewk li ġarrab f'qalbu, imħabbtu li hennietu jew niktitu, u l-qawwa żagħżugħa li darba kien iħoss ġewwa fih. Għalkemm hija tgħaddi, xorta waħda tibqa' bħala l-aqwa żmien ta' ħajjitna.

# IL-MILIED IT-TAJJEB!

*Ta'* Ġ. Borg Pantalleresco

Lill-Professur Ġużè Galea.

Laħqitni xjuħiti
u għelbitni,
fuq fommi
aktar ma tidhirx
it-tbissima ta' żgħożiti
lanqas f'Jiem il-Milied.

Il-fwieħa
u ġmiel il-ward
m'għadhomx isaħħruni,
imma f'sidri
qalbi tfakkarni
f'dawk li ħabbewni;
għalhekk
f'dal-jiem ta' ksieħ,
imma dejjem sbieħ,
nixtieqlek Milied ħelu
bħal tbissima fuq fomm
li jġagħlna noħolmu
il-ġmiel ta' familja
u d-dell ta' dar
fejn nistkennu
wara s-sigħat tax-xogħol
u mill-irwiefen tal-ħajja
fejn trankwilla u ħiemda
ngħaddu xjuħitna
wara li jgħaddu u jmorru
il-jiem sbieħ ta' żgħożitna.

# LISTA KRONOLOĠIKA TAL-POEŻIJI TA' DUN KARM (PSAILA)

## Ippubblikati f'Rivisti, Ġurnali u Kotba

## Miġburin minn A. Cremona

**NOTA:** Ma' din il-ħarġa ta' "IL-MALTI" sa nibdew inġibu lista tal-poeżiji ta' DUN KARM. Din il-lista għandha tinteressa sew lil dawk il-kittieba li dejjem apprezzaw il-ġenju poetiku tal-Poeta Nazzjonali Malti, kemm ukoll lil dawk l-istudjużi tal-poeżija klassika Maltija li tagħha DUN KARM huwa l-Missier u l-Imgħallem li biha feda u żejjen l-ewwel paġni ta' l-Istorja tal-Poeżija Maltija.

| | Isem tal-Poeżija | Rivista, Ġurnal fejn ippubblikata | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1. | **Quddiem Xbieha tal-Madonna** (bid-data 11/1/1912) | Il-Ħabib | 1/2/1912 |
| 2. | **Mingħajr Omm** (bid-data 5/2/1912) | ,, | 22/2/1912 |
| 3. | **Alla Jaħseb** (bid-data 25/1912) | ,, | 7/3/1912 |
| 4 | **Id-Duluri** (bid-data 23/3/1912) | ,, | 28/3/1912 |
| 5. | **It-Tbaħħir** | ,, | 30/5/1912 |
| 6 | **Id-Dar** | ,, | 2/5/1912 |
| 7. | **Innu tal-Ħaddiema** | ,, | 13/6/1912 |
| 8. | **Il-Laqgħa ta' San Duminku u San Franġisk** | Il-Ħabbar ta' S. Antnin | 17/7/1912 |
| 9. | **Erbat Ijiem bejn l-Imġarr u l-Ġnejna** | Il-Ħabib | 29/10/1912 |
| 10. | **Il-Qalb tal-Bniedem** | ,, | 19/11/1912 |
| 11 | **In-Nissieġa** | ,, | 22/7/1913 |
| 12. | **Lid-Dielja** | ,, | 29/7/1913 |
| 13. | **Il-Għid ta' l-Imwiet fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata** (Sunett) | ,, | 4/11/1913 |
| 14. | **Il-Għodwa (Fl-Irħula)** | ,, | 20/1/1914 |
| 15. | **L-Arloġġ** | ,, | 3/2/1914 |
| 16. | **Ġunju** | ,, | 16/6/1914 |
| 17. | **Waħdi** (bid-data 5/7/1914) Iddedikata lil Ġ. Muscat Azzopardi. Bi tweġiba għall-poeżija "Waħdi" ta' G.M.A. fi "Il-Ħabib", 7/6/1914). | ,, | 14/7/1914 |

| | Isem tal-Poeżija | Rivista, Ġurnal fejn ippubblikata | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|---|
| 18. | **Lill-Frugħa** (bid-data 10/7/1914) | Il-Ħabib | 21/7/1914 |
| 19. | **Alla** | ,, | 29/12/1914 |
| 20. | **X'Inħobb—Ma Nħobbx il-Gwerra)** (Sunett) (bid-data 27/12/1914) | ,, | 5/1/1915 |
| 21 | **Lill-Kanarin Tiegħi** (bid-data 27/1/1917) | ,, | 2/2/1915 |
| 22. | **In-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta** (Sunett) | ,, | 9/10/1915 |
| 23. | **Imħabba Lejna Biss u Mħabba Lejn l-Oħrajn** (bid-data 5/2/1915) Traduzzjoni ta' "*Egoismo e Carità*" ta' Zanella | ,, | 16/2/1915 |
| 24. | **Il-Liedna** (bid-data 13/2/1915) | ,, | 23/2/1915 |
| 25 | **Il-Vjatku** | ,, | 23/3/1915 |
| 26. | **It-Tifla tar-Raba' (Tifkiriet ta' San Pawl il-Baħar)** | ,, | 12/10/1915 |
| 27. | **Il-Għaxra ta' Frar** (bid-data 27/1/1917) | ,, | 6/2/1917 |
| 28. | **Il-Għanja ta' Mejju** | ,, | 29/5/1917 |
| 29. | **Is-Salib** | ,, | 19/6/1917 |
| 30. | **Żjara lil Ġesù (Tifkiriet)** (Deher qabel fi "Il-Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù") | ,, | 12/12/1916 |
| 31. | **Il-Wegħda** (bid-data 23/12/1916) | ,, | 13/2/1917 |
| 32. | **Lill-Mitħna tar-Riħ** | ,, | 6/5/1922 |
| 33. | **Nhar in-Nawfraġju** | ,, | 15/2/1923 |
| 34. | **Il-Għanja ta' Malti fl-Amerika** | ,, | 15/2/1923 |
| 35. | **Il-Warda u s-Sħaba (Ħrafa)** | ,, | 28/2/1923 |
| 36. | **Innu ta' fil-Għodu u Innu ta' fil-Għaxija** (Jitkantaw fl-Iskejjel Elementari tal-Gvern) (bid-data 10/12/1922) | ,, | 30/3/1923 |
| 37. | **Innu tal-Madonna** (Jitkanta mit-Tfal ta' l-Iskola tal-Gvern fix-xahar ta' Mejju) | ,, | 30/4/1934 |
| 38 | **Innu lill-Qalb ta' Ġesù** (Għat-Tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern) | ,, | 30/5/1923 |
| . | **Nofs in-Nhar f'Lulju** (Tifkira ta' San Ġiljan) | ,, | 15/7/1923 |

| Isem tal-Poeżija | Rivista, Ġurnal fejn ippubblikata | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|
| 40. **Lil San Gejtan ta' Tiene Fil-jum tal-Festa tiegħu 12 ta' Awissu, 1923.** (Sunett) | Il-Habib | 30/7/1923 |
| 41. **Nhar in-Nawfraġju** (Bejn Malta u Pawlu) | ,, | 5/2/1924 |
| 42. **Lid-Driegħ ta' San Franġisk Saverju. Wara ż-Żjara lil Malta fis-26/5/-2/6/1924** (Bid-data 7/6/1924). | ,, | 15/6/1924 |
| 43. **Innu Ewkaristiku** (Traduzzjoni bil-Malti tal-poeżija bit-Taljan ta' l-istess awtur). | ,, | 30/9/1924 |
| 44. **Il-Għaxra ta' Frar** | ,, | 31/1/1925 |
| 45. **Innu tal-Ħaddiema. San Ġużepp lill-Ħaddiem Nisrani** | ,, | 15/6/1925 |
| 46. **Il-Kelma t'Ommi** | ,, | 15/1/1926 |
| 47. **Il-X ta' Frar** | ,, | 15/2/1926 |
| 48. **L-Ewwel Xita** (bid-data 4/12/1926) | ,, | 15/12/1926 |
| 49. **Il-X ta' Frar** | ,, | 15/2/1927 |
| 50. **Fil-Katakombi** (Ħsibijiet) (Iddedikata lill-Prof. T. Zammit). | ,, | 15/11/1927 |
| 51. **Is-Salib** | ,, | 30/11/1927 |
| 52. **Il-X ta' Frar** (bit-data 3/2/1928) | ,, | 15/2/1928 |
| 53. **Lill-Mons. Mikiel Gonzi** (Konsagraz. Isqof ta' Għawdex). | Il-Malti | Marzu 1925 |
| 54. **Lil Malta** (Mużika ta' Karl Maria Arts) | ,, | Ġunju 1925 |
| 55. **Innu Malti** (Mużika ta' R. Sammut, M.D.) | ,, | 1922 - 1923 |
| 56. **Il-Knisja Kelma Kienet!** | ,, | Marzu 1926 |
| 57. **Xenqet ir-Raba'** | ,, | Marzu 1926 |
| 58. **Frak—Lill-Għonnella** | ,, | Ġunju 1926 |
| 59. **Nofs il-Lejl Sajfi** | ,, | Ġunju 1926 |
| 60. **Int, Alla, Ħanin** | ,, | Diċembru 1926 |
| 61. **Poeta** (Lil R. Briffa tal-**Epithalamion**) | ,, | Marzu 1927 |
| 62. **Non Omnis Mariar** | ,, | Ġunju 1927 |

| | Isem tal-Poeżija | Rivista, Ġurnal fejn ippubblikata | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|---|
| 63. | **Lis-Sigarrett** (Ċajta) | Il-Malti | Diċembru 1927 |
| 64. | **'L Hinn min-Natura Hemm Alla.** | ,, | Marzu 1928 |
| 65. | **Qalbieni** | ,, | Diċembru 1928 |
| 66. | **Soru** | ,, | Diċembru 1928 |
| 67. | **Il-Mewt ta' Ġ. Muscat Azzopardi** | ,, | (Numru Speċjali) 1928 |
| 68. | **Trid Taf?** | ,, | Marzu 1929 |
| 69. | **Stedina** | ,, | Ġunju 1929 |
| 70. | **Alla Mhux Hekk!** | ,, | Settembru 1929 |
| 71. | **Fil-Mużew-Quddiem Arloġġ** | ,, | Diċembru 1929 |
| 72. | **Frak—Lilek Marija** | ,, | Diċembru 1929 |
| 73. | **Sliem** (mit-Taljan) | ,, | Marzu 1930 |
| 74. | **Kewkba** | ,, | Marzu 1930 |
| 75. | **Waħda Biss** | ,, | Ġunju 1930 |
| 76. | **Tliet Għanjiet** | ,, | Mejju 1930 |
| 77. | **Spes Ultima** | ,, | Settembru 1930 |
| 78. | **Indiema** | ,, | Diċembru 1930 |
| 79. | **Warda li Tgħid Ġrajjietha** | ,, | Frar 1931 |
| 80. | **Frak.—Channi Poeta** | ,, | Frar 1931 |
| 81. | **Frak**—The Terror of the **Desert** (Titlu taħt ritratt fil-"Photograms of the Year, 1929" meħud minn Capt. Alfred G. Buckam (London) | ,, | Ġunju 1931 |
| 82. | **Il-Baqra, l-Għanieqa, In-Nagħġa u l-Ljun** | ,, | Ġunju 1931 |
| 83. | **O Radjo** | ,, | Settembru 1931 |
| 84. | **Il-Presepju ta' Tfuliti** (bid-data 6/1/1932) | ,, | Marzu 1932 |
| 85. | **Rmied** (bid-data 6 ta' Frar) | ,, | Marzu 1932 |
| 86. | **Dell u Dija** | ,, | Ġunju 1932 |
| 87. | **Frak—Il-Qawl Malti** (bid-data 3/3/1932) | ,, | Settembru 1932 |
| 88. | **Mewt** | ,, | Settembru 1932 |
| 89. | **Ward** | ,, | Diċembru 1932 |
| 90. | **Herba** (bid-data 17/12/1932) | ,, | Marzu 1933 |
| 91. | **Żagħżugħ ta' Dejjem** (bid-data 13/4/1933) | ,, | Ġunju 1933 |

| | Isem tal-Poeżija | Rivista, Ġurnal fejn ippubblikata | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|---|
| 92. | **Il-Ġerrejja u Jien** (bid-data 16-18/6/1933) | Il-Malti | Settembru 1933 |
| 93. | **L-Id ta' l-Imgħallem** (bid-data 16/5/1933) | " | Settembru 1933 |
| 94. | **Bla Magħruf** (bid-data 7/5/1933) | ,, | Diċembru 1933 |
| 95. | **Otia Aestiva...** (Miktuba fis-Sajf ta' l-1932) | ,, | Marzu 1934 |
| 96. | **Rażna** (bid-data 15/3/1933) | ,, | Marzu 1934 |
| 97. | **Qassis Ġdid** | ,, | Settembru 1934 |
| 98. | **Lill-Kelb** (bid-data 16/7/1934) | ,, | Settembru 1934 |
| 99. | **Lil Marija** (Tfajla ta' 10 snin) (bid-data 18/8/1934) | ,, | Diċembru 1934 |
| 100. | **Il-Presepju u s-Salib** | ,, | Diċembru 1934 |
| 101. | **San Pawl f'Malta** (Lill-Kardinal Henry Newman) | ,, | Marzu 1935 |
| 102. | **Is-Silla** (Miktuba fir-Rebbiegħa) | ,, | Marzu 1935 |
| 103. | **Lil Ħaż-Żebbuġ** (Miktuba fl-1927) | ,, | Marzu 1935 |
| 104. | **L-Ilma tal-Faraġ** | ,, | Ġunju 1935 |
| 105. | **Bewsa** | ,, | Settembru 1936 |
| 106. | **Lil San Pawl** | ,, | Marzu 1936 |
| 107. | **Frak-Xewqat tal-Milied** | ,, | Ġunju 1936 |
| 108. | **Lil, Ġannina** | ,, | Marzu 1937 |
| 109. | **Il-Għelma** (Mill-poeżija bl-Ingliż ta' May Butcher) | ,, | Settembru 1937 |
| 110. | **Dun Mikiel Xerri** (Innu) | ,, | Diċembru 1937 |
| 111. | **Dan Min Hu?** (bid-data 16/2/1938) | ,, | Marzu 1938 |
| 112. | **Frak—** (Imħabba Siekta) (bid-data 15/2/1938) | ,, | Marzu 1938 |
| 113. | **Nirien ta' Mħabba jew Siegħa ma' Ġesù Ostia** | ,, | Ġunju 1938 |
| 114. | **Il-Lampa tas-Sagrament** (Fil-Knisja tal-Orsolini, tas-Sliema) | ,, | Settembru 1938 |

| | Isem tal-Poeżija | Rivista, Ġurnal fejn ippubblikata | tal-pubblikazzjoni Data |
|---|---|---|---|
| 115. | **Lill-Pjaċir**<br>(bid-data 23/7/1938) | Il-Malti | Settembru 1938 |
| 116. | **Il-Balluta Mwaqqgħa**<br>(Minn 'La Quercia Caduta tal-Pascoli)<br>(bid-data 28/7/1938) | ,, | Settembru 1938 |
| 117. | **Lill-Madonna tal-Karmnu**<br>(Talba)<br>(bid-data 3/11/1938) | ,, | Diċembru 1938 |
| 118. | **Lill-Kanarin** | ,, | Diċembru 1938 |
| 119. | **Otia Estiva**<br>(Tifkira ta' San Ġiljan) | ,, | Marzu 1939 |
| 120. | **Il-Għanja ta' l-Imħabba**<br>(bid-data 26/3/1939) | ,, | Ġunju 1939 |
| 121. | **Lil Malta**<br>(Sunett) | ,, | Settembru 1939 |
| 122. | **Innu ta' Ferħ biex jitkanta fil-Purċissjoni ta' Nhar il-Lunzjata** | ,, | Settembru 1939 |
| 123. | **Lil Ħuti Maltin**<br>(Nhar il-Għoti tal-Kostituzzjoni, 1921) | ,, | Diċembru 1939 |
| 124. | **Kennies**<br>(bid-data 3/11/1939) | ,, | Diċembru 1939 |
| 125. | **Lill-Ħabib Tiegħi Pi. Di.** | ,, | Diċembru 1939 |
| 126. | **Il-Għanja tal-Lsien Malti**<br>(bid-data April, 1932) | ,, | Diċembru 1939 |
| 127. | **Ħeros** | ,, | Settembru 1939 |
| 128. | **Għana tal-Gwerra**<br>(bid-data 28/5/1940) | ,, | Ġunju-Settembru 1940 |
| 129. | **Ħajr u Talb** | ,, | Ġunju-Settembru 1940 |
| 130. | **Progress** | ,, | Ġunju-Settembru 1940 |
| 131. | **Il-Libiena** | ,, | Diċembru 1940 |
| 132. | **Iżda**<br>(Għanja lil Ġesù fl-Ewkaristija)<br>(bid-data 8/10/1940) | ,, | Diċembru 1940 |
| 133. | **Mi-Ka-El**<br>(Quis ut Deus?) | ,, | Marzu 1941 |
| 134. | **Għaliex Mela!**<br>(Sunett) | ,, | Marzu 1941 |
| 135. | **Innu lil Sidtna Marija**<br>(Fil-Kunvent tad-Dumnikani, ir-Rabat) | ,, | Marzu 1941 |
| 36. | **Is-7 ta' Mejju**<br>(Sunett—Talba) | ,, | Ġunju 1941 |

| | Isem tal-Poeżija | Rivista, Ġurnal fejn ippubblikata | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|---|
| 137. | Paċi u Gwerra (Dehriet) | Il-Malti | Settembru 1941 |
| 138. | **E. Boats** (bid-data 10/8/1941) | ,, | Settembru 1941 |
| 139. | **Il-Lum** (lill-Kwiekeb) (bid-data Nov. 1941) | ,, | Diċembru 1941 |
| 140. | Il-Għanja tas-Sebgħin (bid-data 3/12/1941) | ,, | Diċembru 1941 |
| 141. | **Lil Ġużè Chetcuti Xewqat għall-Milied tal-1941** (miktuba fil-25/12/1941) | ,, | Diċembru 1941 |
| 142. | **Qawsalla Il-Madonna ta' Mejju Wara Erba' Xhur Blitz** (bid-data 30/4/1942) | ,, | Marzu 1942 |
| 143. | Ġesù **Fil-Kenn għall-Attakki mill-Ajru** (bid-data 27/2/1942) | ,, | Marzu 1942 |
| 144. | **Lil Malta Wara Elfejn Attakki mill-Ajru** (bid-data 18/5/1942) | ,, | Ġunju 1942 |
| 145. | **Fuq il-Fruntiera** (bid-data 1/6/1942) | ,, | Ġunju 1942 |
| 146. | **Inħobbok** (Mingħajr data. Miktub bosta snin qabel). | ,, | Settembru 1942 |
| 147. | **Żewġ Qronfliet** (Ġrajja minnha). | ,, | Diċembru 1942 |
| 148. | **Biki ta' Omm** (Black Market, eċċ.) (bid-data 21/1/63) | ,, | Marzu 1943 |
| 149. | **Tfajla** (Sunett) | ,, | Marzu 1943 |
| 150. | **Liema?** Bejn is-snin 1940-43 (bid-data 31/12/1943) | ,, | Settembru 1943 |
| 151. | **Lil Ġużè Chetcuti** (bid-data 6/1/1946) | ,, | Diċembru 1945 |
| 152. | **L-Akbar Poeta** (Sunett) | ,, | Ġunju 1946 |
| 153. | **Lil Dun Anton Mifsud** (Sunett) Nota: Ippubblikat l-ewwel darba f'"Il-Malti" f'Sett. 1945, b'xi żbalji ta' l-istampa. | ,, | Diċembru 1946 |

*(Jissokta)*

## IN MEMORIAM

# ĠUŻE' MICALLEF

Wara l-mewt ta' l-aħħar tliet Membri tal-Għaqda, fost l-ewwel Membri tal-Kumitat tal-Għaqda mwaqqfa fis-7 ta' Mejju, 1922, li kienu l-mejtin: G.M. Borg, Rogantin Cachia u l-Mons. Dun Karm Psaila, fil-15 ta' Awissu li għadda, kellna nġarrbu, b'għafsa ta' qalb, l-aħbar tal-mewt ta' wieħed ieħor mill-Membri tal-ewwel Kumitat tal-Għaqda, mhux inqas għażiż mit-tliet sħabu l-oħra—**ĠUŻÈ MICALLEF**, li dik il-ħabta ta' l-ewwel snin tal-Għaqda kien il-Proto ta' l-Istamperija tal-Gvern.

Bin is-sengħa (missieru kien il-magħruf tipografu Zeferino Micallef) barra mill-ħila tiegħu fit-tipografija, kien ukoll imżejjen bid-doti ta' ċerta kultura letterarja u ta' esperjenza fit-tmexxija u amministrazzjoni tax-xogħol tipografiku tal-pubblikazzjonijiet tal-Gvern.

B'riħet il-karika tiegħu fl-Istamperija tal-Gvern, il-Għaqda kellha ko-operazzjoni kbira minnu f'kull pubblikazzjoni li tinteressa l-Malti, b'mod speċjali fl-istampa tat-Tagħrif tal-Kitba Maltija, ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Alfabet u l-Ortografija Maltija, li ġie stampat fl-Istamperija tal-Gvern b'deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta tal-Parlament fit-22 ta' Novembru, 1923.

Għalkemm is-Sur Micallef, li għax il-għomor twil u sabiħ ta' 92 sena, minn xi snin 'l hawn ma baqax jidher iżjed fostna minħabba t-toqol taż-żmien li żammu magħluq id-dar, il-Għaqda baqgħet dejjem tgħożżu bħala wieħed mill-pijonieri tal-fondazzjoni tal-Għaqda, wieħed mill-membri li qatt ma naqas li jieħu sehem f'kull laqgħa u ħidma tal-Għaqda.

Il-Għaqda, fil-waqt li tissieħeb mal-qraba u ħbieb fil-ħasra tat-telfa tiegħu fostna—fost dawn mal-għażiża bintu Maria, Spettriċi fl-Iskejjel Governativi—titlob lill-Membri u Mseħbin f'IL-MALTI biex fit-talb tagħhom jiftakru fih għall-mistrieħ ta' ruħu.

# RECENSJONIJIET

**"KIF IĠĠIB RUĦEK SEWWA".** Kompilat mill-Onor. Emilio Camilleri, M.L.A. Dipartiment ta' l-Informazzjoni—Malta, 1963.

Is-Sur Emilio Camilleri kulħadd jafu għall-attivitajiet tiegħu fil-kamp soċjali; hu dejjem iħabrek bil-kliem u bil-għamil, biex igħallem il-poplu, biex iġibu 'l quddiem u biex iħarrġu f'għamejjel tajba. Imma l-attivitajiet tiegħu fil-beraħ huma mseħbin u mifrudin mill-kitba fil-gurnali u fil-kotba tant li mal-kwalifiki l-oħra wieħed jista' jgħoddu wkoll bħala kittieb prolifiku.

Dan l-aħħar ktieb tas-Sur Camilleri hu miktub biex igħallem lill-kotra mġiba xierqa u għamil sewwa f'kull okkażjoni li wieħed isib ruħu fiha. Tisma' min igerger li t-tfal tal-lum ma jafux iġibu ruħhom, li n-nies ta' l-irħula huma għafsin u intant ħadd ma jitħarrek biex igħallimhom.

Hafna nies iġibu ruħhom ħażin mhux għax huma ta' natural ħażin jew għax bla kont, iżda għax ma jafux. Nies bħal dawn kieku jsibu min jifthilhom għajnejhom jistgħu jsiru ċittadini retti u eżemplari.

L-awtur f'dan il-ktieb bi kliem ħafif, bil-għaqal u bil-ħlewwa jagħti tagħrif u tagħlim siewi fuq kif wieħed jista' jġib ruħu tajjeb u bil-qies kullfejn ikun u ma kullmin ikun. L-awtur jiftaħ il-ktieb b'erba' kelmiet li jiswew mitqilhom deheb: "Kull bniedem jista' jinħabb ma' għajru billi jġib ruħu dejjem bl-edukazzjoni u bil-ġentilezza". Imbagħad il-kittieb, bis-sengħa u l-kapaċità ta' surmast, igħaddi biex jispjiega kif bniedem għandu jġib ruħu fit-toroq, fid-dar, fil-karozzi fil-knisja, f'postijiet pubbliċi u fis-soċjetà. Dan hu tagħlim ħafif li jifhmu kulħadd u jekk il-poplu tagħna jimxi fuqu, nevitaw ħafna ġlied, tgergir, għawġ u nkwiet fost il-familji, bejn il-ġirien u qalb il-kotra.

J'Alla l-poplu jifhem il-ħtieġa ta' dan il-ktieb u jimxi fuq it-tagħlim li fih u j'alla wkoll l-awtur jissokta bil-pinna qawwija tiegħu jmexxi l-kotra lejn il-hena u l-ġid li jitnisslu mill-imġiba tajba.

G.

**"GRAMMATIKA MALTIJA",** Brother Henry, F.S.G.; De La Salle Brothers Publications; Progress Press; Malta, 1960.

Bro. Henry, l-Awtur, fid-Daħla ħabbar, "Il-għan waħdieni ta' dan il-ktejjeb mhuwiex li nżid xi tagħrif ġdid fuq il-grammatika tal-Malti, iżda li nġiegħel lill-istudenti b'manjiera l-iktar sempliċi u ċara, jifhmu malajr ir-regoli ta' l-ortografija u morfoloġija ta' l-Ilsien Malti".

Hsieb hekk xieraq, f'waqtu, tajjeb u wtieqi, min jista' jitlewwem miegħu? Mhux biss, iżda tħoss li trid tfaħħru u tagħmillu l-qalb. Wara kollox, min għandu tabilħaqq għal qalbu t-trawwim tal-kitba u tat-tagħlim bil-Malti, ma għandux jifhem li, aktar ma jkun hemm ħaddiema għaqlin u beżlin li jmiddu idhom u jħaddmu l-għaqal ta' moħhom sabiex il-Malti jingħaraf aħjar u jitħaddem sewwa, aktar tonqos u tispiċċa fix-xejn it-tgemgima ta' dawk li jsostnu illi l-Malti qajla jiswa tebaq fwiedu lil dawk il-Maltin li, jew għada pitgħada jridu jfittxu ħobżhom f'artijiet oħra minħabba li Malta trodd aktar nies milli ħobż; jew li l-ħin li jinħela sabiex wieħed joqgħod jitgħallem l-irqaqat tal-Malti, aħjar li jinħadem fuq dawk l-ilsna li jaqduna biex jifhmuna ġnus wisq akbar fil-għadd? U hawn jorbot il-ħsieb għaqli ta' Bro. Henry. Hu jixtieq li l-is-

studenti jaħkmu s-sisien tal-grammatika "b'manjiera l-iktar sempliċi u ċara". Hawn hu l-qofol ta' għalliem tabilħaqq mgħallem f'senegħtu.

Laħqu ħsiebu Bro. Henry? Jidhirli illi laħqu, u laħqu tajjeb, l-iktar f'dik li hi tqassim ta' tagħrif. Għoġobni tassew. Dan kollu jixhed li t-trawwim li Bro. Henry bħala 'Frere' ħa fis-sengħa ta' kif igħallem, swielu mitqlu deheb meta ntefa' għal dax-xogħol. Barra t-trawwim fil-pedagoġija, tħoss li Bro. Henry innifsu hu maħluq biex igħallem, jew li s-sengħa qiegħda f'demmu.

Tqalleb il-ktieb tara li kull lezzjoni tagħti t-tagħrif meħtieġ mingħajr mili ta' kliem u daqqiet — kif inhu xieraq — tagħraf bejn il-laħma u l-irqaqat. It-taħriġ iseddaq it-tagħlim tal-lezzjoni. Wara kull lezzjoni hemm rokna jisimha, 'Tgħallem ikteb', illi mhux biss taqdi lis-surmast, iżda tħares 'il bogħod għall-ħteġijiet ortografati ta' l-istudent. Barra dan, wara nett issib ġabriet ta' mistoqsijiet u taħriġ dwar il-grammatika, u wkoll xogħol dwar l-ortografija u l-lingwa. Prosit tabilħaqq għal dawk il-ħames paġni tagħrif imsejħin, 'Għajnuniet biex tikteb il-Malti sew'.

It-tqassim ta' l-istampa jiġbdek u juri li l-Awtur għaraf jinqeda b'din il-għodda sabiex l-istudent iżomm f'moħħu l-ewlieni u jagħraf jagħżel bejn kelma minn oħra. Dan il-għan l-Awtur kisbu billi nqeda b'tipa korsiv u wkoll ħoxna. Jidhirli illi kieku t-tipa komuni kienet eħxen milli hi, kien ikun aħjar. Naf li daqqiet l-Awtur ikun jixtieq kollox kif imur, iżda mhux dejjem dan jista' jsir jew għal ħaġa jew għal oħra.

"Din il-Grammatika Maltija" ġiet magħmula speċjalment għall-istudenti ta' l-ewwel tliet snin tal-kors Sekondarju", tgħid id-Daħla ta' l-Awtur. Jidhirli ma nitqarraqx meta ngħid li l-Iskejjel Privati qed jinqdew b'dan ix-xogħol ta' Bro. Henry. Ħaġa bħal din tqawwi l-qalb ta' Bro. Henry. Ngħiduha kif inhi, min hu dak li jmidd għonqu għax-xogħol, jaħli sabru u għaqlu, joħroġ il-flus mill but, (ebda librar f'Malta ma jindaħal għan-nefqa jekk ma jkollux rasu mistrieħa li flusu sa jeħodhom lura, talanqas kemm ikun ħareġ, jekk mhux ukoll xi ħaġa fuqhom), u mbagħad barra milli jkun biss ħaddem u neffaq il-flus għand stampatur, qalbu tingħasar jara xogħolu mitluq mejjet fuq l-ixkafef, jew fl-aħjar imwarrab ħadd ma jaf għalxiex u għalbiex?

Ladarba wasalna hawn, xieraq tiftakar fix-xogħol li wettqu x-xjuħ sabiex jaraw il-grammatika tal-Malti tingħaraf u jitgħallmuha. Qajla tista' toqgħod issemmi x-xjuħ wieħed wieħed u x'għadda mingħalihom, ladarba dan mhux studju dwarhom. B'danakollu ma tistax ma ssemmix il-veteran Ant. Cremona, imweġġaħ mill-Università Rjali ta' Malta, illi snin twal ħaddimhom fit-tiswir ta' Grammatika tal-Malti. Għal snin sħaħ l-Iskejjel tal-Gvern inqdew u għadhom jinqdew bix-xogħol ta' Dr. Ant. Cremona, u s-siwi tal-kotba tiegħu jissarrfu f'dawk l-eluf illi jafu s-sies ta' tagħlim fil-Malti lilu. Għalhekk, tkun ħaġa xierqa illi wkoll f'irqaqat, bħalma huma l-kliem li jitniżżlu qabel dan jew dak it-taħriġ, ma jkunx hemm għażla, sabiex l-istudenti ż-żgħar tal-Malti ma jħabbtux wiċċhom ma' tibdil jew għażil żejjed. B'daqshekk minix nitlob li kulħadd ikun mera wieħed ta' l-ieħor. Li qed inżomm quddiem għajnejja hu dan: ħalli jkun hemm tqassim tal-grammatika kif l-awtur jixtieq, sakemm il-laħma tibqa' li hi, iżda l-għażla tal-kliem jew termini jkunu jixxiebhu kemm jista' jkun bejn ktieb u ieħor. Dan igħodd għal dawk il-kotba maħsubin għall-iskejjel primarji u sekondarji. U dan kollu għalfejn? Sabiex kemm jista' jkun inwittu wiċċ il-mogħdija, u hekk ħadd ma jkollu għalfejn

igħid li t-triq għat-tagħlim tal-grammatika tal-Malti hi mħattba għal xejn b'xejn.

La ġejna f'dan, qed tinħass il-ħtieġa li l-istudent ikollu mera ta' kif jikteb dawk il-kliem barranin illi daħlu fi kliem ta' kuljum, u oħrajn li ma tafx hux aħjar tħallihom fil-għamla għariba jew tlibbishom għata maltija. Dan mhux qed insemmih għax il-kliem waqa' fuq ix-xogħol ta' Bro. Henry. Dal-kliem igħodd għal kulħadd, għax fl-iskejjel dan it-tfixkil jiltaqgħu miegħu l-għalliema illi jkunu jixtiequ min igħinhom u mhux joqogħdu jaqtgħu huma 'dak li jħossuh hu xogħol tal-grammatiku.

Lil Bro. Henry tħoss li għandek tifraħlu u tagħmillu l-qalb. Nittama li jindaħal għalbiex jagħtina l-'muftieħ' għat-taħriġ li fih il-ktieb tiegħu. J'Alla għalliema oħra ta' skejjel u kulleġġi, huma liema huma, illi s-snin taħom dik il-benna lix-xogħol tagħhom li taf tagħti biss l-esperjenza— il-mogħdija tas-snin — imiddu idhom għax-xogħol, sabiex l-istudent itiegħem il-frott bnin imnissel mill-għaraq tas-snin.

Fl-aħħarnett nistieden lill-qarrej jaqra l-aħħar paragrafu tal-'Kelmtejn Qabel', miktuba mill-avukat George Zammit, li min jafu tajjeb, jafu b'mgħallem fin u tajjeb tas-sengħa tat-tagħlim. Fihom hemm kelmtejn li għan'dhom iqawwu tabilħaqq il-qalb ta' Bro. Henry, kif ukoll ta' l-istudent sabiex jinxteħet għax-xogħol b'qalbu mimlija.

L-ilsien Malti jeħtieġ bennejja. Għalhekk, min ma jistax jew ma jridx jifhimhom, ma għandux għalfejn jistenna s-sawt fuq dak ix-xogħol li biex deher min jaf kemm jaħbi għaraq u taqtigħ ta' qalb. J'Alla r-riżq lill-Bennejja !

Anton Agius Muscat.

**"NIES KBAR MALTIN"** ta' Ivo Muscat Azzopardi, O.S.J., L.P. Dipartiment ta' l-Informazzjoni—Malta, 1963. Paġ. 45.

Lis-Sur Ivo Muscat Azzopardi ilna nafuh bħala bijografu tajjeb għax sa issa ħareġ tliet kotba siewja fuq il-ħajja ta' nies kbar Maltin li rnexxew ħafna. Issa ħareġ din il-ġabra ta' bijografiji ta' persunaġġi kollha ta' demm Malti għalkemm twieldu u trabbew barra din il-Gżira tagħna. L-awtur ħaqqu tifħir għax barra t-tfittix u l-istħarriġ li jagħmel biex isib ħwejjeġ ġodda dwar il-ħajja ta min ikun jikteb, hu jħabrek biex jagħti tagħrif dwar nies li, għalkemm magħrufiin barra, f'Malta ftit jew xejn nafu fuqhom.

F'din il-ġabra, tneħħi lis-Sur Fonsu Marija Galea li twieled, trabba, għex, kiteb u ħadem b'riżq l-ilsien tagħna u għall-ġid tal-Maltin, il-persunaġġi l-oħra, li huma ħamsa, li dwarhom jikteb l-awtur, kollha twieldu barra minn Malta u kibru u għamlu isem bil-ħidma tagħhom fost il-barranin. Dan hu wieħed mill-akbar merti tagħhom għax meta bniedem ikollu għaqal u ħila biex jingħażel fost il-ħlejjaq ta' barranin, jeħtieġlu kapaċità tal-għaġeb u volontà ta' l-azzar.

X'uħud li dejjem issibhom imaqdru dak li hu Malti, jekk jaqraw dan il-ktieb jaraw kemm għandhom tort. Fih insibu nies minn demmna li laħqu l-ogħla quċċata fil-mużka u fil-letteratura u għamlu ġieħ lilna u lill-pajjiżna, isimhom hu miżmum b'għożża kbira u miqjum fl-imkejjen artistiċi tad-dinja kollha.

Hekk minn dan il-ktieb aħna nitgħallmu: li "l-vuċi tat-tenur Iċilio Calleja laħqet il-quċċata tal-fama ta' Tamagno u Caruso"; li l-Mużiċista Joseph George Pisani kien kiseb il-ħbiberija u l-ammirazzjoni ta' Puccini;

li l-kompożizzjonijiet mużikali ta Francesco Azzopardi għamlu furur fl-Italja u fi Franza; li l-Maestro Alexander Greck kiteb fuq l-erbgħin kompożizzjoni li kollha ħarġu "b'succèss fl-ibliet diversi ta' l-Europa" u li Laurent Ropa hu magħdud fost l-aqwa kittieba Franċiżi tal-lum.

Dan il-ktieb stampat tajjeb u bir-ritratti jmissu jinxtara mhux biss għax hu xhieda tal-ħila tal-ġens Malti, imma wkoll għax iqanqal fil-qarrej sens ta' patrijottiżmu, u kull librerija Maltija għandha jkollha kopja.

G.

**"ĠESÙ QED IHABBAT"** ta' Patri Ġ. Delia, S.J. Empire Press, Malta—1963. Paġ. 112.

Il-bniedem ġie maħluq imżejjen b'dik il-qawwa sabiħa li tissejjaħ dehen ħalli biħ ikun jista' jagħraf 'l Alla Verità u hekk jikseb il-ħajja ta' dejjem. Infatti l-ħajja ta' dejjem, kif qal Gesù, mhix ħaġ'oħra ħlief li nagħarfu 'l Alla veru (Gw., 17, 3). Imma biex id-dehen tagħna jkun jista' jinġibed lejn il-verità, li hi l-oġġett tiegħu, irid lil min jurih illi din il-verità hija sabiħa u tajba għalih. U dan huwa x-xogħol ta' dik il-qawwa l-oħra tal-għaġeb li biha hu mżejjen il-bniedem, li tissejjaħ ir-rieda. Ir-rieda mela hija dik li tħajjar u tqanqal id-dehen ħalli jimxi lejn il-verità, jew, fi kliem ieħor, biex jintrefa' lejn Alla u jikkontemplah. U meta d-dehen jikkontempla 'l Alla jkun qed jagħmel dak l-att hekk meħtieġ fil-ħajja tar-ruħ li jissejjaħ talb li, fil-kliem tal-għorrief, mhux ħlief ir-refgħa tal-moħħ lejn Alla.

Fil-kitba tat-talb, u l-aktar ta' dik il-għamla ta' talb li tissejjaħ meditazzjoni li hi taħdit tad-dehen ma' Alla, mhux il-għorrief kollha jżommu triq waħda. Hawn min ifittex li jaħdem minnufih fuq id-dehen billi jagħtih id-dawl ħalli jgħinu biex jagħraf aħjar 'l Alla; oħrajn jagħżlu t-triq tar-rieda billi jħeġġuha ħalli tilmaħ it-tieba t'Alla u b'hekk titħajjar għalih, u hi min-naħa tagħha tqanqal id-dehen. Xi wħud jaħdmu fuq il-moħħ, oħrajn fuq il-qalb. Iż-żewġ triqat huma tajbin, għad li ma jgħoddux għal kulħadd xorta waħda. U għad li l-ewwel waħda hija l-aktar għolja għaliex iżjed taqbel mal-qawwa l-aktar nobbli fil-bniedem, madankollu ħafna kittieba mill-aħjar jagħżlu t-tieni waħda għax jafu kemm hu dgħajjef il-bniedem li minnu nnifsu jxaqleb lejn dik il-għajnuna li l-aktar taqbel man-natura sensibbli tiegħu. Fost dawn insibu lil dak l-imgħallem kbir fil-ħwejjeġ tar-ruħ, il-kittieb ta' l-*Imitazzjoni ta' Kristu*.

Fuq din il-linja mexa wkoll it-twajjeb P. Ġuż. Delia S.J. fil-ktieb sabiħ li għadu kemm tana. Sa mill-ewwel waħda fost it-tletin meditazzjoni li ġabar, il-kittieb iqegħdilna quddiemna x-xbieha ta' Gesù li jiġi *kemm-il darba wara l-bieb tagħna u jħabbat. Mhux wara l-bieb tad-dar. Imma wara l-bieb ta' qalbna.* Fil-meditazzjonijiet l-oħrajn imbagħad ifissrilna bost għamliet li tista' tieħu din it-taħbita divina fuq qalbna: daqqa bħala ħajr biex noqogħdu nitkellmu m'Alla, jew nimxu wara Gesù u nqiegħdu tamitna fih, daqqa biex nistabru fin-niket, nagħarfu ħtijietna, u nfittxu l-Ħobż tal-Ħajja, eċċ. U kollox fil-qosor, fi stil maħlul biex ma jtaqqalx ir-riflessjoni, u biex ma jdejjaqx lil dawk il-bosta li l-lum ma baqgħalhom sabar ta' xejn biex jaqraw u jiggustaw kitba bħal din li tiswielhom ta' ġid tabilħaqq. Barra minn hekk, P. G. Delia, ta' poeta ħlejju li hu, għaraf iżewwaq il-kitba tiegħu b'għadd ta' kwadri poetiċi mxer-

rdin 'l hawn u 'l hinn li jgħinu ħafna biex il-qalb ittiegħem aħjar il-benna u l-moħħ jistgħall aktar is-sbuħija tal-veritajiet imfissra. Il-kelma li jħaddem hija ċara, bla ebda tiġbid bla ħafna tidwir, filwaqt li n-nisġa ta' l-argument ta' kull suġġett hija ħafifa biżżejjed biex tiftiehem malajr minn kull min għandu mqar nitfa rieda tajba biex jimxi 'l quddiem fit-triq ta' l-Imħabba t'Alla, għax għall-erwieħ bħal dawn biss hu miktub il-ktieb.

Għoġobna fl-aħħarnett il-ktieb għall-format ċkejken tiegħu, hekk li tista' tqiegħdu f'butek bla ma jinġumbrahulek biex issibu qribek mhux biss fil-knisja jew fid-dar, iżda wkoll f'dawk il-waqtiet qsar ta' mistrieħ li tieħu matul ix-xogħol, jew fuq il-karrozza, jew fil-passiġġata tiegħek, kif għall-grazzja t'Alla għad baqa' fostna min jagħmel. J'alla kotba bħal dawn narawhom aktar sikwit fl-idejn, l-aktar taż-żgħażagħ tagħna.

v.v.b.

**"L-EWWEL JIEN".** Dramm bi Tliet Atti ta' Ġużè Diacono. Progress Press, Malta.

Mingħajr ebda dubju nistgħu ngħidu li dan hu wieħed mill-aqwa drammi li s'issa tatna l-letteratura Maltija. Il-konċett, il-karattri, id-djalogi fihom forza u naturalezza li timpressjonak.

Dan id-dramm rebaħ it-Tieni premju fil-Konkors 1962 tat-Teatru Manoel, u għal tliet darbiet inħadem b'suċċess f'dan l-istess teatru mill-Malta Drama League. Issa Ġużè Diacono dan id-dramm tahulna fi ktieb, u għamel sewwa, għax b'hekk, permezz ta' l-istampa, illi dramm ikun jista' jikseb ħajja twila kif tabilħaqq tistħoqq lil "L-Ewwel Jien" u fil-futur il-ġenerazzjonijiet ta' warajna jkunu jistgħu jaqrawh, jammiraw il-ġmiel tiegħu, u jkunu jistgħu jaħdmuh fuq il-palk.

Fost il-frieghi kollha tal-letteratura t-teatru l-aktar li ġibed lil Ġużè Diacono. Xogħlijiet ta' traduzzjoni ta' rumanzi għandu ħafna, imma bħala xogħol li tista' tgħid li hu tiegħu għax oriġinali tana biss xogħol tal-palk, xogħol maħsub tajjeb u maħdum b'dak kollu li titlob l-arti tat-teatru modern. Id-dramm hu realista, għalkemm fl-ewwel parti tat-tielet att inqata' minn dan l-istil l-istess kif għalu W. Somerset Maugham fil-play tiegħu "Sheppey" u daħal fis-saltna tal-fantasija. Għalkemm dan jista' jkun difett fl-istil, imma nista' ngħid li dan il-kwadru kif għaraf jinsġu l-awtur kien effettiv ħafna meta rajnieh jinħadem u ħalla impressjoni tajba.

X'inhu r-realiżmu? Ir-realiżmu hu dik l-iskola li tgħallem u turi l-ħajja bl-ikrah u s-sabiħ tagħha, bl-iżbalji u l-preġji tagħha, diżappuntamenti, rebħ, telf, ferħ, uġigħ; fi ftit kliem, il-ħajja kif kienet minn dejjem, għadha u tibqa'. Ebda titjir qalb is-sħab ta' l-immaġinazzjoni, ebda ġiri tal-fantasija qalb labirinti li qatt ma eżistew, imma realtà kiefra, ħarxa, iebsa kif tathielna l-ħajja u kif ġarrbuha l-moħħ u l-qalb matul il-medda taż-żmien. Biex nagħti prova ta' dan li qed ngħid u wieħed ikun jista' jagħmel kuntrast bejn stil u ieħor, insemmi t-tliet drammi ippremjati fil-Konkors tal-Manoel: ta' l-ewwel, "Vaganzi tas-Sajf" ta' Frans Ebejer, jaqtagħna u jeħodna fi sfera ta' immaġinazzjoni u ta' mitoloġija, sfera li ma tmissx ma' din l-art fejn nimxu u ngħixu imma togħla ħafna 'l fuq fejn nistgħu nilħquha biss bil-ħsieb mingħajr ma nistgħu mmissuha b'idejna. Imma ż-żewġ drammi l-oħra "L-Ewwel Jien" ta' Ġużè Diacono u "Il-Kerrejja" tiegħi jpinġu l-ħajja kif inhi

tabilħaqq bil-konflitt ta' l-ideat u tas-sentimenti, u t-tnejn iħallulna riġlejna sħaħ fuq din l-art li mal-ftit tal-ħelu temgħetna l-qrusa u l-imrar. Dan hu r-realiżmu kif tahulna Ġużè Diacono f'"L-Ewwel Jien" u f'"Salib Ħaddieħor".

Is-suġġett jippernja fuq il-konflitt fil-mentalità u l-egoiżmu ta' omm u iben, u jitla' gradatamenì għal climax tassew impressjonanti u effettiv: l-iben igħajjat "Jien qtiltu! Jien qtiltu!" u l-omm mixħuta ma' l-art issejjaħ lil binha u twerżaq u tibki x'ħin tarah jinqata' għal dejjem minn magħha. Fid-djalogi ta' bejn l-omm u l-iben hemm battuti tassew qawwija u sbieħ.

Il-karattri l-oħra, tal-Professur Ġużè Vella, ta' Gina, l-għarusa ta' Victor, u ta' Ġużi, l-avukat żagħżugħ, jorbtu tajjeb ħafna u jagħtu l-ħajja lis-suġġett. Id-djalogu fuq kollox hu mill-iżjed naturali u jżomm bis-saħħa ta' kliem u ideat li jidħlu f'xulxin, moviment li ma jaqta' xejn.

Dan hu dramm li tieħu pjaċir tara daqskemm tiggosta taqra.

ĠUŻE' CHETCUTI.

**"IL-KOMMENDATUR FILOMENI GHARB"** ta' Ivo Muscat Azzopardi, Union Press—1963. Paġ. VIII; 208.

Dan il-ktieb hu ħolqa oħra fis-selsiela ta' ġrajja ta' Bendu Muscat, id-detektif Malti msawwar mis-Sur Ivo Muscat Azzopardi. Dawn il-ġrajja tad-detektif Muscat issa saru magħrufin ħafna mill-qarrejja Maltin li juru interess dejjem akbar għall-avventuri polizjeski. Dawn ix-xorta ta' avventuri kienu neqsin fil-letteratura narrativa Maltija u kull min iħobb jaqrahom kien jeħtieġlu jfittex kotba barranin, imma billi mhux kulħadd jifhem ilsna barranin, bosta u bosta fost il-qarrejja tagħna baqgħu sajmin minn dawn il-ġrajja ta' delitti, tifitix, stħarriġ u tħabrik għall-kixfa tal-ħati.

Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi jistħoqqlu tifħir għax ta lill-qarrejja tagħna mhux ktieb wieħed iżda serje ta' kotba fuq din il-ħidma tad-detektif, jew rumanzi sofor, kif x'uħud isejħulhom, imma hu ħaqqu foħrija ukoll għax f'kull waħda mill-ġrajja żamm livell letterarju. Xi awturi barranin tar-rumanzi sofor aktarx issibhom jiktbu ħorrox borrox, ħsiebhom kif iħaffu kemm jifilħu u jissagrifikaw is-siwi letterarju għat-taħbil ta' l-intriċċi; ħaġa li ma għamilhiex l-awtur ta' Bendu Muscat.

Fuq kollox innotajna koerenza f'dawn il-ġrajja ta' Bendu Muscat: fit-tliet kotba twal u fin-novelli l-qosra, il-karattru tal-persunaġġ prinċipali ma jinbidel qatt, karattru ta' bniedem għaqli, riservat, dħuli imma sħiħ f'għamilu u ċar fi ħsiebu, detektif ta' dehen li jiżen u jerġa' jiżen bir-reqqa kull tentufa li tqajjimlu rispett, fuq kollox jinqeda wkoll bil-mezzi tax-xjenza biex jikxef dak li hu moħbi (nitrat tal-fidda biex itabba' s-swaba' tal-ħalliel. L-aċidu sulforiku biex idewweb u jħerri l-laħam).

Laqatna wkoll il-fatt li f'kull ktieb l-awtur jagħti prominenza lil xi karattru prinċipali. F'"It-Triq id-Dejqa Nru. 313" hemm il-karattru ta' Madame Lucie, kleftomana, f'"Min Ikduq Ilmet in-Nil" hemm Tipotas, traffikant tan-narkotiċi u f'dan il-ktieb insibu lil Geraldu s-seftur fidil tad-detektif u lil dan is-seftur l-awtur qalgħu bil-grazzja kollha bħala bniedem sempliċi fid-drawwiet tiegħu iżda mhux lura minn moħħu, raġel ta' kelmtu u responsabbli, qaddej li jinxteħet fin-nar għas-sinjur tiegħu, sieħeb li dejjem lest biex igħin lil Muscat; fi ftit kliem Geraldu aktar minn qaddej, jidher bħala ħabib intimu tad-detektif anzi xi drabi din il-ħbiberija għandha mill-eżaġerazzjoni.

Fil-każ tal-"Kommendatur Filomeni" donnu hu mnebbaħ mill-fatt ta' John George Haigh, l-assassin Ingliż, li fl-1949 kien ikkundannat

għat-tgħalliq talli qatel lil waħda mara u ħeles mill-katavru tagħha billi xeħtu fl-aċidu biex jitħerra u jispiċċa fix-xejn. Minn dan il-fatt is-Sur Ivo Muscat Azzopardi silet din il-ġrajja tal-"Kommendatur Filomeni" u ġibidha bil-għaqal u bis-sengħa ta' mgħallem, żamm il-kurżità tal-qarrej u ħabbillu moħħu bl-intriċċi.

L-awtur għandu ħabta kif jesponi u jespandi 'd-dettalji u forsi kultant jespandi aktarx fit-tul, imma mbagħad għandu inġenjożità biex idommhom mall-fatt prinċipali. Laqatna wkoll il-mod kif l-awtur inqeda bil-kunjom li Bendu ħa meta kien Napli, biex jinbex il-qarrej. Bendu Muscat biex ma jingħarafx, bidel ismu f'Ġużeppi Azzopardi. Iż-żewġ kunjomijiet flimkien jagħmlu l-kunjom Muscat Azzopardi, tal-awtur!

Is-suġġett tal-ktieb hu miġbud tajjeb u interessanti, iżda l-istampa hi difettuża wisq u tnaqqas mhux ftit mis-siwi tal-ktieb. Hemm ħafna żbalji grammatikali li aktarx ġejjin mill-ittajpjar ħażin u hemm ukoll paragrafi li huma bla sens, e.g. paragrafu 4 u 5 paġna 45 u paragrafu 2 u 4, paġna 95. Dawn u oħrajn huma għiltiet li wieħed jista' jsewwihom f'ħarġa oħra.

L-aħħar osservazzjoni: il-figura ta' Bendu Muscat kif tidher fil-qoxra ta' dan il-ktieb u tal-kotba l-oħra ta' qablu, xejn ma toqgħodlu bħala bniedem ta' 'dehen u tal-galbu. Dak iż-żagħżugħ bis-sigarru f'ħalqu, iħares la ġenbha u bil-kappell stetson mitfugħ lura aktar jagħti lemħa lil xi gangster Amerikan milli lil raġel għaqli Malti!

G

**"ĦREJJEF ESOPU".** Minn Brother Henry, F.S.C. De La Salle Brothers Publications, Malta, 1963. Paġ. VII. 112.

Issa l-letteratura tagħna qiegħda dejjem tistagħna u miexja 'l quddiem; inkitbet poeżija klassika u ħarġet proża mirquma; il-waħda u l-oħra ma jagħmlux għajb lil xogħlijiet bħalhom f'ilsna barranin. Imma għad baqa' ħafna "*lacunae*", l-aktar f'dak li hu qlib ta' opri magħrufin, mid-dinja, f'ilsien Malti.

B'din l-aħħar biċċa xogħol tiegħu, Bro. Henry mela vojt li kien ilu jinħass mill-qarrejja intelliġenti Maltin. Għax il-ħrejjef ta' Esopo l-lum issibhom tradotti f'kull ilsien li laħaq livell letterarju. Din il-biċċa xogħol klassika ma tinqarax biss għall-ġmiel u s-sbuħija tagħha, iżda tinqara wkoll għax taħt sura ferriħija u mexxejja hi għajn ta' għerf u xempju ta' tagħlim li bħalhom id-dinja għadha ftit rat. Il-ħrejjef ta' Esopu jinqraw mhux biex jagħtu gost lill-qarrej imma wkoll biex ipaxxulu moħħu, għax kull ħrafa fiha l-moral tagħha.

Bro. Henry jistħoqqlu kull tifħir mhux biss għax qaleb għall-Malti din l-opra klassika, iżda wisq aktar għax bil-għaqal u bis-sengħa tiegħu, għaraf jagħtiha sura u xejra tassew Maltija u fuq kollox żamm sħiħa dik ix-xejra filosofika li tlebleb u tixgħel f'kull waħda mill-ħrejjef.

Dak li laqatna fit-traduzzjoni ta' Bro. Henry hu l-ħeffa tal-versi li jimxu jew jiġru ħarkiena skond ir-ritmu tal-ġrajja, imma qatt ma jittaqqlu bi kliem jew b'espressjonijiet imħawdin jew imxekklin; fuq kollox hemm l-element idjomatku li jagħti xebh u sura verament Maltin lil din il-biċċa xogħol klassika.

It-traduttur bil-għaqal kollu, għażel il-kelma eżatta biex taqdi l-fehma jew il-ħsieb oriġinali, u mhux bħal ħafna tradutturi oħrajn li jgħawġu l-idea għax ma jafux isibu l-kliem adattat biex ifissruha. Mill-pinna ta' Bro. Henry toħroġ mhux biss is-sura, iżda r-ruħ ta' l-idea oriġinali u dan jitwettaq b'maniera wisq ħelwa u ħafifa. Araw 'din l-istrofa li ġejja kemm fiha tifsira għaqlija u fl-istess ħin kemm tinħass ħafifa u mexxejja fil-widnejn:

*"Mhux immela min jgħid ħafna*
*Hu ta' siwi, jew ħabib;*
*Il-qalbieni dlonk jingħaraf*
*Fit-taqbida, fit-tiġrib".*

U tagħlima bħal din issibu fil-mija u erba' ħrejjef li fih dan il-ktieb. Kittieba Maltin ġie li qalbu għall-Malti xi favoli ta' Esopu, iżda ħadd ma kien indaħal, qabel Bro. Henry biex jaqleb f'ilsienna l-opra kollha ta' dak l-awtur klassiku.

Biex il-ktieb ma jkun jonqsu xejn tassew, ħareġ imżejjen bi stampi sbieħ. Gerada li pinġa dawk l-istampi, jidher li daħal fl-ispirtu tal-ħrejjef għax ta tifsira viswali mill-aħjar, tal-ġrajja u tas-suġġetti. Fuq kollox il-ktieb hu stampat tajjeb u pulit fuq karta ċara u f'għamla li tingħoġob; għalhekk jixraqlu jinqara bil-gost u l-pjaċir u jinżamm fil-librerija Maltin.

G

**"IL-MARSA. STORJA TA' HAMSIN SENA".** Minn Patri Donat O.F.M. Cap. Lux Press—1963. Paġ. 95.

Il-Marsa hu wieħed miċ-ċentri l-aktar importanti ta' Malta kemm għal dak li hu kummerċ, industrja kif ukoll għal dik li hi demografija. imma dak iċ-ċentru laħaq din l-importanza fl-aħħar ħamsin sena għax fil-bidu tas-seklu kien għadu raba' u xatt bi ftit djar u mħażen imxerrdin 'l hawn u 'l hinn. Riedet tkun il-ġenerożità tal-Kavalier Lorenzo Balbi u s-Sinjura tiegħu biex dak il-post jieħu xejra u jimxi 'l quddiem.

Dan kollu naqrawh fil-ktieb interessanti u dokumentarju ta' Patri Donat, il-Kappillan tal-Marsa, li milli jidher, bis-sabar u bil-għaqal, ġabar tagħrif minn kotba qodma u ġodda, qalleb gazzetti u perjodiċi u fela dokumenti biex ħejja dan il-ktieb bħala tifkira ta' egħluq il-ħamsin sena tal-parroċċa tal-Marsa.

Dak li l-aktar laqatna hu l-fatt li l-Marsa kibret bis-saħħa tal-knisja li bena l-Kavalier Balbi. Aħna li niftakru meta tħaffru s-sisien ta' dik il-knisja u mbagħad rajnieha tielgħa filata wara l-oħra, nifhmu li kieku ma nbnietx dik il-knisja, il-Marsa ma kinetx tingħażel parroċċa għaliha u ma kinux iseħħu u jitwettqu fiha dawk l-attivitajiet u dik l-espansjoni li jgħolluha fost l-akbar parroċċi ta' Malta.

Kull min iħobb jaqra fuq Malta għandu jikseb dan il-ktieb u kull min jixtieq jaqra fuq l-iżvilupp soċjali f'artna, għandu jistudja dan il-ktieb mogħni b'tagħrif u dokumenti, miktub tajjeb, imżejjen bi stampi, informattiv u jinqara bil-ħeffa u bil-gost.

G

**"ID-DAWL TAL-HAJJA"** ta' Ġużè Chetcuti. Lux Press, Malta, 1963. Paġ. 157.

Waslitilna copja tat-tieni edizzjoni ta' dan ir-rumanz tant interessanti. F'reċensjoni li kienet deħret fir-raba' numru ta' "Il-Malti" ta' l-1957, kien intqal li b'dan ir-rumanz Ġużè Chetcuti fetaħ triq ġdida fil-qasam letterarju Malti, għax dan ir-rumanz hu mfassal fuq il-għamla moderna tar-rakkonti tal-lum, jiġifieri hu rakkont dinamiku u realistiku fuq il-ħajja ta' żmienna, bil-karattri tan-nies li niltaqgħu magħhom kulljum, bix-xewqat, bil-ħsibijiet, biż-żellumiet tagħhom u bir-reazzjonijiet skond il-kriterji tagħhom. Renè, Marija, Anna, Dun Salv, huma xbihat ta' nies li għexu u batew u raw il-kruha tal-ħajja u l-qirda tal-gwerra u dan kollu ħalla impressjoni fuq ħsiebhom u għamilhom.

L-awtur b'sengħa ta' mgħallem u b'fantażija vivaċi ta' poeta li hu, jinseġ l-avventuri u s-sentimenti tal-persunaġġi tiegħu, imma fl-istess

ħin jiġbed tifkira drammatika taż-żminijiet koroh li għaddew minnhom.

Hawn mhux bi ħsiebna niġbdu fit-tul, għax fl-okkażjoni ta' l-ewwel ħarġa kienet inkitbet reċensjoni twila fuq dan ir-rumanz. F'dik ir-reċensjoni kienet issemmiet il-fehma li dan ir-rumanz jixraqlu jinqara mill-qarrejja Maltin. Issa din it-tieni edizzjoni twettaq dik ix-xewqa u fl-istess ħin hi xhieda tal-popolarità u tas-suċċess ta' dan ir-rumanz.

**"EJJEW NIDHKU FTIT!" Damma ta' Epigrammi Limerikki u Poeżiji Satiriċi u Żuffjettużi.** Ta' Anton Buttigieg. Pp. 58. Malta. Union Press, 1962.

Din hija ġabra ta' versi ta' għamla u fasla ġdida fil-letteratura Maltija, tiftaħ b'introduzzjoni tal-Professur G. Aquilina, li fiha nsibu nfissra l-figura ġdida ta' Buttigieg fil-ġenju poetiku tiegħu, qabel magħruf aktarx bħala Poeta tan-Natura, kif ukoll romantiku f'xi poeżiji tiegħu miktubin f'xi fażi tal-ħajja tiegħu mżewqa u sentimentali.

Jiena naħseb li dak li qal il-Prof. Aquilina, l-awtur ta' l-Istudji Kritiċi ta' xogħlijiet poetiċi ta' poeti xjuħ u żagħżagħ Maltin li l-lum huma mera ta' l-iżvilupp poetiku Malti mill-għeluq tas-seklu Dsatax sal-lum, huwa biżżejjed biex wieħed jifhem il-valur speċjali, fil-poeżija Maltija, ta' din il-ġabra ta' epigrammi li fihom Buttigieg mal-weraq tar-rand ta' Muża romantika żied weraq ieħor li ma jagħmilx għajb lil ta' qablu.

Fost il-poeti Maltin ma kellniex ħlief xi wieħed li kien dewwaqna xi ħaġa minn din il-fergħa ta' versi sarkastiċi, umoristiċi, u dan kien il-magħruf latinista tas-seklu li għadda, Giuseppe Zammit alias *Brighella* (hekk imlaqqam għall-ġurnal tiegħu li ismu stess jixhed is-sarkażmu ta' l-ispirtu brigelljan ta' l-editur). Ma' l-epigrammista Zammit, li kiteb sew epigrammi bil-Latin kemm bit-Taljan, nistgħu ngħoddu wkoll lil Buttigieg, li l-epigrammi tiegħu, naħseb li għandhom xehta iżjed popolari, billi miktubin b'Ilsien il-poplu, bħalma kienu iżjed popolari l-versi ċajtiera bil-Malti ta' Gio-Anton Vassallo milli l-versi bit-Taljan tiegħu stess. L-iskopijiet taż-żewġ epigrammisti fix-xehta ta' versi tagħhom naħseb li mhux 'dejjem insibuhom jaqblu. L-iskopijiet taż-żewġ epigrammisti, Zammit u Buttigieg, li għaxu f'dinja ta' ċirkustanzi soċjali wisq diversi mhux dejjem jiltaqgħu fi triq waħda. Fl-epigrammi ta' Zammit insibu li minn banda l-iskop kien speċifiku, dak li jolqot bi tpattija lil xi ħadd li f'ħajtu ikkastigah, u minn banda l-iskop kien dak biss li jsawwat il-vizzju u d-drawwiet bħal fil-mitt sunett bit-Taljan li kien ħareġ fl-1846. *Instigatur vitia, non homines* kien stqarr Zammit stess fl-epigrafi tal-frontispizju ta' din il-ġabra ta' versi berneski. U hawn li hu u Buttigieg insibu li mxew fuq l-istess triq. Hawn li Buttigieg fil-versi umoristiċi jimxi labranzetta ma' Parini u ma' Gusti, fejn is-sawt tagħhom jolqot xi drawwiet fil-modalità soċjali ta' żmienhom, b'umoriżmu mħallat ma' xi nuskata morali u li bir-riħa qarsa tagħha twieġeb ukoll għall-qawl Latin: *Ludendo castigat mores*.

B'hekk Buttigieg f'dawn l-epigrammi għaraf jagħtina eżempji sbieħ magħġunin b'dik is-sengħa li timxi ma' dak it-tajjeb li nsibu fl-epigrammi ta' Catullo, Marziale, Alamanni u Brignole li fis-sarkażmu u umoriżmu tagħhom hemm iż-żewġ prinċipji tan-nisġa epigrammatika, dik jiġifieri li l-epigramm għandu jqanqal kurżità fil-qarrej għall-għeluq tal-ħsieb tal-poeta, u jkollu għeluq ta' ħsieb spirituż bla ma tistennieh.

F'Il-*Prologu*, Buttigieg għaraf jagħtina l-isbaħ figura simbolika fil-bidla tiegħu ta' poeta marzjali minn għannej pastorali, kif fissrilna tajjeb fil-versi tiegħu:

*Nežżgħuli l-libsa ta' raħħal u l-ħorġa,*
*ħudu s-suffara li saffart ġol-wied.*
*għannejt il-ġmiel tas-siġar u l-egħlieqi,*
*issa ser ngħanni l-ħażen tad-drawwiet.*

U jiffigura ruħu bħala l-buffu jew il-*clown* fil-kummiedja ta' dil-ħajja, ir-*Rigoletto* fil-Qrati tas-Slaten li jdaħħak u jniggeż, iżda mhux jispiċċa biex fil-mestier tiegħu jpatti bid-dmugħ is-swat sarkastiċi tiegħu.

Il-poeta fl-aħħar stro'a ta' din il-preżentazzjoni għaraf bl-iktar sengħa jdawwaqna l-essenza tas-sarkażmu filosofiku ta' l-epigrammi tiegħu.

Fi ftit kliem f'dawn l-epigrammi għandna miġbur f'mera ta' spirtu psikoloġiku dawk id-debollezzi tal-ħajja soċjali tagħna u tagħhom tana l-isbaħ mudelli u li fihom igħallmuna nidħku xi minn daqqiet bina nfusna, u għalhekk b'sarkażmu filosofiku l-poeta jgħidilna fl-aħħar:

*Toboghduniex; iżda idħlu ġewwa fikom,*
*araw kif intom pulċinelli żgħar;*
*jekk jirnexxilkom tidħku ġewwa fikom*
*bikom infuskom tkunu għorrief kbar.*

Għal dik li hi arti prosodika naraw illi f'din il-libsa ġdida li libes il-poeta tan-Natura u tar-Romantiċiżmu, biex il-qarrej itiegħem iżjed ħafif u tajjeb l-ispirtu sarkastiku tal-versi tiegħu, il-poeta 'l hawn u 'l hinn kellu jġenneb ir-reqqa tal-frażi u jerħi xi ftit mill-ilġiem tal-metrika mitluba mill-poeżija lirika. Wara kollox, l-Muża tan-Natura baqgħet lil Buttigieg tfittxu—is-sieħba ta' torbit il-Ġenju poetiku tiegħu li għadu marbut magħha u hi miegħu—kif naraw fl-aħħar ta' din il-ġabra ta' versi epigrammatiċi fil-poeżija "Il-Ħarba mill-Muża".

Dnub li dan il-ktieb li bih il-Poeta tana l-ewwel u l-isbaħ dokument ta' l-Epigramma Maltija ma waqax kollu f'idejn min tassew jaf igħożżu.

28/9/1963. A. Cremona.

## MILL-KRONAKA TAGĦNA

**NIFIRĦU lill-Kavalier IVO MUSCAT AZZOPARDI, P.L., li f'dan ix-xahar ta' Diċembru għalaq Sebgħin Sena li minnhom għadda Ħamsin Sena jikteb bil-Malti u jħabrek biex imexxi 'l quddiem l-Ilsien tagħna.**

**Nixtiqulu għomor twil b'riżq il-Maltin u fl-għożża tal-ħbieb.**

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAL-GĦAQDA

**Ir-Rużarju**—Xandir ta' Kultura Dumnikana.
Vol. XV—Ott.-Diċ., 1963. No. 3.
Editur P. Valentin Barbara, O.P.

**Ħrejjef Esopu** ta' Bro. Henry, F.S.C.
Minn għand l-Awtur

**Grammatika Maltija** ta' Bro. Henry, F.S.C.
Minn għand l-Awtur

**The Way Ahead** ta' Ant. Agius Muscat.
Minn għand l-Awtur

# WERREJ TAS-SENA 1963

**A.Z.**
Rużar Briffa—Poeżiji ... ... ... ... ... ... faċċ. 60

**Abela, Rev. Ġużè**
*Epithalamion* ... ... ... ... ... ... ... „ 82

**Agius, Mario**
*Lil Missieri* ... ... ... ... ... ... ... „ 23

**Agius Muscat, Anton**
"Tibqa' Warajna l-Għanja" ... ... ... ... ... „ 66

**Barbara, Patri Valentin V., O.P.**
L-Aħħar Poeżiji ta' Rużar Briffa ... ... ... ... „ 41
*Fil-Mewt ta' Rużar Briffa* ... ... ... ... ... „ 44

**Borg Pantalleresco, Ġ., P.L.**
*Il-Milied it-Tajjeb* ... ... ... ... ... ... „ 116

**Briffa, Dr. Rużar, B.Sc., M.D.**
*Vjolin Marid* ... ... ... ... ... ... ... „ 53
*Il-Każin Malti* ... ... ... ... ... ... ... „ 53
*Żewġ Poeżiji bla Isem* ... ... ... ... ... ... „ 54-55
Frammenti ... ... ... ... ... ... ... ... „ 56
*Lil F. S. Caruana* ... ... ... ... ... ... ... „ 71

**Buttigieg, Dr. Anton, B.A., LL.D., M.L.A.**
*Meta Qabdu Miegħi l-Irwiefen* ... ... ... ... ... „ 24

**Cardona, Ġużè**
*F'Marsalforn* ... ... ... ... ... ... ... „ 61
*Kellimni fuq Rużar* ... ... ... ... ... ... „ 65
*L-Hena Biss fil-Poeżija* ... ... ... ... ... ... „ 83

**Caruana, F.S.**
*Lil Rużar Briffa* ... ... ... ... ... ... ... „ 72

**Casha, Charles**
Iż-Żgħożija ... ... ... ... ... ... ... „ 114

**Cassar Pullicino, Ġ.**
Tagħniqa Vojta ... ... ... ... ... ... ... „ 87

**Cassola, Kav. Albert M., F.I.L.**
Lil Rużar Briffa, il-Ġenna ... ... ... ... ... „ 57

**Chetcuti, Ġużè**
*Fil-Mewt tat-Tabib Rużar Briffa* ... ... ... ... „ 39

**Cremona, Dr. A., D.Lit.**
Rużar Briffa ... ... ... ... ... ... ... „ 35
Meta l-Mara Tibqa' Tmieri ... ... ... ... ... „ 91
Lista tal-Poeżiji ta' Dun Karm ... ... ... ... „ 117

**De Gabriele, Patri Norbert, O.C.**
*Int ma Tgħid Xejn* ... ... ... ... ... ... facċ. 19

**Delia, Patri Ġ., S.J.**
*In Memoriam* ... ... ... ... ... ... ... ,, 63

**Diacono, Ġużè, P.L.**
L-Aħħar Poeżiji ta' Rużar Briffa ... ... ... ... ,, 46

**Editur**
Il-Malti fir-Radjo u fit-Televiżjoni ... ... ... ... ,, 3
Il-Mewt ta' Rużar Briffa ... ... ... ... ... ,, 15
Il-Poeta Rużar Briffa ... ... ... ... ... ... ,, 33
Il-Papa ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 73
Ħidmiet ta' Membri Akkademiċi ... ... ... ... ,, 84
Mill-Kronaka Tagħna ... ... ... ... ... ... ,, 90-132
Ġużè Micallef ... ... ... ... ... ... ... ,, 124

**Ġ.Ż.A.**
Mill-Ktieb tal-Ħajja ... ... ... ... ... ... ,, 86

**Galea, Prof. Ġużè, M.B.E., D.P.H., F.R.S.H.**
L-Iskola tal-Gvern f'Raħal Nofs Seklu Ilu ... ... ... ,, 105

**Gauci, Mons. Anton, S.Th.D., J.C.D., J.U.B.**
Ir-Rakkonti ta' Mons. L. Vella ... ... ... ... ... ,, 6

**Henry, Bro., F.S.C.**
*L-Għasfur tal-Bejt* ... ... ... ... ... ... ,, 85

**Mejlak, Joe**
*Lil San Ġużepp* ... ... ... ... ... ... ... ,, 84

**Mintoff, Patri D., O.F.M.**
Filosfu ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 21

**Mizzi, Lawrence**
Xtrawlu l-Ħut fil-Baħar ... ... ... ... ... ... ,, 10

**Pisani, Ġorġ**
*Lil Rużar ta' Qalbi* ... ... ... ... ... ... ,, 45

**REĊENSJONIJIET**
Marzu ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 27
Sett.-Diċ. ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 125

**Sciberras, John**
*Epigrammi* ... ... ... ... ... ... ... ,, 75

**Tabone, Prof. Rev. A., J.O.D., et Th. Mor. Lect. Glis. Jub.**
Veritas Offendit ... ... ... ... ... ... ... ,, 20

**Zammit, Dr. George, B.A., B.D., LL.D.**
*Wara l-Anestesija* ... ... ... ... ... ... ... ,, 16

**Zarb Adami, Godfrey**
L-Assedju l-Kbir ... ... ... ... ... ... ... ,, 76